HCCH
HAGUE CONFERENCE ON
PRIVATE INTERNATIONAL LAW
CONFÉRENCE DE LA HAYE
DE DROIT INTERNATIONAL PRIVÉ

Il-Kummissjoni
Ewropea

# Konvenzjoni tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti

## Rapport ta' Spjegazzjoni ta'

Paul Lagarde

# Rapport ta' Spjegazzjoni

# Konvenzjoni tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti

Paul Lagarde

Konvenzjoni u Rakkomandazzjoni adottati mill- Kumitat Speċjali ta' karattru diplomatiku

Ippubblikat minn
**Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat**
**Il-Bureau Permanenti**
Churchillplein 6b
2517 JW L-Aja
In-Netherlands

Telefown: +31 70 363 3303
Faks: +31 70 360 4867
Posta elettronika: secretariat@hcch.net
Sit web: www.hcch.net

© Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat 2017

Drittijiet kollha riżervati. L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista’ tiġi riprodotta, maħżuna f'sistema minn fejn tista’ terġa’ tittella’, jew trażmessa bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, fosthom iffotokopjar jew irreġistrar, mingħajr il-permess bil-miktub tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

Grazzi għall-assistenza ġeneruża tal-Kummissjoni Ewropea/id-DĠ Ġustizzja, ir-Rapport ta’ Spjegazzjoni dwar il-*Konvenzjoni tal-Aja tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti*, ippreparat mill-Professur Paul Lagarde u rivedut fl-2016, ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tal-Ingliż, il-Franċiż, l-Ispanjol u l-Ġermaniż. Il-verżjonijiet bil-Franċiż u bl-Ingliż ġew riveduti minn Paul Lagarde u l-Bureau Permanenti filwaqt li t-traduzzjonijiet bl-Ispanjol u bil-Ġermaniż se jiġu riveduti fil-futur qarib. It-traduzzjoni oriġinali Spanjola tar-Rapport ta’ Spjegazzjoni kienet ġentilment ipprovduta mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin ta’ Spanja u t-traduzzjoni Ġermaniża kienet ġentilment ipprovduta mill-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Uffiċċju Federali tal-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Ta’ min jinnota li t-traduzzjoni Ġermaniża ma kinitx koordinata bejn l-awtoritajiet Awstrijaċi, Ġermaniżi u Żvizzeri. It-traduzzjonijiet ta’ din il-pubblikazzjoni f'lingwi oħra (bl-eċċezzjoni tal-Ispanjol) ma ġewx riveduti mill-Bureau Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

Il-verżjonijiet uffiċjali ta' din il-pubblikazzjoni, bl-Ingliż u bil-Franċiż, huma disponibbli fuq is-sit web tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (www.hcch.net).

ISBN 978-92-79-66988-0

Stampat il-Belġju

# *Daħla*

1 Il-kontenut ta' din l-ktejjeb ġie mislut mill-Proċedimenti tal-Kummissjoni Speċjali b'karattru diplomatiku ta' Settembru – Ottubru 1999, il-Protezzjoni tal-Adulti. Flimkien mal-paġni riprodotti iktar 'il quddiem, din il-pubblikazzjoni fiha d-dokumenti preliminari, rapporti u sommarji ta' diskussjonijiet relatati mal-ħidma tal-Kummissjoni Speċjali b'karattru diplomatiku tal-1999. Il-volum sħiħ jista' jiġi ordnat jew permezz ta' bejjiegħa tal-kotba jew direttament mill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-dritt internazzjonali privat, Churchillplein, 6b, 2517 JW l-Aja, in-Netherlands (posta elettronika: secretariat@hcch.net, fax: +31 70 360 4867).

2 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni mill-Professur Paul Lagarde iservi ta' kummentarju dwar il-Konvenzjoni adottata mill-Kummissjoni Speċjali b'karattru diplomatiku li hija stabbilita fl-Att Finali tat-2 ta' Ottubru 1999.

3 Il-Konvenzjoni ġiet iffirmata fit-13 ta' Jannar 2000 min-Netherlands u, għalhekk, iġġib dik id-data.

4 Din l-edizzjoni riveduta tar-Rapport ta' Spjegazzjoni tinkludi informazzjoni addizzjonali fil-paragrafu 146 fir-rigward tal-konferma tal-poteri ta' rappreżentazzjoni.

5 Il-Konferenza tal-Aja dwar il-liġi internazzjonali privata għandha s-sit web tagħha (www.hcch.net) li tipprovdi informazzjoni dwar il-Konferenza tal-Aja u l-Konvenzjonijiet tal-Aja.

L-Aja, April 2017

# Werrej


**KONVENZJONI** .......................................................................................... **7**

**Rakkomandazzjoni adottata mill-Kummissjoni speċjali ta' natura diplomatika dwar il-protezzjoni tal-adulti** ........................................... **25**

ĊERTIFIKAT ......................................................................................... 27

MIŻURI TA' PROTEZZJONI DWAR ADULT ........................................... 30

INFORMAZZJONI DWAR MIŻURI TA' PROTEZZJONI DWAR ADULT ....... 32

**RAPPORT** .......................................................................................... **35**

# Konvenzjoni

# KONVENZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI TAL-ADULTI

L-Istati firmatarji tal-Konvenzjoni preżenti,
Peress li jqisu l-ħtieġa li jiġi pprovdut għall-protezzjoni f'sitwazzjonijiet internazzjonali ta' adulti li, minħabba diżabbiltà jew nuqqas fil-kapaċitajiet personali tagħhom, ma jinsabux f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom,
Peress li jixtiequ jevitaw kunflitti bejn is-sistemi legali tagħhom, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' miżuri għall-protezzjoni tal-adulti,
Peress li jfakkru fl-importanza ta' kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-adulti,
Peress li jaffermaw li l-interessi tal-adulti u r-rispett għad-dinjità u l-awtonomija tagħhom għandhom ikunu ta' konsiderazzjoni primarja,
Ftiehmu dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin -

## KAPITOLU I — KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-KONVENZJONI

### Artikolu 1

(1) Din il-Konvenzjoni tapplika għall-protezzjoni f'sitwazzjonijiet internazzjonali ta' adulti li, minħabba diżabbiltà jew nuqqas fil-kapaċitajiet personali tagħhom, ma jinsabux f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom.

(2) L-objettivi tagħha huma –

*a)* li tistabbilixxi l-Istat li l-awtoritajiet tiegħu għandhom ġuriżdizzjoni biex jieħdu miżuri diretti lejn il-protezzjoni tal-persuna jew il-proprjetà ta' adult;
*b)* li tistabbilixxi liema liġi għandha tiġi applikata minn dawn l-awtoritajiet fl-eżerċizzju tal-ġuriżdizzjoni tagħhom;
*c)* li tistabbilixxi l-liġi applikabbli għal rappreżentanza tal-adulti;
*d)* li tipprovdi għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' dawn il-miżuri ta' protezzjoni fl-Istati Kontraenti kollha;
*e)* li tistabbilixxi t-tali kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti skont kif jista' jkun meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni.

### Artikolu 2

(1) Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, adult huwa individwu li għalaq it-18-il sena.

(2) Il-Konvenzjoni tapplika wkoll għal miżuri fil-konfront ta' adult li kien għadu ma għalaqx it-18-il sena fiż-żmien meta ttieħdu l-miżuri.

### Artikolu 3

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 jista' jkollhom x'jaqsmu partikolarment ma' —

*a)* id-determinazzjoni tal-inkapaċità u l-bidu ta' reġim protettiv;
*b)* it-tqegħid ta' adult taħt il-ħarsien ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva;

*c)* tutela, kurazija u reġimi simili;
*d)* in-nomina u l-funzjonijiet ta' xi persuni jew korp li għandhom l-inkarigu tal-adult jew tal-proprjetà, ir-rappreżentanza jew l-għajnuna tal-adult;
*e)* it-tqegħid tal-adult fi stabbiliment jew post ieħor fejn tista' tingħata protezzjoni;
*f)* l-amministrazzjoni, iż-żamma u t-trasferiment ta' proprjetà tal-adult;
*g)* l-awtorizzazzjoni ta' intervent speċifiku għall-protezzjoni tal-persuna jew il-proprjetà tal-adult.

**Artikolu 4**

(1) Il-Konvenzjoni ma tapplikax għal –

*a)* l-obbligi ta' manteniment;
*b)* il-formazzjoni, l-annullament u x-xoljiment ta' żwieġ jew kull relazzjoni simili, kif ukoll is-separazzjoni legali;
*c)* ir-reġimi patrimonjali fir-rigward ta' żwieġ jew kull relazzjoni simili;
*d)* trusts jew suċċessjoni;
*e)* is-sigurtà soċjali;
*f)* miżuri pubbliċi ta' natura ġenerali fi kwistjonijiet ta' saħħa;
*g)* miżuri meħuda fir-rigward ta' persuna bħala riżulatat ta' reati penali mwettqa minn dik il-persuna;
*h)* deċiżjonijiet dwar id-dritt ta' ażil u dwar l-immigrazzjoni;
*i)* miżuri diretti biss għas-sikurezza pubblika.

(2) Il-paragrafu 1 ma jaffettwax, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjonijiet msemmija fih, id-dritt ta' persuna li taġixxi bħala rappreżentant tal-adult.

## KAPITOLU II – IL-ĠURIŻDIZZJONI

**Artikolu 5**

(1) L-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-adult għandhom ġuriżdizzjoni biex jieħdu miżuri diretti lejn il-protezzjoni tal-persuna jew il-proprjetà tal-adult.

(2) F'każ ta' bidla tar-residenza abitwali tal-adult fi Stat Kontraenti ieħor, l-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali ġdida għandhom ġuriżdizzjoni.

**Artikolu 6**

(1) Għal adulti li huma rifuġjati u dawk li, minħabba disturbi fil-pajjiż tagħhom, huma internazzjonalment spostati, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li dawn l-adulti jkunu preżenti fit-territorju tiegħu b'riżultat tal-ispostament tagħhom għandhom il-ġuriżdizzjoni prevista fl-Artikolu 5, paragrafu 1.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti japplikaw ukoll għal adulti li r-residenza abitwali tagħhom ma tkunx tista' tiġi stabbilita.

**Artikolu 7**

(1) Ħlief għal adulti li huma rifuġjati jew li, minħabba disturbi eżistenti fl-Istat tan-nazzjonalità tagħhom, huma internazzjonalment spostati, l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li l-adult huwa ċittadin tiegħu għandhom ġuriżdizzjoni li jieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-persuna jew il-proprjetà tal-adult jekk iqisu li huma f'pożizzjoni aħjar sabiex jivvalutaw l-interessi tal-adult, u wara li jkunu taw il-pariri tagħhom lill-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 6, paragrafu 2.

(2) Din il-ġuriżdizzjoni ma għandhiex tiġi eżerċitata jekk l-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 5, l-Artikolu 6, paragrafu 2, jew l-Artikolu 8 ikunu infurmaw lill-awtoritajiet tal-Istat li l-adult ikun ċittadin tiegħu li huma ħadu l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni jew iddeċidew li ma għandha tittieħed l-ebda miżura jew li l-proċedimenti jkunu pendenti quddiemhom.

(3) Il-miżuri meħuda skont il-paragrafu 1 jiskadu malli l-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 5, l-Artikolu 6, paragrafu 2, jew l-Artikolu 8 ikunu ħadu l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni jew iddeċidew li ma għandha tittieħed l-ebda miżura. Dawn l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw b'dan lill-awtoritajiet li ħadu miżuri f'konformità mal-paragrafu 1.

**Artikolu 8**

(1) L-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li għandhom ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 6, jekk iqisu li dan huwa fl-interess tal-adult, jistgħu, fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba mill-awtorità ta' Stat Kontraenti ieħor, jitolbu lill-awtoritajiet ta' wieħed mill-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 2 sabiex jieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-persuna jew il-proprjetà ta' adult. It-talba tista' tkun relatata mal-aspetti kollha jew ma' xi aspetti ta' din il-protezzjoni.

(2) L-Istati Kontraenti li l-awtoritajiet tagħhom jistgħu jiġu indirizzati kif previst fil-paragrafu preċedenti huma:

*a)* Stat li l-adult huwa ċittadin tiegħu;
*b)* l-Istat tar-residenza abitwali preċedenti tal-adult;
*c)* Stat li fih tinsab il-proprjetà tal-adult;
*d)* l-Istat li l-awtoritajiet tiegħu jkunu ġew magħżula bil-miktub mill-adult biex jieħdu miżuri diretti lejn il-protezzjoni tiegħu jew tagħha;
*e)* l-Istat tar-residenza abitwali ta' persuna li hija qrib tal-adult li jkun lest li jidħol għall-protezzjoni tiegħu jew tagħha;
*f)* l-Istat li l-adult huwa preżenti fit-territorju tiegħu, fir-rigward tal-protezzjoni tal-persuna tal-adult.

(3) F'każ li l-awtorità maħtura skont il-paragrafi preċedenti ma taċċettax il-ġuriżdizzjoni tagħha, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li għandhom ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 6 iżommu l-ġuriżdizzjoni.

**Artikolu 9**

L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti fejn tkun tinsab il-proprjetà ta' adult, għandhom ġuriżdizzjoni biex jieħdu miżuri ta' ħarsien fir-rigward ta' dik il-proprjetà, sakemm dawn il-miżuri jkunu kompatibbli ma' dawk meħuda mill-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 8.

**Artikolu 10**

(1) Fil-każijiet kollha ta' urġenza, l-awtoritajiet ta' kull Stat Kontraenti, li fit-territorju tiegħu hija preżenti persuna adulta jew proprjetà li tappartjeni lill-adult, għandhom ġuriżdizzjoni biex jieħdu kull miżura ta' protezzjoni neċessarja.

(2) Il-miżuri meħudin skont il-paragrafu preċedenti f'rigward ta' adult li abitwalment jkun residenti fi Stat Kontraenti għandhom jieqfu malli l-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 9 ikunu ħadu l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni.

(3) Il-miżuri meħuda skont il-paragrafu 1 fir-rigward ta' adult li abitwalment huwa residenti fi Stat mhux Kontraenti jiskadu f'kull Stat Kontraenti malli l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni u li jkunu ttieħdu mill-awtoritajiet ta' Stat ieħor ikunu rikonoxxuti fl-Istat Kontraenti inkwistjoni.

(4) L-awtoritajiet li ħadu miżuri skont il-paragrafu 1 għandhom, fejn possibbli, jinformaw lill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-adult bil-miżuri meħuda.

**Artikolu 11**

(1) B'eċċezzjoni, l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti, li l-adult ikun preżenti fit-territorju tiegħu għandhom ġuriżdizzjoni biex jieħdu miżuri ta' natura temporanja għall-protezzjoni tal-persuna tal-adult li għandhom effett territorjali limitat għall-Istat inkwistjoni, sakemm dawn il-miżuri jkunu kompatibbli ma' dawk diġà meħudin mill-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 8, u wara li jkunu taw il-pariri tagħhom lill-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 5.

(2) Il-miżuri meħudin skont il-paragrafu preċedenti f'rigward ta' adult li abitwalment jkun residenti fi Stat Kontraenti għandhom jieqfu malli l-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 8 jkunu ħadu deċiżjoni fir-rigward tal-miżuri ta' protezzjoni li jistgħu jkunu meħtieġa mis-sitwazzjoni.

**Artikolu 12**

Soġġett għall-Artikolu 7, il-paragrafu 3, il-miżuri meħudin f'applikazzjoni tal-Artikoli 5 sa 9 jibqgħu fis-seħħ f'konformità mat-termini tagħhom, anki jekk bidla fiċ-ċirkostanzi tkun eliminat il-bażi fuq liema kienet iffondata l-ġuriżdizzjoni, sakemm l-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni skont il-Konvenzjoni ma mmodifikawx, bidlu jew temmu dawn il-miżuri.

## KAPITOLU III — LIĠI APPLIKABBLI

### Artikolu 13

(1) Fl-eżerċizzju tal-ġuriżdizzjoni tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II, l-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti għandhom japplikaw il-liġi proprja tagħhom.

(2) Madankollu, sa fejn ikun meħtieġ fir-rigward tal-protezzjoni tal-persuna jew il-proprjetà ta' adult, huma jistgħu eċċezzjonalmet japplikaw jew jieħdu inkunsiderazzjoni l-liġi ta' Stat ieħor li s-sitwazzjoni għandha konnessjoni sostanzjali miegħu.

### Artikolu 14

Fejn miżura meħuda fi Stat Kontraenti wieħed tkun implimentata fi Stat Kontraenti ieħor, il-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tagħha jkunu rregolati mil-liġi ta' dak l-Istat l-ieħor.

### Artikolu 15

(1) L-eżistenza, il-portata, il-modifika u l-estinzjoni tas-setgħat mogħtija minn adult, jew skont ftehim jew permezz ta' att unilaterali, li jiġu eżerċitati meta tali adult mhuwiex f'pożizzjoni li jieħu ħsieb l-interessi tiegħu jew tagħha, huma rregolati mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult fiż-żmien tal-ftehim jew l-att, sakemm waħda mil-liġijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ma tkunx ġiet imsemmija b'mod espliċitu bil-miktub.

(2) L-Istati Membri li l-liġijiet tagħhom jistgħu jiġu indikati huma:

*a)* Stat li l-adult huwa ċittadin tiegħu;
*b)* l-Istat ta' residenza abitwali preċedenti tal-adult;
*c)* l-Istat li fih tinsab il-proprjetà tal-adult, fir-rigward ta' dik il-proprjetà.

(3) Il-mod dwar kif jiġu eżerċitati dawn is-setgħat ta' rappreżentanza huwa rregolat mil-liġi tal-Istat li fih huma eżerċitati.

### Artikolu 16

Fejn is-setgħat ta' rappreżentanza msemmija fl-Artikolu 15 ma jiġux eżerċitati b'mod suffiċjenti biex jiggarantixxu l-protezzjoni tal-persuna jew il-proprjetà ta' adult, jistgħu jiġu rtirati jew modifikati permezz ta' miżuri meħuda minn awtorità li għandha ġuriżdizzjoni skont il-Konvenzjoni. Fejn it-tali setgħat ta' rappreżentanza jiġu rtirati jew immodifikati, il-liġi msemmija fl-Artikolu 15 għandha tiġi kkunsidrata sa fejn ikun possibbli.

### Artikolu 17

(1) Il-validità ta' tranżazzjoni bejn parti terza u persuna oħra li kienet tkun intitolata li taġixxi bħala rappreżentant ta' adult skont il-liġi tal-Istat fejn it-tranżazzjoni kienet konkluża ma tistax tiġi kkontestata, u l-parti terza ma tistax tinżamm responsabbli, għar-raġuni biss li l-persuna l-oħra ma kinitx intitolata li taġixxi

bħala rappreżentant tal-adult skont il-liġi indikata mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, sa fejn il-parti terza kienet taf jew kellha tkun taf li din il-kapaċità kienet irregolata mil-liġi tal-aħħar.

(2) Il-paragrafu preċedenti japplika biss jekk it-tranżazzjoni kienet magħmula bejn persuni preżenti fuq it-teritorju tal-istess Stat.

**Artikolu 18**

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu japplikaw anki jekk il-liġi indikata minnhom hija l-liġi ta' Stat li mhux Kontraenti.

**Artikolu 19**

F'dan il-Kapitolu, it-terminu "liġi" jfisser il-liġi li tkun fis-seħħ fi Stat li ma tkunx l-għażla tiegħu dwar ir-regoli tal-kunflitt tal-liġijiet.

**Artikolu 20**

Dan il-Kapitolu m'għandux jipprekludi l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Istat li fih l-adult jiġi protett meta l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija obbligatorja irrispettivament mil-liġi li kieku tkun applikabbli.

**Artikolu 21**

L-applikazzjoni tal-ligi indikata mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu tista' tiġi rrifjutata biss jekk din l-applikazzjoni tkun manifestament kontrarja għall-ordni pubbliku.

## KAPITOLU IV – RIKONOXXIMENT U EŻEKUZZJONI

**Artikolu 22**

(1) Il-miżuri meħudin mill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti għandhom jiġu rikonoxxuti skont l-operazzjoni tal-liġi fl-Istati Kontraenti l-oħra kollha.

(2) Ir-rikonoxximent jista' madankollu jiġi rrifjutat –

*a)* jekk il-miżura ttieħdet minn awtorità li l-ġuriżdizzjoni tagħha ma kinitx ibbażata fuq, jew ma kinitx f'konformità ma' waħda mir-raġunijiet previsti mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II;
*b)* jekk il-miżura ttieħdet, ħlief f'każ ta' urġenza, fil-kuntest ta' proċediment ġudizzjarju jew amministrattiv, mingħajr ma tkun ingħatat opportunità għall-adult li jinstema', bi ksur ta' prinċipji fundamentali tal-proċedura tal-Istat rikjest;
*c)* jekk jidher ċar li l-imsemmi rikonoxximent huwa kuntrarju għall-politika pubblika tal-Istat rikjest, jew huwa f'konflitt ma' dispożizzjoni tal-liġi ta' dak l-Istat li hija obbligatorja irrispettivament mil-liġi li kieku tkun applikabbli;

*d)* jekk il-miżura tkun inkompatibbli ma' miżura meħuda aktar tard fi Stat mhux Kontraenti li kien ikollu ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 9, fejn din l-aħħar miżura tissodisfa l-ħtiġijiet għar-rikonoxximent fl-Istat rikjest;

*e)* jekk il-proċedura prevista fl-Artikolu 33 ma tkunx ġiet imħarsa.

**Artikolu 23**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22, paragrafu 1, kull persuna interessata tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Kontraenti jiddeċiedu fuq ir-rikonoxximent jew nuqqas ta' rikonoxximent ta' miżura meħuda fi Stat Kontraenti ieħor. Il-proċedura hija rregolata mil-liġi tal-Istat rikjest.

**Artikolu 24**

Kull awtorità kompetenti tal-Istat rikjest hija marbuta bl-aċċertamenti ta' fatt li fuqhom l-awtorità tal-Istat fejn tkun ittieħdet il-miżura bbażat il-ġuriżdizzjoni tagħha.

**Artikolu 25**

(1) Jekk miżuri meħudin fi Stat Kontraenti wieħed u eżegwibbli hemm jeħtieġu eżekuzzjoni fi Stat Kontraenti ieħor, għandhom, fuq talba minn parti interessata, jiġu ddikjarati eżegwibbli jew reġistrati għall-għan ta' eżekuzzjoni f'dak l-Istat l-ieħor f'konformità mal-proċedura prevista fil-liġi tal-Istat tal-aħħar.

(2) Kull Stat Kontraenti għandu japplika proċedura sempliċi u mgħaġġla għad-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew għar-reġistrazzjoni.

(3) Id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew reġistrazzjoni tista' tiġi rrifjutata biss għal waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 22, paragrafu 2.

**Artikolu 26**

Mingħajr preġudizzju għar-reviżjoni kif hija neċċessarja fl-applikazzjoni tal-Artikoli preċedenti, m'għandux ikun hemm reviżjoni tal-merti tal-miżura meħuda.

**Artikolu 27**

Miżuri meħudin fi Stat Kontraenti wieħed u ddikjarati eżegwibbli, jew reġistrati għall-għan ta' eżekuzzjoni, fi Stat Kontraenti ieħor għandhom jiġu eżegwiti fl-Istat tal-aħħar bħalma kieku kienu meħuda mill-awtoritajiet ta' dak l-Istat. L-eżekuzzjoni sseħħ f'konformità mal-liġi tal-Istat rikjest sal-punt previst minn din il-liġi.

## KAPITOLU V — KOOPERAZZJONI

**Artikolu 28**

(1) Stat Kontraenti għandu jinnomina Awtorità Ċentrali għall-qadi tad-dmirijiet li huma imposti mill-Konvenzjoni fuq it-tali awtoritajiet.

(2) L-Istati Federali, l-Istati b'iktar minn sistema legali waħda jew Stati b'unitajiet territorjali awtonomi għandhom ikunu liberi li jaħtru iktar minn Awtorità Ċentrali waħda u għandhom jispeċifikaw il-portata territorjali jew personali tal-funzjonijiet tagħhom. Meta Stat ikun ħatar aktar minn Awtorità Ċentrali waħda, huwa għandu jinnomina l-Awtorità Ċentrali likull komunikazzjoni tista' tiġi indirizzata lilha biex tiġi trażmessa lill-Awtorità Ċentrali adatta f'dak l-Istat.

**Artikolu 29**

(1) L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jikkooperaw flimkien u jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati tagħhom sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-Konvenzjoni.

(2) Huma għandhom, f'konnessjoni mal-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, jieħdu l-passi adatti biex jipprovdu informazzjoni dwar il-liġijiet u s-servizzi disponibbli fl-Istati tagħhom li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-adulti.

**Artikolu 30**

L-Awtorità Ċentrali tal-Istat Kontraenti, jew direttament jew permezz ta' awtoritajiet pubbliċi jew organi oħra, għandha tieħu l-passi xierqa kollha biex —

*a)* tiffaċilita l-komunikazzjonijiet, b'kull mezz, bejn l-awtoritajiet kompetenti f'sitwazzjonijet li l-Konvenzjoni tapplika għalihom;
*b)* tipprovdi, fuq it-talba ta' awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti ieħor, assistenza fl-iskopriment ta' fejn jinsab adult meta jidher li l-adult jista' jkun preżenti u fi bżonn ta' protezzjoni ġewwa t-territorju tal-Istat rikjest.

**Artikolu 31**

L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Kontraenti jistgħu jħeġġu, direttament jew permezz ta' korpi oħrajn, l-użu ta' medjazzjoni, konċiljazzjoni jew mezzi simili biex jinkisbu soluzzjonijiet bi ftehim għall-protezzjoni tal-persuna jew il-proprjetà ta' adult f'sitwazzjonijet li l-Konvenzjoni tapplika għalihom.

**Artikolu 32**

(1) Fejn miżura ta' protezzjoni tkun ikkontemplata, l-awtoritajiet kompetenti skont il-Konvenzjoni, jekk is-sitwazzjoni ta' adulti hekk teħtieġ, jistgħu jitolbu kwalunkwe awtorità ta' Stat Kontraenti ieħor li għandha informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni ta' persuna adulta biex tikkomunika dik l-informazzjoni.

(2) Stat Kontraenti jista' jiddikjara li talbiet skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet tiegħu biss permezz tal-Awtorità Ċentrali tiegħu.

(3) L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Kontraenti jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor biex jassistu fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni meħuda taħt din il-Konvenzjoni.

**Artikolu 33**

(1) Jekk awtorità li għandha ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 8 tikkontempla t-tqegħid ta' adulti fi stabbiliment jew post ieħor fejn il-protezzjoni tista' tiġi pprovduta, u jekk dan it-tqegħid għandux iseħħ fi Stat Kontraenti ieħor, għandha l-ewwel tikkonsulta mal-Awtorità Ċentrali jew awtorità kompetenti oħra ta' dan l-aħħar Stat. Għal dak l-għan, hija tittrażmetti rapport fuq l-adult flimkien mar-raġunijiet għat-tqegħid propost.

(2) Id-deċiżjoni dwar it-tqegħid ma tistax issir fl-Istat rikjest jekk l-Awtorità Ċentrali jew awtorità kompetenti oħra tal-Istat rikjest tindika l-oppożizzjoni tagħha fi żmien raġonevoli.

**Artikolu 34**

F'kull każ fejn l-adult ikun espost għal periklu serju, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Kontraenti fejn miżuri għall-protezzjoni tal-adulti li jkunu ttieħdu jew qed jiġu kkunsidrati, jekk ikunu informati li r-residenza tal-adult nbidlet, jew li l-adult huwa preżenti fi Stat ieħor, għandhom jinformaw lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat l-ieħor dwar il-periklu involut u l-miżuri meħudin jew taħt kunsiderazzjoni.

**Artikolu 35**

Awtorità ma għandhiex titlob jew tittrażmetti kull informazzjoni taħt dan il-Kapitolu jekk li tagħmel dan, fl-opinjoni tagħha, x'aktarx li jpoġġi l-persuna jew il-proprjetà ta' adult f'periklu, jew jikkostitwixxi theddida serja għal-libertà jew il-ħajja ta' membru tal-familja tal-adult.

**Artikolu 36**

(1) Mingħajr preġudizzju għall-possibiltà li jimponu ħlasijiet raġonevoli għall-provvista ta' servizzi, l-Awtoritajiet Ċentrali u awtoritajiet pubbliċi oħra ta' Stati Kontraenti għandhom ibatu l-ispejjeż proprji tagħhom fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

(2) Kull Stat Kontraenti jista' jidħol fi ftehimiet ma' Stat Kontraenti wieħed jew numru ta' Stati Kontraenti oħra dwar l-allokazzjoni ta' ħlasijiet.

**Artikolu 37**

Kull Stat Kontraenti jista' jidħol fi ftehimiet ma' Stat Kontraenti ieħor jew aktar bl-għan li jtejjeb l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom. L-Istati li kkonkludew it-tali ftehim għandhom jibagħtu kopja lid-depożitarju tal-Konvenzjoni.

# KAPITOLU VI – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

## Artikolu 38

(1) L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti fejn tkun ittieħdet miżura ta' protezzjoni jew tkun ġiet ikkonfermata setgħa ta' rappreżentanza jistgħu jipprovdu lill-persuna inkarigata bil-protezzjoni tal-persuna adulta jew tal-proprjetà tagħha, fuq talba, b'ċertifikat li jindika l-kapaċità li fiha dik il-persuna tkun intitolata li taġixxi u l-poteri mogħtija.

(2) Il-kapacitajiet u s-setgħat indikati fiċ-ċertifikat huma meqjusa li jappartjenu lil dik il-persuna sa mid-data taċ-ċertifikat, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja.

(3) Kull Stat Kontraenti għandu jaħtar l-awtoritajiet kompetenti biex iħejju ċ-ċerifikat.

## Artikolu 39

Id-dejta personali miġbura jew trażmessa skont il-Konvenzjoni għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun inġabret jew ġiet trażmessa.

## Artikolu 40

L-awtoritajiet lil-informazzjoni tiġi trażmessa lilhom għandhom jiżguraw l-kunfidenzjalità tagħha, f'konformità mal-liġi tal-Istat tagħhom.

## Artikolu 41

Id-dokumenti kollha mibgħuta jew ikkonsenjati skont din il-Konvenzjoni għandhom ikunu eżenti mil-leġiżlazzjoni jew kull formalità analoga.

## Artikolu 42

Kull Stat Kontraenti jista' jaħtar l-awtoritajiet li t-talbiet għandhom jiġu indirizzati lilhom skont l-Artikolu 8 u l-Artikolu 33.

## Artikolu 43

(1) Id-deżinjazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28 u l-Artikolu 42 għandhom jiġu kkomunikati lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat sa mhux aktar tard mid-data tad-depożitu tal-istrument tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni tal-Konvenzjoni jew l-adeżjoni tagħhom. Kull modifika tagħha għandha wkoll tiġi kkomunikata lill-Uffiċċju Permanenti.

(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 32, il-paragrafu 2, għandha tiġi magħmula lid-depożitarju tal-Konvenzjoni.

**Artikolu 44**

Stat Kontraenti li fih sistemi differenti ta' liġi jew settijiet ta' regoli tal-liġi japplikaw għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-proprjetà ta' adult ma għandhomx ikunu marbutin li japplikaw ir-regoli ta' din il-Konvenzjoni lill-kunflitti unikament bejn it-tali sistemi differenti jew settijiet ta' regoli tal-liġi.

**Artikolu 45**

Fir-rigward ta' Stat fejn japplikaw żewġ sistemi legali jew settijiet ta' regoli tal-liġi jew iktar f'unitajiet territorjali differenti, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet li jaqgħu taħt din il-Konvenzjoni –

*a)* kull referenza għar-residenza abitwali f'dak l-Istat għandha titqies bħala r-residenza abitwali f'unità territorjali;
*b)* kull referenza għall-preżenza tal-persuna adulta f'dak l-Istat għandha titqies bħala li tirreferi għall-preżenza f'unità territorjali;
*c)* kull referenza għall-post tal-proprjetà tal-adult f'dak l-Istat għandha titqies bħala li tirreferi għall-post tal-proprjetà tal-persuna adulta f'unità territorjali;
*d)* kull referenza għall-Istat li persuna hija ċittadina tiegħu għandha tinftiehem bħala li tirreferi għall-unità territorjali magħżula mil-liġi tal-Istat jew, fin-nuqqas ta' regoli rilevanti, għall-unità territorjali li l-persuna adulta għandha l-eqreb konnessjoni magħha;
*e)* kull referenza għall-Istat li l-awtoritajiet tiegħu jkunu ġew magħżula mill-persuna adulta għandha tinftiehem
   – bħala li tirreferi għall-unità territorjali jekk il-persuna adulta tkun għażlet lill-awtoritajiet ta' din l-unità territorjali;
   – bħala li tirreferi għall-unità territorjali li l-persuna adulta ikollha l-eqreb rabta magħha jekk il-persuna adulta tkun għażlet l-awtoritajiet tal-Istat mingħajr ma speċifikat unità territorjali partikolari fi ħdan l-Istat;
*f)* kull referenza għal-liġi ta' Stat li s-sitwazzjoni għandha konnessjoni sostanzjali magħha għandha tiġi mifhuma bħala referenza għal-liġi ta' unità territorjali li s-sitwazzjoni għandha konnessjoni sostanzjali magħha;
*g)* kull referenza għal-liġi jew proċedura jew awtorità tal-Istat li fih il-miżura ttieħdet għandha tiġi mifhuma bħala referenza għal-liġi jew proċedura fis-seħħ fit-tali unità territorjali jew awtorità tal-unità territorjali li fiha din il-miżura tkun ittieħdet;
*h)* kull referenza għal-liġi jew proċedura jew awtorità tal-Istat rikjest għandha tiġi mifhuma bħala referenza għal-liġi jew proċedura fis-seħħ fit-tali unità territorjali jew awtorità tal-unità territorjali li fiha qed jintalab ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni;
*i)* kull referenza għall-Istat fejn miżura ta' protezzjoni għandha tiġi implimentata għandha tinftiehem bħala li tirreferi għall-unità territorjali fejn il-miżura se tiġi implimentata;
*j)* kull referenza għal entitajiet jew awtoritajiet tal-Istat, barra minn Awtoritajiet Ċentrali, għandha tiġi mifhuma bħala li tirreferi għal dawk awtorizzati li jaġixxu fl-unità territorjali relevanti;

**Artikolu 46**

Għall-fini li tiġi identifikata l-liġi applikabbli skont il-Kapitolu III, fejn l-Istat ikun magħmul minn żewġ unitajiet territorjali jew aktar, li kull waħda minnhom ikollha s-sistema legali jew settijiet ta' regoli legali tagħha, fir-rigward tal-kwistjonjiet irregolati minn din il-Konvenzjoni, japplikaw ir-regoli li ġejjin –

*a)* jekk hemm regoli fis-seħħ fit-tali Stat li jidentifikaw liema liġi ta' liema unità territorjali hija applikabbli, tapplika l-liġi ta' dik l-unità;
*b)* fin-nuqqas tat-tali regoli, tapplika l-liġi tal-unità territorjali relevanti kif definita fl-Artikolu 45.

**Artikolu 47**

Sabiex tiġi identifikata l-liġi applikabbli skont il-Kapitolu III, fejn l-Istat li għandu żewġ sistemi legali jew aktar jew settijiet ta' regoli legali applikabbli għal kategoriji differenti ta' persuni fir-rigward ta' kwistjonijiet koperti minn din il-Konvenzjoni, japplikaw ir-regoli li ġejjin –

*a)* jekk hemm regoli fis-seħħ fit-tali Stat li jidentifikaw liema fost it-tali liġijiet hija applikabbli, tapplika dik il-liġi;
*b)* fin-nuqqas ta' dawn ir-regoli, tapplika l-liġi tas-sistema jew tas-sett ta' regoli legali li l-adult għandu l-eqreb konnessjoni miegħu.

**Artikolu 48**

Fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Kontraenti, din il-Konvenzjoni tissostitwixxi l-*Convention concernant l'interdiction et les mesures de protection analogues*, iffirmata fl-Aja fis-17 ta' Lulju 1905.

**Artikolu 49**

(1) Il-Konvenzjoni ma taffettwa l-ebda strument internazzjonali ieħor li l-Partijiet Kontraenti jkunu Partijiet fih u li jkun fih dispożizzjonjiet dwar kwistjonjiet irregolati minn din il-Konvenzjoni, sakemm ma ssirx xi dikjarazzjoni kuntrarja mill-Istati Partijiet f'dan l-istrument.

(2) Din il-Konvenzjoni ma taffettwax il-possibbiltà għal wieħed jew aktar mill-Istati Kontraenti li jikkonkludu ftehimiet li jkun fihom, fir-rigward ta' persuni adulti li s-soltu jkunu residenti f'wieħed mill-Istati Partijiet għal dawn il-ftehimiet, dispożizzjonijiet fuq kwistjonijiet irregolati minn din il-Konvenzjoni.

(3) Il-ftehimiet li għandhom jiġu konklużi minn Stat Kontraenti wieħed jew aktar dwar kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' din il-Konvenzjoni ma jaffettwawx, fir-relazzjoni ta' dawn l-Istati ma' Stati Kontraenti oħra, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

(4) Il-paragrafi preċedenti japplikaw ukoll għal-liġijiet uniformi bbażati fuq rabtiet speċjali ta' natura reġjonali jew ta' tip ieħor bejn l-Istati kkonċernati.

**Artikolu 50**

(1) Il-Konvenzjoni għandha tapplika għall-miżuri biss jekk dawn jittieħdu fi Stat wara li l-Konvenzjoni tkun iddaħħlet fis-seħħ f'dak l-Istat.

(2) Il-Konvenzjoni għandha tapplika għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' miżuri meħuda wara d-dħul fis-seħħ tagħha bejn l-Istat fejn ittieħdu l-miżuri u l-Istat rikjest.

(3) Il-Konvenzjoni għandha tapplika mill-mument tad-dħul fis-seħħ tagħha fi Stat Kontraenti għas-setgħat ta' rappreżentazzjoni mogħtija qabel taħt kondizzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 15.

**Artikolu 51**

(1) Kull komunikazzjoni mibgħuta lill-Awtorità Ċentrali jew lil awtorità oħra ta' Stat Kontraenti għandha tkun fil-lingwa oriġinali, u għandha tkun akkumpanjata bi traduzzjoni għal-lingwa uffiċjali jew għal waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat l-ieħor jew, fejn dan mhuwiex possibbli, traduzzjoni għall-Franċiż jew l-Ingliż.

(2) Madanakollu, Stat Kontraenti jista', billi jagħmel riżerva f'konformità mal-Artikolu 56, joġġezzjona għall-użu tal-Ingliż jew il-Franċiż, iżda mhux tat-tnejn li huma.

**Artikolu 52**

Is-Segretarju Ġenerali tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat għandu jlaqqa' f'intervalli regolari Kummissjoni Speċjali bl-iskop li tirrevedi l-operazzjoni prattika tal-Konvenzjoni.

## KAPITOLU VII - KLAWŻOLI FINALI

**Artikolu 53**

(1) Il-Konvenzjoni għandha tinfetaħ għall-iffirmar mill-Istati li kienu Membri tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fit-2 ta' Ottubru 1999.

(2) Hija għandha tiġi ratifikata, aċċettata jew approvata u l-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Renju tan-Netherlands, id-depożitarju tal-Konvenzjoni.

**Artikolu 54**

(1) Kwalunkwe Stat ieħor jista' jaderixxi mal-Konvenzjoni wara li din tkun daħlet fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 57(1).

(2) L-istrument ta' adeżjoni għandu jiġi ddepożitat mad-depożitarju.

(3) Din l-adeżjoni għandu jkollha effett biss fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-Istat aderenti u dawk l-Istati Kontraenti li ma jkunux ressqu oġġezzjoni għall-adeżjoni tiegħu fis-sitt xhur ta' wara l-irċevuta tan-notifika msemmija fis-sottoparagrafu *b)* tal-Artikolu 59. It-tali oġġezzjoni tista' tiġi mressqa wkoll mill-Istati fil-mument meta dawn jirratifikaw, jaċċettaw jew japprovaw il-Konvenzjoni wara l-adeżjoni. Kull oġġezzjoni tali għandha tiġi nnotifikata lid-depożitarju.

**Artikolu 55**

(1) Jekk Stat għandu żewġ unitajiet territorjali jew aktar li fihom jgħoddu sistemi legali differenti dwar kwistjonijiet trattati f'din il-Konvenzjoni, jista' fiż-żmien tal-firma, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni jiddikjara li l-Konvenzjoni għandha testendi għall-unitajiet territorjali kollha tiegħu jew biss għal wieħed jew aktar minnhom, u jista' jimmodifika din id-dikjarazzjoni billi jissottometti dikjarazzjoni oħra fi kwalunkwe ħin.

(2) Kull dikjarazzjoni tali għandha tiġi nnotifikata lid-depożitarju u għandha tiddikjara espressament l-unitajiet territorjali lil-Konvenzjoni tapplika għalihom.

(3) Jekk Stat ma jagħmel l-ebda dikjarazzjoni skont dan l-Artikolu, il-Konvenzjoni testendi għall-unitajiet territorjali kollha ta' dak l-Istat.

**Artikolu 56**

(1) Kull Stat jista', mhux aktar tard mill-mument tar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni, jew fil-mument li jagħmel id-dikjarazzjoni fit-termini tal-Artikolu 55, jagħmel ir-riżerva prevista fl-Artikolu 51(2). L-ebda riżerva oħra ma għandha tkun permessa.

(2) Kwalunkwe Stat jista' fi kwalunkwe mument jirtira r-riżerva li jkun għamel. L-irtirar għandu jiġi nnotifikat lid-depożitarju.

(3) Ir-riżerva għandha tieqaf milli jkollha effett fl-ewwel jum tat-tielet xahar kalendarju wara n-notifika msemmija fil-paragrafu preċedenti.

**Artikolu 57**

(1) Il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara li jgħaddu tliet xhur mid-depożitu tat-tielet strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni msemmi fl-Artikolu 53.

(2) Minn hemm 'il quddiem il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ –

*a)* Għal kull Stat ieħor li jirratifikaha, jaċċettaha jew japprovaha sussegwentement, fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur wara d-depożitu tal-istrument tagħhom ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni;

*b)* għal kull Stat li jadderixxi ruħu, fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara t-tmiem ta' tliet xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 54, paragrafu 3;

*c)* għal unità territorjali li għaliha tkun ġiet estiża l-Konvenzjoni f'konformità mal-Artikolu 55, fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara li jgħaddu tliet xhur min-notifika msemmija f'dak l-Artikolu.

**Artikolu 58**

(1) Stat Parti għall-Konvenzjoni jista' jiddenunzjaha permezz ta' notifika bil-miktub indirizzata lid-depożitarju. Id-denunzja tista' tkun limitata għal ċerti unitajiet territorjali li l-Konvenzjoni tapplika għalihom.

(2) Id-denunzja ssir effettiva fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza ta' tnax-il xahar wara li d-depożitarju jirċievi n-notifika. Meta fin-notifika jiġi speċifikat perjodu itwal sabiex id-denunzja ssir effettiva, id-denunzja ssir effettiva mal-iskadenza ta' dan il-perjodu itwal.

**Artikolu 59**

Id-depożitarju għandu jinnotifika lill-Istati Membri tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Dritt Internazzjonali Privat, u l-Istati li aderew f'konformità mal-Artikolu 54 b'dan li ġej –

*a)* l-iffirmar, ir-ratifiki, l-aċċettazzjonijiet u l-approvazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 53;
*b)* l-adeżjonijiet u l-oġġezzjonijiet imressqa għall-adeżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 54;
*c)* id-data li fiha l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 57;
*d)* id-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 32(2) u l-Artikolu 55;
*e)* il-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 37;
*f)* ir-riżerva msemmija fl-Artikolu 51(2), u l-irtirar imsemmi fl-Artikolu 56(2);
*g)* id-denunzji msemmija fl-Artikolu 58.

B'xhieda ta' dan, is-sottoskritti, awtorizzati debitament biex jagħmlu dan, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

Magħmul fl-Aja, fit-13-il jum ta' Jannar 2000, fl-ilsien Ingliż u Franċiż, biż-żewġ testi jkunu awtentiċi ndaqs, b'kopja waħda li tiġi ddepożitata fl-arkivji tal-Gvern tar-Renju tan-Netherlands, u li għandha tintbagħat kopja ċertifikata tagħha, permezz ta' mezzi diplomatiċi, lil kull Stat Membru tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

## Rakkomandazzjoni adottata mill-Kummissjoni speċjali ta' natura diplomatika dwar il-protezzjoni tal-adulti

Il-Kummissjoni speċjali b'dan tirrakkomanda lill-Istati Partijiet tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni internazzjonali tal-adulti sabiex jużaw il-formoli li ġejjin għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

# ĊERTIFIKAT

L-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni internazzjonali tal-adulti
Iffirmata fl-Aja fil-[...]

---

**A.** - L-awtorità ffirmata hawn taħt:

Pajjiż: ..........................................................................................................................
Stat - provinċja (skont il-każ): ..................................................................................
Isem tal-awtorità emittenti: .......................................................................................
..........................................................................................................................................
Indirizz: .......................................................................................................................
..........................................................................................................................................
..........................................................................................................................................
Tel.: .......................................Faks: ………………… Indirizz tal-posta elettronika:
……………………………

tiċċertifika li:

☐ ittieħdet miżura ta' protezzjoni
☐ il-validità ta' setgħa ta' rappreżentanza ġiet ikkonfermata
minn: ...........................................................................................................................
..........................................................................................................................................
fid-data: .......................................................................................................................

**B.** - L-adult ikkonċernat :

Kunjom:.......... ……………………………………Isem jew ismijiet: ……………………………
Data u post tat-twelid: ..............................................................................................
Pajjiż ta' residenza abitwali: ....................................................................................
Indirizz: .......................................................................................................................
..........................................................................................................................................
..........................................................................................................................................

**C.** - Id-detentur taċ-ċertifikat:

Kunjom: ……………………………………Isem jew ismijiet: ……………………………………
Data u post tat-twelid: ..............................................................................................
Indirizz: .......................................................................................................................
..........................................................................................................................................
..........................................................................................................................................
Tel.: .......................................Faks: ……………… Indirizz tal-posta elettronika:
………………………………

**C.** - Setgħat tad-detentur taċ-ċertifikat:

**1. -** Id-detentur taċ-ċertifikat jaġixxi fil-kapaċità ta': ..............................................
skont il-liġi li ġejja: ...........................................................................................................

**2 -** Is-setgħat mogħtija lid-detentur taċ-ċertifikat:

a) ☐ jikkonċernaw il-persuna tal-adult u huma:

☐ mingħajr restrizzjoni

☐ ristretti għall-kategoriji ta' atti li ġejjin:

......................................................................................................................
......................................................................................................................
......................................................................................................................

☐ ristretti għall-atti li ġejjin:

......................................................................................................................
......................................................................................................................
......................................................................................................................

☐ Suġġetti għall-awtorizzazzjoni ta': ................................................

b) ☐ jikkonċernaw il-proprjetà tal-adult u huma:

☐ mingħajr restrizzjoni

☐ ristretti għall-kategoriji ta' atti li ġejjin:

......................................................................................................................
......................................................................................................................
......................................................................................................................

☐ ristretti għal:

☐ proprjetà mobbli

☐ proprjetà immobbli

☐ il-proprjetà li ġejja:

......................................................................................................................
......................................................................................................................
......................................................................................................................

☐ suġġetti għall-awtorizzazzjoni ta': ....................................................
......................................................................................................................

Is-setgħat mogħtija lid-detentur taċ-ċertifikat:

☐ jiskadu fid-data: ...........................

☐ huma validi sakemm jiġu emendati jew revokati.

**E.** - Setgħat li jinżammu mill-adult:

a) dwar il-persuna tal-adult:

..............................................................................................................................
..............................................................................................................................
..............................................................................................................................

b) dwar il-proprjetà tal-adult:
..............................................................................................................................
..............................................................................................................................
..............................................................................................................................

Mehmuża maċ-ċertifikat preżenti hemm:

☐ kopja tal-ordni jew setgħa ta' rappreżentanza applikabbli

☐ lista sħiħa tas-setgħat fdati f'idejn id-detentur taċ-ċertifikat u tas-setgħat miżmumin mill-adult:

bil-lingwa: ☐ Maltija ☐ Ingliża

Il-kapaċità u s-setgħat indikati fiċ-certifikat huma meqjusin li jappartjenu lil dik il-persuna, mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-awtorità emittenti.

Fid-data ................................................... fi ................................................

Firma Siġill

**MIŻURI TA' PROTEZZJONI DWAR ADULT**

Il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni internazzjonali tal-adulti
iffirmata fl-Aja fil-[…]

1.-L-Artikolu 8, il-paragrafu1, tal-Konvenzjoni

L-awtorità ffirmata hawn taħt:

.........................................................................................................................................

.........................................................................................................................................

għandha l-unur li tinforma lill-awtorità li ġejja:

.........................................................................................................................................

.........................................................................................................................................

☐ li fuq l-inizjattiva tagħha stess

☐ li fuq talba mingħand l-awtorità li ġejja:

.........................................................................................................................................

.........................................................................................................................................

titlob li jittieħdu miżuri ta' protezzjoni:

☐ fir-rigward tal-persuna tal-adult:

Kunjom: ..................................................Isem jew ismijiet: ..................................

Data u post tat-twelid:

.........................................................................................................................................

Indirizz: ..........................................................................................................................

.........................................................................................................................................

.........................................................................................................................................

☐ dwar il-proprjetà tal-adult

☐ dwar il-proprjetà li ġejja:

.........................................................................................................................................

skont l-Artikolu 8, il-paragrafu 2,

ittra ☐ a, ☐ b, ☐ c, ☐ d, ☐ e, ☐ f, tal-Konvenzjoni.

Magħmula fi ........................ fid-data ......................................

Firma Timbru

**2.** - L-Artikolu 8, il-paragrafu 3, tal-Konvenzjoni:

L-awtorità ffirmata hawn taħt:

.............................................................................................................................................

.............................................................................................................................................

għandha l-unur li twieġeb għat-talba msemmija hawn fuq kif ġej:

- ☐ hija taċċetta l-ġuriżdizzjoni.
- ☐ hija ma taċċettax il-ġuriżdizzjoni.

Magħmula fi ................................... fid-data ...................................

Firma Timbru

**INFORMAZZJONI DWAR MIŻURI TA' PROTEZZJONI DWAR ADULT**

Il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni internazzjonali tal-adulti,
iffirmata fl-Aja fil-[...]

*C*

---

L-awtorità ffirmata hawn taħt:

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................

għandha l-unur li tinforma:

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................

li l-awtorità li ġejja:

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................

**1.** - skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni

☐ tipprevedi miżuri ta' protezzjoni
  ☐ li jikkonċernaw il-persuna tal-adult (art. 7-1)
  ☐ li jikkonċernaw il-proprjetà tal-adult (art. 7-1)

☐ ħadet miżuri ta' protezzjoni (art. 7-2, 7-3)
☐ iddeċidiet li ma għandhomx jittieħdu miżuri (art. 7-2, 7-3)
☐ għandha proċeduri pendenti rigward il-protezzjoni tal-adult (art. 7-2) ;

**2.** - skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni

☐ ħadet miżuri ta' urġenza (art.10-1)
☐ ħadet miżuri ta' protezzjoni (art. 10-2) ;

**3.** - skont l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni

☐ tipprevedi miżuri ta' protezzjoni tal-persuna tal-adult (art. 11-1)
☐ ħadet deċiżjoni fir-rigward tal-miżuri ta' protezzjoni meħtieġa mis-sitwazzjoni;

dwar l-adult li ġej:

Kunjom: .........................................Isem jew ismijiet: ...........................................
Data u post tat-twelid: ..........................................................................................................
Indirizz: ..............................................................................................................................

Kopji tad-deċiżjonijiet rilevanti huma mehmuża:

☐ Iva ☐ Le

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lil:

☐ L-awtorità ffirmata hawn taħt
☐ l-awtorità li ħadet id-deċiżjoni

Magħmula fi ................................... fid-data ...................................

Firma Timbru

# Rapport

# RAPPORT TA' SPJEGAZZJONI DWAR IL-KONVENZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI TAL-ADULTI

imħejji minn Paul LAGARDE

## Werrej


**QAFAS ĠENERALI, LINJI GWIDA PRINĊIPALI U STRUTTURA TAL-KONVENZJONI** .......... **42**
***Storja*** .......... **42**
***Linji gwida prinċipali tal-Konvenzjoni*** .......... **43**
**KUMMENTARJU GĦAL KULL ARTIKOLU DWAR IL-KONVENZJONI** .......... **45**
***Titolu tal-Konvenzjoni u Preambolu*** .......... **45**
**Kapitolu I – Kamp ta' Applikazzjoni tal-Konvenzjoni** .......... 46
**Artikolu 1 (Is-suġġetti tal-Konvenzjoni)** .......... 46
Paragrafu 1 .......... 46
Paragrafu 2 .......... 47
*Subparagrafu a)* .......... 47
*Subparagrafi b) u c)* .......... 47
*Subparagrafi d) u e)* .......... 47
**Artikolu 2 (definizzjoni tat-terminu "adult")** .......... 48
**Artikolu 3 (enumerazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni)** .......... 49
*Subparagrafu a)* .......... 49
*Subparagrafu b)* .......... 50
*Subparagrafu c)* .......... 50
*Subparagrafu d)* .......... 50
*Subparagrafu e)* .......... 50
*Subparagrafu f)* .......... 51
*Subparagrafu g)* .......... 51
**Artikolu 4 (kwistjonijiet esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni)** .......... 51
Paragrafu 1 .......... 52
*Subparagrafu a) (obbligi ta' manteniment)* .......... 52
*Subparagrafu b) (żwieġ)* .......... 52
*Subparagrafu c) (reġimi tal-proprjetà matrimonjali)* .......... 53
*Subparagrafu d) (fondi fiduċjarji u suċċessjonijiet)* .......... 53
*Subparagrafu e) (sigurtà soċjali)* .......... 54
*Subparagrafu f) (saħħa)* .......... 54
*Subparagrafu g) (miżuri konnessi ma' offiżi kriminali)* .......... 55
*Subparagrafu h) (ażil u immigrazzjoni)* .......... 56
*Subparagrafu i) (sigurtà pubblika)* .......... 56
Paragrafu 2 .......... 57

**Kapitolu II – Ġuriżdizzjoni** ... 58
**Artikolu 5 (ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tar-residenza abitwali tal-adult)** ... 59
Paragrafu 1 ... 59
Paragrafu 2 ... 59
**Artikolu 6 (adulti li huma refuġjati, spustati jew mingħajr residenza abitwali)** ... 60
Paragrafu 1 ... 60
Paragrafu 2 ... 60
**Artikolu 7 (ġuriżdizzjoni sussidjarja konkorrenti tal-awtoritajiet tal-Istat tan-nazzjonalità tal-adult)** ... 61
Paragrafu 1 ... 61
Paragrafu 2 ... 62
Paragrafu 3 ... 63
**Artikolu 8 (trasferiment tal-ġuriżdizzjoni lil forum adegwat)** ... 64
Paragrafu 1 ... 64
Paragrafu 2 ... 65
Paragrafu 3 ... 66
**Artikolu 9 (ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà tal-adult)** ... 66
**Artikolu 10 (ġuriżdizzjoni f'każ ta' urġenza)** ... 67
Paragrafu 1 ... 67
Paragrafu 2 ... 68
Paragrafu 3 ... 68
Paragrafu 4 ... 69
**Artikolu 11 (miżuri għall-protezzjoni tal-persuna li huma temporanji u ta' effett territorjali limitat)** ... 69
Paragrafu 1 ... 69
Paragrafu 2 ... 71
**Artikolu 12 (iż-żamma fis-seħħ tal-miżuri fil-każ ta' bidla fiċ-ċirkostanzi)** ... 71
Kummenti finali ... 72
**Kapitolu III – Liġi applikabbli** ... 73
**Artikolu 13 (liġi applikabbli għall-miżuri ta' protezzjoni)** ... 73
Paragrafu 1 ... 73
Paragrafu 2 ... 73
**Artikolu 14 (kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-miżura)** ... 74
**Artikolu 15 (mandat f'każ ta' inkapaċità)** ... 75
Paragrafu 1 ... 75
Paragrafu 2 ... 77
Paragrafu 3 ... 78
**Artikolu 16 (terminazzjoni jew modifika tas-setgħat)** ... 79
**Artikolu 17 (protezzjoni tal-partijiet terzi)** ... 79
**Artikolu 18 (karattru universali tar-regoli dwar l-għażla tal-liġi)** ... 80
**Artikolu 19 (esklużjoni ta' renvoi)** ... 80
**Artikolu 20 (liġijiet obbligatorji)** ... 81

**Artikolu 21 (ordni pubbliku)** ... 81
**Kapitolu IV – Rikonoxximent u Eżekuzzjoni** ... 82
**Artikolu 22 (rikonoxximent u raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent)** ... 82
Paragrafu 1 ... 82
Paragrafu 2 ... 82
*Subparagrafu a)* ... 83
*Subparagrafu b)* ... 83
*Subparagrafu c)* ... 83
*Subparagrafu d)* ... 83
*Subparagrafu e)* ... 84
**Artikolu 23 (azzjoni preventiva għar-rikonoxximent jew in-nuqqas ta' rikonoxximent)** ... 84
**Artikolu 24 (sejbiet ta' fatti ġurisdizzjonali)** ... 85
**Artikolu 25 (dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà)** ... 85
**Artikolu 26 (projbizzjoni tar-reviżjoni fuq il-merti)** ... 86
**Artikolu 27 (infurzar)** ... 86
**Kapitolu V – Kooperazzjoni** ... 86
**Artikolu 28 (ħolqien ta' Awtorità Ċentrali)** ... 87
**Artikolu 29 (obbligu ġenerali ta' kooperazzjoni)** ... 87
**Artikolu 30 (komunikazzjonijiet, lokalizzazzjoni)** ... 87
**Artikolu 31 (medjazzjoni)** ... 88
**Artikolu 32 (talbiet għal informazzjoni konkreta u assistenza fir-rigward ta' adult speċifiku)** ... 88
Paragrafu 1 ... 88
Paragrafu 2 ... 89
Paragrafu 3 ... 89
**Artikolu 33 (kollokamenti transfruntiera)** ... 89
**Artikolu 34 (adult f'periklu serju)** ... 90
**Artikolu 35 (informazzjoni li toħloq riskju għall-adult)** ... 90
**Artikolu 36 (kostijiet)** ... 90
**Artikolu 37 (ftehimiet bejn Stati Kontraenti)** ... 91
**Kapitolu VI – Dispożizzjonijiet Ġenerali** ... 91
**Artikolu 38 (ċertifikat internazzjonali)** ... 91
**Artikolu 39 (protezzjoni tad-dejta personali)** ... 92
**Artikolu 40 (kunfidenzjalità tal-informazzjoni)** ... 93
**Artikolu 41 (dispensa mil-legalizzazzjoni)** ... 93
**Artikolu 42 (nomina tal-awtoritajiet)** ... 93
**Artikolu 43 (komunikazzjoni tan-nomini u d-dikjarazzjonijiet)** ... 93
**Artikoli 44–47 (klawżoli federali)** ... 94
**Artikolu 44 (nuqqas ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni għall-konflitti interni)** ... 94
**Artikolu 45 (konflitti interterritorjali, regoli ġenerali)** ... 94
**Artikolu 46 (konflitti interterritorjali, regoli speċjali dwar il-liġi applikabbli)** ... 95
**Artikolu 47 (konflitti interpersonali, liġi applikabbli)** ... 96
**Artikolu 48 (sostituzzjoni tal-Konvenzjoni tas-17 ta' Lulju 1905)** ... 96

**Artikolu 49 (konflitti ma' Konvenzjonijiet oħra)** .................................... 97
Paragrafu 1 ........................................................................................ 97
Paragrafu 2 ........................................................................................ 97
Paragrafu 3 ........................................................................................ 98
Paragrafu 4 ........................................................................................ 98
**Artikolu 50 (applikazzjoni temporanja tal-Konvenzjoni)** ....................... 98
**Artikolu 51 (lingwa tal-komunikazzjonijiet)** .......................................... 99
**Artikolu 52 (monitoraġġ tal-Konvenzjoni)** ............................................. 99
**Kapitolu VII – Klawżoli finali**.......................................................................... 99
**Artikoli 53-55 (klawżoli finali)** ................................................................. 99

1 L-oriġini tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti tmur lura għad-Deċiżjoni tad-29 ta' Mejju 1993 mill-Istati rrappreżentati fis-Sbatax-il Sessjoni tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat

> "*fl-Aġenda tat-Tmintax-il Sessjoni għandha tiġi inkluża r-reviżjoni tal-*Konvenzjoni tal-5 ta' Ottubru 1961 *dwar is-setgħat tal-awtoritajiet u l-liġi applikabbli fir-rigward tal-protezzjoni tal-minuri, u estensjoni possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni l-ġdida għall-protezzjoni tal-adulti inabilitati.*"[1]

It-Tmintax-il Sessjoni tal-Konferenza wettqet nofs dan il-programm bit-tfassil ta' *Il-Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal*, iżda ma kellhiex il-ħin teżamina mill-qrib il-każ tal-adulti. Barra minn hekk, wara li ġie nnutat li l-ħidma fuq konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-adulti għandha titkompla wara l-adozzjoni ta' dik li saret il-Konvenzjoni tad-19 ta' Ottubru 1996, u wara li ġie kkunsidrat "li laqgħa waħda jew aktar sussegwenti ta' Kumitat Speċjali x'aktarx li jwasslu għall-adozzjoni ta' konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-adulti", hija stabbilixxiet għal dak l-iskop Kumitat Speċjali u ddeċidiet "li l-abbozz tal-Konvenzjoni li għandu jitfassal minn Kumitat Speċjali ta' natura diplomatika għandu jiġi inkluż f'Att Finali li għandu jiġi sottomess għal firma mid-Delegati li jipparteċipaw f'tali Kumitat"[2].

2 Skont dik id-Deċiżjoni, l-Uffiċju Permanenti tal-Konferenza stabbilixxa Kumitat Speċjali li l-ħidma tiegħu ġiet ippreparata minn Grupp ta' Ħidma li ltaqa' fl-Aja mill-14 sas-16 ta' April 1997 taħt il-presidenza tal-Professur Struycken, President tal-Kumitat Permanenti tal-Gvern tan-Netherlands għall-kodifikazzjoni tad-dritt internazzjonali privat. Dan il-Grupp aċċetta minn qabel li kumitat żgħir għall-abbozzar, li ltaqa' fl-Aja fit-13 u fl-14 ta' Ġunju 1997, seta' jfassal abbozz ta' test primarju sabiex jipprovdi bażi għall-ħidma tal-Kumitat Speċjali. Il-Kumitat Speċjali ltaqa' fl-Aja mit-3 sat-12 ta' Settembru 1997. Dan il-Kumitat fassal abbozz ta' konvenzjoni li, flimkien mar-Rapport ta' akkumpanjament,[3] serva bħala bażi għal diskussjoni fil-proċedimenti tal-Kumitat Diplomatiku Speċjali li ltaqa' fl-Aja mill-20 ta' Settembru sat-2 ta' Ottubru 1999. Flimkien mad-delegati mit-30 Stat Membru tal-Konferenza, ppparteċipaw fin-negozjati osservaturi minn 6 Stati oħra, minn żewġ organizzazzjonijiet intergovernattivi u minn 3 organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Fil-bidu tal-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kumitat Diplomatiku ħatar bħala President lis-Sur Eric Clive, delegat tar-Renju Unit, u bħala Viċi Presidenti lis-Sur Andreas Bucher, delegat tal-Iżvizzera, is-Sinjura Gloria F. DeHart, delegata tal-Istati Uniti tal-Amerika, u s-Sur Kurt Siehr, delegat tal-Ġermanja, li diġà kienu jokkupaw dawn il-karigi fil-Kumitat Speċjali, kif ukoll l-Eċċellenza Tiegħu s-Sur Antonio Boggiano, delegat tal-Arġentina, u l-Eċċellenza Tiegħu s-Sur Hua, delegat tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Huwa kkonferma wkoll lis-Sur P. Lagarde, delegat ta' Franza, bħala Rapporteur. Waqt is-sessjoni ġie stabbilit Kumitat għall-Abbozzar taħt il-presidenza tas-Sur Kurt Siehr, delegat tal-Ġermanja,[4] Grupp li

---

1 Att Finali tas-Sbatax-il Sessjoni, Parti B, 1.

2 Att Finali tat-Tmintax-il Sessjoni, Parti B, 2.

3 L-abbozz preliminari u r-Rapport minn Paul Lagarde jiffurmaw id-Dokument Preliminari Nru 2 ta' Ġunju 1998 għall-attenzjoni tal-Kumitat Diplomatiku Speċjali.

4 Apparti l-President tiegħu, ir-Rapporteur u l-Membri tal-Uffiċċju Permanenti, dan il-Kumitat ikkonsista mis-Sinjura G.F. DeHart (Stati Uniti), kif ukoll is-Sinjuri A. Bucher (l-Iżvizzera), S. Danielsen (id-Danimarka) u P. Lortie (il-Kanada), fejn tal-aħħar issostitwiet lis-Sinjura Louise Lussier li kienet irrappreżentat lill-Kanada fil-Kumitat Speċjali.

jeżamina l-klawżoli federali, taħt il-presidenza tas-Sinjura Alegría Borrás, delegata ta' Spanja,[5] u Grupp li jipprepara formoli mudell, taħt il-presidenza tas-Sinjura Marie-Odile Baur, delegata ta' Franza. Il-ħidma tal-Kumitat Diplomatiku ġiet iffaċilitata ħafna permezz tal-ammont sostanzjali ta' dokumenti preliminari diġà disponibbli għall-esperti tal-Kumitat Speċjali tal-1997 mis-Segretarjat tal-Konferenza[6].

Dan ir-rapport huwa relatat mal-*Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti*, adottat b'mod unanimu mill-Istati Membri preżenti fis-Sessjoni Plenarja fit-2 ta' Ottubru 1999.

## QAFAS ĠENERALI, LINJI GWIDA PRINĊIPALI U STRUTTURA TAL-KONVENZJONI

### *Storja*

3 Filwaqt li l-ħidma tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fir-rigward tal-protezzjoni tal-adulti mhijiex tal-istess ordni daqs il-kisbiet tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal f'riskju, madankollu mhijiex negliġibbli u l-kwistjoni kienet suġġett ta' tħassib rikorrenti. Qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija, ir-Raba' Sessjoni adottat il-Konvenzjoni, iffirmata fis-17 ta' Lulju 1905, *concernant l'interdiction et les mesures de protection analogues (dwar l-interdizzjoni u l-miżuri ta' protezzjoni simili),* li għadha fis-seħħ bejn l-Italja, il-Polonja, il-Portugall u r-Rumanija. Bejn iż-żewġ gwerer, is-Sitt Sessjoni, fl-1928, ifformulat ċerti proposti bl-għan li tiġi supplimentata[7]. L-istudju notevoli ta' Bernard Dutoit, li dak iż-żmien kien is-Segretarju tal-Uffiċċju Permanenti, fl-1967 (nota 7 hawn fuq), wassal għal interess mill-ġdid mill-Konferenza dwar is-suġġett, li fil-fatt sar is-suġġett, fl-1979, bejn it-Tlettax u l-Erbatax-il Sessjoni, ta' kwestjonarju mibgħut lill-Istati Membri. Ir-risposti[8] dak iż-żmien ma kinux jissuġġerixxu frekwenza kbira fl-okkorrenza ta' problemi prattiċi dwar il-protezzjoni tal-adulti fl-ordni internazzjonali, u l-laqgħa tal-Kumitat Speċjali fi Frar 1980 li eżamina l-programm futur tal-Konferenza ma komplitx teżaminah.

Minn dak iż-żmien, it-tul tal-ħajja tal-bniedem fl-Istati żviluppati kompla jitwal, flimkien ma' żieda korrispondenti fil-mard marbut mal-età avvanzata. Is-Segretarju Ġenerali tal-Konferenza nnota tbassir magħmul mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, skont liem in-numru ta' persuni fuq is-sittin sena kellu jiżdied minn 600 miljun fl-2001 għal 1.2 biljun fl-2025, u n-numru ta' persuni ta' tmenin sena jew aktar, li bħalissa huwa 50 miljun, se jiżdied għal 137 miljun sal-2025. L-għarfien dwar dawn il-problemi diġà wassal f'ċerti Stati għal

[5] Id-delegazzjonijiet tal-Istati Uniti, il-Kanada, l-Awstralja, il-Messiku u l-Ġermanja kienu rrappreżentati wkoll f'dan il-Kumitat.

[6] Nota dwar il-protezzjoni ta' adulti inabilitati, ippreparata mis-Sur Adair Dyer f'Settembru 1996 (id-Dokument Preliminari Nru 14 għat-Tmintax-il Sessjoni); *Les majeurs protégés en droit international privé et la pratique notariale*, étude de Mme Mariel Revillard għall-Grupp ta' Ħidma; Rapport tal-Grupp ta' Speċjalisti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Adulti Inabilitati u Adulti Vulnerabbli Oħra, ippreparat mis-Sur Eric Clive fuq talba tal-Kunsill tal-Ewropa, 21 ta' Jannar 1997; proposta mid-delegazzjoni Żvizzera, sottomessa fit-tmiem tat-Tmintax-il Sessjoni, li tittrasponi d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ottubru 1996 b'mod kważi litterali fil-każ tal-adulti.

[7] *Actes*, 1928, p. 421, iċċitati minn Dutoit, La protection des incapables majeurs en droit international privé, *Revue critique de droit international privé*, 1967.465, 500-501.

[8] *Atti u Dokumenti tal-Erbatax-il Sessjoni (1980)*, Volum I, *Kwistjonijiet mixxellanji*, pp. 114-147.

riformulazzjoni kompluta tas-sistemi interni għall-protezzjoni tal-adulti li qed isofru minn indeboliment jew insuffiċjenza fil-fakultajiet personali tagħhom[9]. Movimenti naturali fil-popolazzjoni fi żminijiet moderni, u speċjalment in-numru pjuttost għoli ta' persuni li jaslu fl-età tal-irtirar li jiddeċiedu li jqattgħu l-aħħar parti ta' ħajjithom fi klima aktar moderata, ħassbu lill-prattikanti u b'mod partikolari lin-nutara dwar il-fatt li għandu jkollhom regoli tad-dritt internazzjonali privat li huma ċerti. B'mod partikolari, billi l-persuni inkwistjoni spiss ikollhom ċertà proprjetà għad-dispożizzjoni tagħhom, il-prattika notarili qed taffaċċja problemi ta' dritt internazzjonali privat fir-rigward tal-ġestjoni jew il-bejgħ ta' beni li jappartjenu lil dawn il-persuni jew l-immaniġjar ta' wirt li se jirtu.

Id-dehra f'ċerti kodifikazzjonijiet riċenti tad-dritt internazzjonali privat ta' regoli speċifiċi[10] għamlet possibbli li jiġi previst, minħabba tħassib dwar l-armonija internazzjonali, in-negozjar ta' konvenzjoni internazzjonali dwar id-dritt internazzjonali privat rigward din il-kwistjoni. L-opportunità li terġa' titqies din l-idea u li tinbeda l-ħidma ġiet ipprovduta mid-Deċiżjoni meħuda matul is-Sbatax-il Sessjoni, fl-1993, sabiex tiġi riveduta *l-Konvenzjoni tal-5 ta' Ottubru 1961 dwar is-setgħat tal-awtoritajiet u l-liġi applikabbli fir-rigward tal-protezzjoni tal-minuri*. Billi l-problemi huma relatati, mill-inqas fil-livell tekniku, kien raġonevoli li l-esperti governattivi jintalbu jeżaminaw jekk is-soluzzjonijiet li kieku kienu jaċċettaw għall-protezzjoni tat-tfal setgħux jiġu applikati, bl-adattamenti neċessarji, għall-protezzjoni tal-adulti.

## *Linji gwida prinċipali tal-Konvenzjoni*

4 Il-Konvenzjoni ssegwi l-istruttura ġenerali tal-konvenzjoni tad-19 ta' Ottubru 1996 u tadotta, għal diversi punti, l-istess soluzzjonijiet. Dan mhuwiex sorprendenti, peress li ż-żewġ Konvenzjonijiet kienu essenzjalment innegozjati mill-istess esperti governattivi, li l-kompitu speċifiku tagħhom, kif indikat diġà, kien li jikkunsidraw jekk is-soluzzjonijiet adottati mill-Konvenzjoni tal-1996 jistgħux jiġu estiżi għall-protezzjoni tal-adulti.

Bażikament, l-aktar diskussjonijiet importanti kienu bejn, min-naħa waħda, esperti li insistew fuq l-ispeċifiċità tal-problema tal-protezzjoni internazzjonali tal-adulti u li ma xtaqux ikunu marbuta mill-mudell tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, u min-naħa l-oħra, dawk li, konvinti mill-kumplimentarjetà taż-żewġ Konvenzjonijiet, ikkunsidraw li kien neċessarju biss b'mod eċċezzjonali li jitbiedgħu mill-Konvenzjoni tal-1996. Kien fil-qasam tal-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet li d-dibattitu bejn dawn iż-żewġ approċċi kien l-aktar imqanqal. Il-kompromess li ntlaħaq mill-Kumitat Speċjali dwar dan il-punt ma reġax ġie eżaminat mill-Kumitat Diplomatiku.

5 Bħall-Konvenzjoni tal-1996, il-Konvenzjoni tinkludi s-seba' kapitoli li ġejjin: Il-Kamp ta' Applikazzjoni tal-Konvenzjoni; Il-Ġuriżdizzjoni; Il-Liġi applikabbli; Ir-Rikonoxximent u l-Infurzar; Il-Kooperazzjoni; Dispożizzjonijiet ġenerali; Klawżoli

---

[9] Ara, b'mod partikolari, fil-Ġermanja, il-*Betreuungsgesetz* tat-12 ta' Settembru 1990, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1992. Id-delegat Grieg semma liġi Griega tal-1996. Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni Nru R(99)4 tal-Kunsill tal-Ewropa tas-26 ta' Frar 1999 dwar il-Prinċipji rigward il-protezzjoni legali ta' adulti inabilitati.

[10] Pereżempju, il-liġi Żvizzera tat-18 ta' Diċembru 1987, li l-Artikolu 85(2) tagħha jestendi l-Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Ottubru 1961 għall-adulti *mutatis mutandis*. Ara wkoll il-Kodiċi Ċivili ta' Quebec tat-18 ta' Diċembru 1991, Art. 3085, li fil-prinċipju jagħmel is-sistema legali ta' adulti soġġetta għal-liġi tad-domiċilju tagħhom, u l-Liġi tat-Tuneżija tas-27 ta' Novembru 1998, Art. 41, li tagħmel it-tutela tal-persuna taħt diżabilità ġudizzjarja soġġetta għal-liġi nazzjonali tagħha.

finali.

Il-Kapitolu I (l-Artikoli 1-4) jiddefinixxi s-suġġetti tal-Konvenzjoni u l-persuni li tapplika għalihom, tagħti enumerazzjoni illustrattiva iżda pjuttost kompluta tal-miżuri ta' protezzjoni li jaqgħu fi ħdan l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni u jindika, b'mod eżawrjenti, il-kwistjonijiet esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

Il-Kapitolu II dwar il-ġuriżdizzjoni (l-Artikoli 5-12) jitbiegħed ftit mill-mudell tal-1996. Dan il-mudell kien karatterizzat minn xewqa li tiġi evitata, fil-prinċipju, kull kompetizzjoni bejn l-awtoritajiet ta' Stati differenti meta jieħdu miżuri ta' protezzjoni għall-persuna jew il-proprjetà tal-minuri u li tiġi kkonċentrata l-ġuriżdizzjoni għall-vantaġġ tal-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri. Ċerti delegati xtaqu jestendu din is-sistema għall-adulti. Madankollu, dan it-tħassib kien inqas ta' restrizzjoni f'dan il-każ. Għalkemm huwa bla dubju mixtieq li l-protezzjoni tal-adult tkun żgurata mill-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali, għandu jiġi kkunsidrat ukoll li l-adult, b'kuntrast mal-minuri li huwa s-suġġett f'każ ta' tilwim bejn il-ġenituri, mhuwiex, fil-maġġoranza tal-każijiet, l-interess f'kuntest bejn persuni li jixtiequ jeżerċitaw protezzjoni. Huwa rrakkomandat ukoll li ma tiġix ostakolata wisq il-volontà tajba ta' kull min ikun lest li jwettaq dan l-obbligu. Jekk tali persuna ma tgħix fl-istess Stat bħall-adult li għandu jiġi protett, ikun xieraq li din tiġi permessa li tirreferi għall-awtoritajiet li huma l-eqreb tar-residenza tagħha u li ma tiġix limitata milli tieħu azzjoni fl-Istat, forsi 'l bogħod, tar-residenza abitwali tal-adult. Ġie enfasizzat ukoll li l-ġuriżdizzjoni esklussiva tal-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult tista' thedded il-libertà personali tiegħu, speċjalment f'każ li ma jkunx għażel ir-residenza abitwali tiegħu. Din il-kunsiderazzjoni timmilita favur l-ammissjoni ta' ġuriżdizzjoni konkorrenti, tal-inqas għall-awtoritajiet tal-pajjiż tan-nazzjonalità tal-adult.

Il-Kapitolu II jirrifletti wkoll il-kompromess li ntlaħaq fil-Kumitat Speċjali. Filwaqt li l-Artikolu 5 iżomm il-ġuriżdizzjoni prinċipali fl-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult, l-Artikolu 7 jagħti ġuriżdizzjoni konkorrenti, għalkemm subordinata, lill-awtoritajiet li l-adult huwa ċittadin tagħhom. Barra minn hekk, l-Artikolu 8 jippermetti lill-awtoritajiet tal-istat tar-residenza abitwali tal-adult li jitolbu, fl-interessi tal-adult, lill-awtoritajiet tal-Istati l-oħra li jieħdu miżuri ta' protezzjoni. L-Artikolu 9 jagħti ġuriżdizzjoni konkorrenti sussidjarja lill-awtoritajiet tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà tal-adult. L-Artikoli 10 u 11 jirrepetu l-Artikoli 11 u 12 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal għall-każijiet ta' urġenza u għal numru ta' miżuri provviżorji b'effett territorjali limitat.

Il-Kapitolu III dwar il-liġi applikabbli (l-Artikoli 13-21) jadotta l-prinċipju tal-Konvenzjoni tal-1996 li jgħid li kull awtorità li tieħu miżura ta' protezzjoni għandha tapplika l-liġi interna tagħha stess (l-Artikolu 13). Dan jiddetermina wkoll il-liġi applikabbli għas-setgħat ta' rappreżentazzjoni mogħtija minn adult li għandhom jiġu eżerċitati meta tali adult mhuwiex f'pożizzjoni li jipproteġi l-interessi tiegħu stess (l-Artikolu 15).

Il-Kapitolu IV (l-Artikoli 22-27) isegwi mill-qrib ħafna l-mudell tal-Konvenzjoni tal-1996 u jirregola fid-dettall ir-rikonoxximent u l-infurzar fi Stat Kontraenti individwali tal-miżuri ta' protezzjoni li jittieħdu fi Stat Kontraenti ieħor. Dan jiddistingwi b'mod ċar bejn ir-rikonoxximent, id-dikjarazzjoni tal-eżegwibbiltà jew ir-reġistrazzjoni għall-finijiet tal-infurzar, u l-infurzar attwali.

Il-Kapitolu V (l-Artikoli 28-37) jistabbilixxi mekkaniżmu għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Kontraenti, u jsegwi wkoll mill-qrib ħafna l-kapitolu korrispondenti tal-

Konvenzjoni tal-1996. Dan il-mekkaniżmu huwa bbażat, fuq l-eżempju ta' bosta Konvenzjonijiet tal-Aja oħra, fuq il-ħolqien f'kull Stat Kontraenti ta' Awtorità Ċentrali (l-Artikolu 28), li l-obbligi u s-setgħat tagħha huma stabbiliti fl-artikoli sussegwenti.

Il-Kapitolu VI (l-Artikoli 38-52) jinkludi d-dispożizzjonijiet ġenerali maħsuba biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Konvenzjoni, kif ukoll jipproteġu l-kunfidenzjalità tad-dejta u informazzjoni miġbura f'konformità magħhom. Dan jispeċifika wkoll l-applikazzjoni tiegħu fiż-żmien (l-Artikolu 50), għandu l-għan li jipprevjeni konflitti bejn konvenzjonijiet (l-Artikoli 48 u 49) u jittrasponi l-Artikoli 46 sa 49 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal li jindirizzaw l-applikazzjoni tagħha fir-rigward tal-Istati ma' sistemi legali mhux unifikati (l-hekk imsejħa klawżoli federali, l-Artikoli 44-47).

Il-Kapitolu VII (l-Artikoli 53-59) fih il-klawżoli abitwali dwar il-protokoll għall-iffirmar, id-dħul fis-seħħ, l-adeżjoni u d-denunzja tal-Konvenzjoni.

## KUMMENTARJU GĦAL KULL ARTIKOLU DWAR IL-KONVENZJONI

### *Titolu tal-Konvenzjoni u Preambolu*

6 It-titolu *"Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti"* kien preferut mit-titolu itwal tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal. Peress li ma hemmx periklu għall-adulti li jħawdu din il-Konvenzjoni ma' waħda preċedenti, kien vantaġġ kbir li din il-Konvenzjoni tingħata titolu qasir, espressiv u li huwa faċli li wieħed jikkwota.

7 Il-Preambolu pjuttost qasir jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-adulti u li jiġu prijoritizzati l-interessi tal-adult u r-rispett għad-dinjità u l-awtonomija tiegħu/tagħha. Il-Kumitat ma ħebiex il-fatt li l-interessi tal-adult jistgħu kultant ma jaqblux mal-awtonomija tiegħu, iżda billi semmihom it-tnejn, huwa jissuġġerixxi li jipprova jinstab bilanċ bejn dawn iż-żewġ kwistjonijiet.

Il-Kumitat irrifjuta s-suġġeriment minn ċerti delegati li għandha ssir referenza fil-Preambolu għal strumenti internazzjonali oħra, b'mod partikolari l-Patti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Kulturali u Soċjali. Din il-pożizzjoni ma timplika l-ebda sottovalutazzjoni tal-importanza ta' dawn l-istrumenti. Fil-fatt, id-Drittijiet fundamentali tal-adulti li jeħtieġu protezzjoni kienu dejjem tħassib ċentrali tal-Kumitat, iżda dispożizzjonijiet speċifiċi tal-istrumenti msemmija hawn fuq ma jinstabux fid-dibattiti.

## KAPITOLU I – KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-KONVENZJONI

### Artikolu 1 (Is-suġġetti tal-Konvenzjoni)[11]

Paragrafu 1

8 Dan il-paragrafu, li ma għandux ekwivalenti fil-Konvenzjoni tal-1996, jindika mill-bidu li s-suġġett tal-Konvenzjoni huwa *l-protezzjoni* ta' ċerti adulti. Din l-idea ta' protezzjoni sservi bħala gwida u standard biex jiġi definit il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Kif se naraw b'rabta mal-Artikolu 4, dan ifisser li miżura meħuda mill-awtorità ta' Stat taqa' jew ma taqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni skont jekk tkunx immirata jew le lejn il-protezzjoni tal-adulti.

9 Il-paragrafu 1 jiddefinixxi l-adulti li għalihom tapplika l-Konvenzjoni. Dawn huma naturalment dawk li jeħtieġu protezzjoni, iżda sabiex dan il-bżonn ikun pjuttost ċar, il-Kumitat deliberatament evita li f'dan il-paragrafu juża termini ġuridiċi, bħal "parti inkapaċi", li għandha tifsiriet differenti skont il-liġi li qed tiġi kkunsidrata. Għalhekk tqies preferibbli li tinżamm deskrizzjoni fattwali tal-adult li jeħtieġ protezzjoni.

It-test fih żewġ elementi fattwali. L-ewwel wieħed huwa dak ta' "indeboliment jew insuffiċjenza tal-fakultajiet persunali" tal-adult. Il-Konvenzjoni għaldaqstant ma tapplikax għall-protezzjoni tal-vittmi adulti ta' vjolenza esterna, pereżempju nisa msawta. Il-protezzjoni ta' dawn il-vittmi fil-fatt taqa' taħt miżuri tal-pulizija, fis-sens komuni mhux tekniku tat-terminu, u mhux taħt miżuri ta' protezzjoni ġuridiKA. L-adulti li l-Konvenzjoni hija maħsuba li tipproteġi huma dawk b'diżabilità fiżika jew mentali, li qed isofru minn "insuffiċjenza" tal-fakultajiet personali, kif ukoll persuni normalment anzjani, li jsofru minn indeboliment tal-istess fakultajiet, b'mod partikolari persuni li jsofru mill-marda ta' Alzheimer. Għalkemm il-Kumitat ma xtaqx jgħid dan b'mod espliċitu fit-test, sabiex jevita li jsir piż eċċessiv, huwa aċċetta li dan l-indeboliment jew din l-insuffiċjenza jistgħu jkunu permanenti jew temporanji, għaliex jeħtieġu miżura ta' protezzjoni.

Tressqet il-mistoqsija dwar jekk il-każ ta' prodigalità, li f'ċerti liġijiet tista' tkun kawża ta' inkapaċità legali, ġiex kopert minn dawn it-termini. Il-Kumitat ikkunsidra li l-prodigalità minnha nnifisha ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Madankollu tista', meta magħquda ma' fatturi oħra, tkun indikattiva ta' indeboliment fil-fakultajiet personali tal-adult, li jeħtieġ miżura ta' protezzjoni fi ħdan it-tifsira tal-Konvenzjoni.

10 L-insuffiċjenza jew l-indeboliment tal-fakultajiet personali tal-adult għandhom ikunu tali li dan ma jkunx "f'pożizzjoni li jipproteġi l-interessi tiegħu". It-tieni element fid-definizzjoni għandu jinftiehem b'mod ġenerali. It-test jikkunsidra mhux biss l-interessi tal-proprjetà tal-adult, li l-istat fiżiku jew mentali tiegħu jista' jostakolah milli jimmaniġġjaha sew, iżda b'mod aktar ġenerali l-interessi personali u s-saħħa tiegħu. Il-fatt li l-adult jittraskura serjament l-interessi personali jew tal-proprjetà tiegħu jew tal-qraba tiegħu, li huwa responsabbli għalihom, jista' jiżvela wkoll indeboliment tal-fakultajiet personali tiegħu.

---

[11] It-titoli li jidhru b'tipa korsiva wara kull Artikolu msemmi żdiedu mir-Rapporteur sabiex tiżdied il-leġibilità tar-Rapport tiegħu, iżda ma jidhrux fit-test tal-Konvenzjoni.

Il-Kumitat irrifjuta proposta mir-Renju Unit li jiġi kjarifikat li l-inkapaċità tal-adult tista' taffettwa l-fakultajiet mentali tiegħu jew il-ħila tiegħu li jikkomunika[12]. Il-qorti ma għandhiex tkun marbuta min-natura tal-inkapaċità, billi l-ewwel kriterju neċessarjament ikompli jkun il-ħtieġa għall-protezzjoni li tirriżulta minn dik l-inkapaċità.

Wara proposta mid-delegazzjonijiet taċ-Ċina, l-Italja u r-Renju Unit (id-Dokument ta' Ħidma Nru 95), il-Kumitat fittex li jistipula fit-test tal-Artikolu 1, kif kien għamel fil-Preambolu, li l-Konvenzjoni tapplika "f'sitwazzjonijiet internazzjonali". Dan se jkun il-każ meta s-sitwazzjoni tinvolvi aktar minn Stat wieħed. Ir-rekwiżit li s-sitwazzjoni tkun internazzjonali ma għandux jipprevjeni lil Stat b'sistema plurileġiżlattiva milli japplika r-regoli tal-Konvenzjoni għall-konflitti purament interni, kif inhu permess li jagħmel taħt l-Artikolu 44 (ara n-Nru 154 ta' hawn taħt).

Paragrafu 2

**11** Dan il-paragrafu jiddeskrivi s-suġġetti tal-Konvenzjoni u jikkostitwixxi tip ta' werrej għaliha. Huwa prattikament identiku għall-Artikolu korrispondenti fil-Konvenzjoni tal-1996 u jitlob l-istess kummenti.

*Subparagrafu a)*

**12** Il-Konvenzjoni tiddetermina l-Istat li l-awtoritajiet tiegħu għandhom ġuriżdizzjoni iżda mhux l-awtoritajiet kompetenti stess, li jistgħu jkunu ġudizzjarji jew amministrattivi u jistgħu jinsabu f'aktar minn sede wieħed fit-territorju tal-Istat imsemmi. Fit-termini tal-konflitti tal-ġuriżdizzjoni, wieħed jista' jgħid li l-Konvenzjoni tistabbilixxi ġuriżdizzjoni internazzjonali, iżda mhux ġuriżdizzjoni interna.

Il-Konvenzjoni tagħmilha ċar mill-ewwel paragrafu li hija relatata mal-protezzjoni tal-persuna *u tal-proprjetà* tal-adult. Din il-kjarifika hija saħanistra aktar essenzjali għall-adult milli għall-minuri, billi l-kundizzjoni fraġli tal-adult ġeneralment tkompli f'età li fiha jkollu proprjetà li ma tistax titħalla mingħajr ġestjoni.

*Subparagrafi b) u c)*

**13** Dawn iż-żewġ subparagrafi javżaw dwar id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III dwar il-liġi applikabbli. Billi fl-ewwel Artikolu ssemmi d-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għar-rappreżentazzjoni tal-adult, il-Konvenzjoni turi li r-regola rilevanti (l-Artikolu 13) se tkun regola dwar l-għażla tal-liġi u mhux regola ta' rikonoxximent sempliċi.

*Subparagrafi d) u e)*

**14** Dawn iż-żewġ subparagrafi huma ċari u awtosuffiċjenti. Dawn jagħtu avviż dwar il-Kapitoli IV (Rikonoxximent u Infurzar) u V (Kooperazzjoni) tal-Konvenzjoni.

---

12 Dok ta' Ħidma Nru 1, Minuti Nru 1, Nru 23 [ara l-*Proċedimenti tal-Kummissjoni Speċjali b'karattru diplomatiku* (1999), p.224 (minn issa l-quddiem, "Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999)"]

## Artikolu 2 (definizzjoni tat-terminu "adult")

**15** Adult huwa ddefinit mill-Artikolu 2(1) bħala "persuna li leħqet l-età ta' 18-il sena".

Dan il-limitu aktar baxx naturalment jikkoinċidi mal-limitu superjuri għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal. Għaldaqstant problemi ta' distinzjoni bejn il-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ Konvenzjonijiet għall-persuni għandhom jiġu evitati. Pereżempju, filwaqt li fi Stat Kontraenti miżuri speċifiċi għall-protezzjoni tal-adulti jistgħu jittieħdu mill-età ta' 16-il sena, kif ġie ddikjarat fil-każ tal-Iskozja, għandha tapplika l-Konvenzjoni tal-1996 u mhux il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti li jekk tali miżuri jiġu kkontemplati fir-rigward ta' minuri ta' 18-il sena[13].

Il-paragrafu 2 jindirizza l-każ kemmxejn differenti fejn l-awtoritajiet kompetenti, fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1996, ħadu miżuri għall-protezzjoni ta' minuri inkapaċitat, billi pprevedew li dawn il-miżuri se jkomplu jibqgħu effettivi lil hinn mill-età maġġuri tal-minuri[14] jew li kienu se jidħlu fis-seħħ mill-bidu tal-età maġġuri tiegħu[15]. Il-motivazzjoni tal-paragrafu 2 hija li tagħmel il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta-Adulti responsabbli għal dawn il-miżuri ladarba l-minuri jkun għalaq it-18-il sena. Din id-dispożizzjoni hija importanti. B'hekk tiġi evitata interruzzjoni fil-kontinwità bejn iż-żewġ Konvenzjonijiet. Kieku ma ġietx adottata, ma kienx ikun aktar possibbli fl-Istati Kontraenti l-oħra li jiġu rikonoxxuti l-miżuri meħuda matul l-età minuri tal-minuri taħt il-Konvenzjoni tal-1996 skont dik il-Konvenzjoni, li mhijiex applikabbli għall-persuni ta' aktar minn 18-il sena, u lanqas ma setgħu jiġu rikonoxxuti taħt il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti, billi jkunu ttieħdu qabel l-età ta' 18-il sena. Bis-saħħa tal-Artikolu 2(2), meta l-minuri jagħlaq 18-il sena, hija l-Konvenzjoni l-ġdida li se tapplika għar-rikonoxximent ta' dawn il-miżuri preċedenti[16] kif ukoll għall-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Kontraenti l-oħra, u hija din ukoll, naturalment, li se tiddetermina liema awtoritajiet kompetenti huma favur l-abolizzjoni jew il-modifika ta' dawn il-miżuri fejn ikun hemm bżonn.

**16** Fl-estremità l-oħra tal-ħajja, wieħed jista' jistaqsi jekk il-Konvenzjoni l-ġdida tistax tibqa' tiġi applikata wara l-mewt tal-adult protett. Ir-risposta hija, fil-prinċipju, negattiva. Għalhekk, il-Konvenzjoni ma tistax tintuża sabiex tiggarantixxi, pereżempju, ir-rikonoxximent ta' setgħat ta' rappreżentazzjoni wara l-mewt tal-adult. Madankollu, l-applikazzjoni wara l-mewt ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tista' tkun possibbli sakemm tkun relatata mal-atti jew il-miżuri meħuda matul il-ħajja tal-adult, bħall-organizzazzjoni tal-funeral jew il-kanċellazzjoni ta' kuntratti kontinwi, bħal kiri ta' dar.

**17** Skont il-mudell tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, il-Konvenzjoni l-ġdida ma tinkludix dispożizzjoni li tillimita ġeografikament lill-persuni li se tapplika għalihom. Ir-riżultat huwa li l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tagħha jvarja ma' kull dispożizzjoni tagħha. Meta waħda mir-regoli tagħha tagħti ġuriżdizzjoni fuq l-awtoritajiet tar-residenza abitwali ta' adult, hija tapplika għall-adulti kollha li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fi Stat Kontraenti[17]. Meta

---

13 Il-Kumitat irrifjuta emenda proposta mir-Renju Unit (id-Dokument ta' Ħidma Nru 2) favur il-kunsiderazzjoni tal-minuri f'dan il-każ bħala adult fi ħdan it-tifsira tal-Konvenzjoni.

14 Pereżempju, il-"*minorité prolongée*" tal-Art. 487*a* tal-Kodiċi Ċivili Belġjan.

15 Pereżempju, it-"*tutelle anticipé*" prevista mill-Art. 494(2) tal-Kodiċi Ċivili Franċiż.

16 Il-fatt li r-regoli tal-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet mhumiex identiċi fiż-żewġ Konvenzjonijiet jista' jfisser li miżura meħuda mill-awtorità kompetenti taħt il-Konvenzjoni tal-1996 (*eż.* il-forum tad-divorzju) u maħsuba biex testendi lil hinn mill-età maġġuri tal-minuri, ma tistax tiġi rikonoxxuta taħt il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti (ara n-Nru 119 ta' hawn taħt, *ad* Artikolu 22(2)(a)).

17 Skont ir-residenza abitwali fi Stat Kontraenti fil-każ fejn il-Konvenzjoni tagħti ġuriżdizzjoni lill-

regola tal-Konvenzjoni tagħti ġuriżdizzjoni fuq l-awtoritajiet tar-residenza ta' adult, hija tapplika għall-adulti kollha li għandhom ir-residenza tagħhom fi Stat Kontraenti. Meta regola tal-Konvenzjoni tistabbilixxi regola dwar l-għażla tal-liġi dwar ir-rappreżentazzjoni tal-adult, din ir-regola hija, sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor, regola dwar l-għażla tal-liġi universali, bħall-Konvenzjonijiet tal-Aja riċenti kollha dwar l-għażla tal-liġi, applikabbli għall-adulti kollha, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom u r-residenza tagħhom. (ara n-Nri 46, 53 u 82).

## Artikolu 3 (enumerazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni)

**18** Bħall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, dan l-Artikolu jenumera l-kwistjonijiet li l-miżuri ta' protezzjoni tal-adulti huma rilevanti għalihom. Il-Kumitat adatta din il-lista, sa fejn kien meħtieġ, għall-każ tal-adulti, filwaqt li segwa kemm jista' jkun mill-qrib l-abbozz preċedenti, sabiex jiġi evitat li jinqalgħu argumenti *a contrario*.

Peress li miżuri ta' protezzjoni jvarjaw skont kull sistema legali, l-enumerazzjoni mogħtija f'dan l-Artikolu tista' tkun biss illustrattiva. Madankollu, hija tipprova tkopri kamp ta' applikazzjoni wiesgħa ħafna u uħud minn dawn l-elementi jistgħu jkunu superimposti, li ftit tagħmel differenza peress li s-sett ta' regoli li għalihom huma soġġetti huwa l-istess. Huwa kemmxejn inutli, pereżempju, li wieħed jistaqsi jekk istituzzjoni speċifika, bħall-*Betreuung* Ġermaniża, hijiex "sistema protettiva" fit-tifsira tas-subparagrafu *a)*, "istituzzjoni analoga" fit-tifsira tas-subparagrafu *c)* jew "intervent speċifiku" fit-tifsira tas-subparagrafu *g)*, peress li din tikkostitwixxi f'kull każ miżura ta' protezzjoni fit-tifsira tal-Konvenzjoni.

Huwa possibbli wkoll li ċerti miżuri enumerati jistgħu ma jkunux magħrufa f'sistema legali jew oħra. Dan ma jimplikax li huma disponibbli għal kull awtorità li għandha ġuriżdizzjoni taħt il-Konvenzjoni, iżda sempliċiment li jistgħu jittieħdu minn tali awtorità jekk ikunu previsti mil-liġi applikabbli taħt il-Konvenzjoni u li, f'dak il-każ, se jaqgħu fl-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

**19** Finalment, għandu jiġi indikat li t-test jikkonċerna biss il-protezzjoni tal-adulti meta dan iwassal jew ikun wassal għal miżuri ta' protezzjoni. Il-validità tal-istrumenti eżegwiti minn persuna li l-fakultajiet personali tagħha huma indeboliti iżda li ma tkunx saret is-suġġett ta' miżura ta' protezzjoni tibqa' lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Tali validità fil-fatt hija d-demarkazzjoni bejn kapaċità u kunsens, u għalhekk, skont il-kategoriji ġuridiċi, bejn status personali u atti ġuridiċi, li l-Konvenzjoni tal-futur mhijiex maħsuba li tirregola.

*Subparagrafu a)*

**20** F'ċerti sistemi legali, li għadhom pjuttost numerużi, il-livell ta' insuffiċjenza jew indeboliment tal-fakultajiet personali tal-adult jiddetermina l-grad ta' inkapaċità ġuridika u, għalhekk, it-tip ta' sistema protettiva li se jitqiegħed taħtha (interdizzjoni, tutela, kurazija, eċċ). Id-deċiżjoni li l-adult jitqiegħed f'waħda minn dawn il-kategoriji tikkostitwixxi miżura ta' protezzjoni fi ħdan it-termini tal-Konvenzjoni.

Is-sistema protettiva li jirreferi għaliha dan il-paragrafu tista' tkun waħda ġenerali jew tirrelata biss ma' ċerti atti tal-adult, jew ma' qasam tal-attività tiegħu, u l-inkapaċità li jsofri minnha tista' tkun parzjali biss. It-test ma jsemmix

---

awtoritajiet tal-Istat nazzjonali tal-adult; ara hawn taħt, l-Art. 7(1) Nru 59.

espliċitament ir-revoka tal-inkapaċità, iżda l-intenzjoni ċara tal-Kumitat kienet li jinkludiha fil-Konvenzjoni kif ukoll li jobbliga lill-Istati Kontraenti li jirrikonoxxu tali revoka.

*Subparagrafu b)*

21 Il-protezzjoni tal-adult ma tinvolvix neċessarjament dikjarazzjoni tal-inkapaċità tiegħu. L-adult jista' jibqa fil-kontroll tal-affarijiet tiegħu, ikompli jimmaniġġjahom mingħajr l-assistenza ta' parti terza, iżda jitqiegħed "taħt il-protezzjoni ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva" li tista' fejn meħtieġ, pereżempju, tannulla jew twassal għall-annullament ta' ċerti atti tal-passat tal-adult. Dan huwa, b'mod partikolari, is-suġġett tal-istituzzjoni Franċiża ta' "*placement sous sauvegarde de justice*"[18].

*Subparagrafu c)*

22 Il-miżuri ta' protezzjoni jistgħu jkunu rilevanti għat-tutela, il-kurazija jew istituzzjonijiet analogi oħra. Hawnhekk huma involuti sistemi protettivi li huma stabbiliti meta l-adult, skont il-kundizzjoni tiegħu, jeħtieġ li jiġi rrappreżentat fuq bażi kontinwa, jew sempliċiment assistit, sorveljat jew li jingħata pariri dwar l-atti tal-ħajja ċivili.

*Subparagrafu d)*

23 It-termini użati huma wiesgħa ħafna. Il-"persuna jew korp responsabbli għall-persuna jew il-proprjetà tal-adult, li jirrappreżenta jew jgħin lill-adult" jistgħu jkunu tutur, kuratur jew *Betreuer*, iżda jista' jkun ukoll sempliċiment tutur f'dawk il-każijiet fejn ma jkunx tqies bħala neċessarju li tiġi stabbilita tutela sħiħa,[19] jew tutur *ad litem* assenjat biex jirrappreżenta lill-adult f'tilwim li jinvolvi konflitt ta' interess mar-rappreżentant legali, jew saħanistra dar tal-kura jew tal-irtirar imsejħa biex jieħdu deċiżjonijiet mediċi fin-nuqqas tar-rappreżentant legali, eċċ.

*Subparagrafu e)*

24 L-espressjoni "tqegħid tal-adult fi stabbiliment jew post oħra fejn tista' tingħata protezzjoni" hija wiesgħa ħafna u tista' tkopri l-każ fejn din il-miżura tiġi ordnata mingħajr il-kunsens tal-persuna kkonċernata u saħanistra kontra l-volonta tagħha, kif ukoll tqegħid volontarju mingħajr restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-persuna kkonċernata. Ċerti delegazzjonijiet xtaqu jħassru dan il-paragrafu, fuq il-bażi li t-tqegħid spiss huwa ddeterminat minn kunsiderazzjonijiet soċjali, mediċi jew saħansitra tal-politika pubblika, li għandhom jibqgħu lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Maġġoranza kbira[20] ddeċidiet favur li jinżamm il-paragrafu, kemm għaliex huwa diffiċli, fil-qasam tal-protezzjoni, li ssir distinzjoni bejn il-liġi pubblika u l-liġi privata u għall-finijiet ta' simetrija mal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal. Madankollu, jeżistu salvagwardji biex jiġi żgurat li t-tqegħid ma jsirx kontra x-xewqat tal-awtoritajiet tal-Istat tat-tqegħid (l-Artikolu 33, ara n-Nru 138 ta' hawn taħt).

18 Art. 491 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili Franċiż.
19 Ara, pereżempju, l-Art. 499 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż.
20 Bi 11-il vot kontra 2, bi 8 astenzjonijiet, ara l-Minuti Nru 1, Nru 66 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.227]

*Subparagrafu f)*

25 Dan is-subparagrafu għandu importanza prattika kbira għall-adulti. Il-miżuri ta' protezzjoni jistgħu jkunu rilevanti rigward "l-amministrazzjoni, il-konservazzjoni jew il-ħelsien tal-proprjetà tal-adult". Din il-formulazzjoni wiesgħa ħafna tinkludi l-operazzjonijiet kollha li jikkonċernaw il-proprjetà, b'mod partikolari l-bejgħ ta' beni immobbli, il-ġestjoni tat-titoli, l-investimenti, ir-regolazzjoni u l-immaniġġjar ta' wirt riżervat għall-adult.

*Subparagrafu g)*

26 Dan is-subparagrafu jipprevedi sitwazzjoni fejn il-protezzjoni tkun limitata għall-"awtorizzazzjoni ta' intervent speċifiku", pereżempju għal operazzjoni kirurġika jew għall-bejgħ ta' assi.

27 Mil-lista tal-miżuri ta' protezzjoni, il-Kumitat ħassar dik inkluża fl-Artikolu 3 *f)* tal-Konvenzjoni tal-1996 (superviżjoni minn awtorità pubblika għall-kura tal-persuna li għandha tiġi protetta minn kwalunkwe persuna responsabbli għal dik il-persuna), għaliex ma jista' jiġi pprovdut l-ebda eżempju konkret dwar l-utilità tiegħu għall-adulti.

28 Tressqet mistoqsija dwar jekk il-lista ta' miżuri ta' protezzjoni għandhiex tiġi ssupplimentata minn dispożizzjoni li tiddikjara li d-deċiżjoni li ma titteħidx miżura ta' protezzjoni għandhiex titqies ukoll bħala miżura fi ħdan it-tifsira tal-Konvenzjoni[21]. Il-Kumitat ma kkunsidrax li kien hemm skop li tiġi introdotta tali dispożizzjoni fit-test tal-Konvenzjoni, iżda aċċetta l-konsegwenza tagħha, jiġifieri d-dmir tal-Istat Kontraenti li jirrikonoxxi tali deċiżjoni negattiva meħuda mill-awtorità kompetenti ta' wieħed minnhom[22].

## Artikolu 4 (kwistjonijiet esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni)

29 Dan l-Artikolu jenumera ċerti kwistjonijiet jew mistoqsijiet li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Għall-kuntrarju ta' dik tal-Artikolu 3, li jinkludi l-avverbju "b'mod partikolari", din l-enumerazzjoni hija ddettaljata. Kwalunkwe miżura maħsuba għall-protezzjoni tal-persuna jew il-proprjetà ta' adult, li mhijiex eskluża mill-Artikolu 4, taqa' taħt l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

30 Għal darb'oħra, għandu jiġi enfasizzat li l-miżura hija relatata speċifikament mal-protezzjoni tal-adult, inkella, ma hemmx għalfejn ngħidu, taqa' lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant, pereżempju, kwalunkwe kwistjoni relatata man-nazzjonalità tal-adult naturalment taqa' lil hinn mill-Konvenzjoni jew, bl-istess mod, l-għoti ta' danni lill-adult li ġejjin mill-applikazzjoni ta' regoli tar-responsabbiltà ċivili, minbarra fir-rigward tad-determinazzjoni tal-persuna li għandha kapaċità li tiġbor is-somom mogħtija u, fejn meħtieġ, tużahom. Fl-istess ħin, jidher li dak li kultant jissejjaħ "*capacité délictuelle*" tal-adult inkapaċitat, jiġifieri l-kapaċità tiegħu li jinżamm ċivilment responsabbli għal atti li jirriżultaw f'danni kkawżati minnu, għandu jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni u għandu jaqa' taħt l-intestatura tar-responsabbiltà. Huwa mhuwiex relatat mal-miżuri għall-protezzjoni ta' adult li jwettaq att delittwali.

---

21 Ara dwar dan id-Dok ta' Ħidma Nru 84 tad-delegazzjoni Ġappuniża.
22 Ara pereżempju l-Art. 7(3).

**31** L-esklużjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 għandhom ġustifikazzjonijiet li huma differenti minn xulxin. Uħud minnhom huma relatati mal-fatt li l-kwistjoni esklużа hija diġà rregolata minn konvenzjonijiet oħra jew li r-regoli tal-Konvenzjoni, b'mod partikolari n-nuqqas li ssir distinzjoni fil-prinċipju bejn *il-forum* u *d-dritt*, ma jkunux adegwati. Fil-każ ta' esklużjonijiet oħra, li jolqtu l-liġi pubblika, ma deherx possibbli li tiġi imposta fuq l-Istati Kontraenti, fi kwistjonijiet li jolqtu interessi essenzjali (il-liġi kriminali, l-immigrazzjoni), restrizzjoni tat-trattat fuq il-ġuriżdizzjoni tagħhom.

Paragrafu 1

*Subparagrafu a) (obbligi ta' manteniment)*

**32** Iż-żewġ Konvenzjonijiet tal-Aja tat-2 ta' Ottubru 1973 jirregolaw il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment (appoġġ) kif ukoll ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet fir-rigward tagħhom. Barra minn hekk, il-Konvenzjonijiet ta' Brussell u ta' Lugano jirregolaw, fost Stati tal-Unjoni Ewropea u tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, l-assunzjoni tal-ġuriżdizzjoni fir-rigward tal-obbligi ta' manteniment, kif ukoll ir-rikonoxximent u l-infurzar. Dwar dawn il-kwistjonijiet il-Konvenzjoni l-ġdida għaldaqstant kienet tkun inutli jew sors ta' konflitt tal-konvenzjonijiet. L-esklużjoni tal-obbligi ta' manteniment għalhekk kienet neċessarja.

*Subparagrafu b) (żwieġ)*

**33** L-esklużjoni taż-żwieġ hija ġġustifikata mix-xewqa li jiġi evitat il-konflitt mal-*Konvenzjoni tal-14 ta' Marzu 1978 dwar iċ-Ċelebrazzjoni u r-Rikonoxximent tal-Validità taż-Żwiġijiet*. L-Artikolu 11, Nru 4 ta' din il-Konvenzjoni jippermetti lil Stat Kontraenti li ma jirrikonoxxix il-validità ta' żwieġ jekk, taħt il-liġi tiegħu, wieħed mill-konjuġi ma kellux il-kapaċità mentali biex jagħti l-kunsens. L-inklużjoni taż-żwieġ fi ħdan il-Konvenzjoni l-ġdida ser tobbliga lil dan l-Istat li jirrikonoxxi l-validità ta' tali żwieġ li kieku ġie konkluż skont miżura protettiva li tikkonforma magħha, li jista' jikkontradixxi l-Konvenzjoni tal-1978.

Il-Konvenzjoni titratta "relazzjonijiet simili" fuq l-istess livell maż-żwieġ sabiex teskludihom mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Għalkemm ma ssemmihomx, hija riedet li din l-espressjoni tfisser il-forom ta' unjoni rikonoxxuti uffiċjalment, kemm eterosesswali kif ukoll omosesswali, bħas-sħubija rreġistrata fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Nordiċi u n-Netherlands jew il-patt ċivili ta' solidarjetà ("*pacte civil de solidarité*" - "PACS") li minn dakinhar ġie introdott fil-liġi Franċiża[23].

**34** L-esklużjoni tkopri l-iffurmar, l-annullament jew ix-xoljiment tal-unjoni kif ukoll, fil-każ taż-żwieġ biss, is-separazzjoni legali. Għaldaqstant il-Konvenzjoni mhux se tapplika fil-kwistjoni dwar jekk persuna b'diżabilità mentali tistax tikkuntratta żwieġ jew le, jew jekk inkapaċità li qiegħda jew li tiġi żvelata tard f'wieħed mill-konjuġi tistax tkun bażi għal annullament jew xoljiment taż-żwieġ.

**35** Min-naħa l-oħra l-Konvenzjoni tapplika għall-effetti taż-żwieġ u relazzjonijiet simili. Il-Kumitat irrifjuta l-proposti kollha li jippruvaw jeskluduwhom. Fil-fatt, deher li r-regoli kollha li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn is-sħab u partikolarment ir-rappreżentazzjoni bejn sħab indipendenti tar-reġim tal-proprjetà matrimonjali applikabbli, kellhom jiġu inklużi fil-Konvenzjoni *sakemm ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tas-sieħeb marid*. Fil-każ kuntrarju, l-esklużjoni tirriżulta mill-Artikolu

---

[23] Liġi Nru 99-944 tal-15 ta' Novembru 1999.

1(1). Għalhekk, l-awtorizzazzjoni li sieħeb jista' jitlob minn qorti li jirrappreżenta s-sieħeb tiegħu li mhuwiex f'pożizzjoni li jindika x-xewqat tiegħu (l-Artikolu 219 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż) hija miżura ta' protezzjoni fit-tifsira tal-Konvenzjoni, għaliex kienet maħsuba għas-sieħeb marid. Min-naħa l-oħra, l-awtorizzazzjoni li s-sieħeb f'saħħtu jitlob minn qorti sabiex jidħol waħdu fi tranżazzjoni li għaliha jkollu bżonn l-assistenza tas-sieħeb tiegħu (l-Artikolu 217 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż) taqdi l-interessi tas-sieħeb f'saħħtu jew tal-familja, iżda mhux dawk tas-sieħeb marid. Għalhekk hija taqa' lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni kif definit mill-Artikolu 1(1). B'mod simili, ir-regoli dwar l-attribuzzjoni tal-akkomodazzjoni tal-familja mhumiex immirati lejn il-protezzjoni tas-sieħeb inkapaċitat u għalhekk fil-prinċipju huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Iżda d-deċiżjoni li biha qorti tuża dawn ir-regoli, f'każ speċifiku, għall-protezzjoni ta' dak is-sieħeb, għandha tiġi kkunsidrata bħala miżura ta' protezzjoni skont it-tifsira tal-Konvenzjoni.

*Subparagrafu c) (reġimi tal-proprjetà matrimonjali)*

**36** L-esklużjoni tar-reġimi tal-proprjetà matrimonjali dehret naturali minħabba l-eżistenza tal-*Konvenzjoni tal-14 ta' Marzu 1978 dwar il-liġi applikabbli għar-Reġimi tal-Proprjetà Matrimonjali*[24]. Għall-finijiet tal-konsistenza, hija tiġi estiża għal "kull relazzjoni simili".

L-inklużjoni fil-Konvenzjoni tal-effetti taż-żwieġ u l-esklużjoni tar-reġimi tal-proprjetà matrimonjali se twassal għal problema ta' karatterizzazzjoni familjari mis-sistemi legali fejn dawn iż-żewġ kategoriji huma soġġetti għal fatturi ta' konnessjoni differenti. Hawnhekk, madankollu, din il-problema ta' karatterizzazzjoni tidher li hija limitata ħafna billi r-regoli ta' rappreżentazzjoni bejn is-sħab li jaqgħu taħt ir-reġim tal-proprjetà matrimonjali huma teoretikament immirati lejn il-funzjonament tar-reġim, filwaqt li jista' jiġi preżunt li dawk relatati mal-protezzjoni tas-sieħeb marid jaqgħu taħt l-effetti taż-żwieġ.

*Subparagrafu d) (fondi fiduċjarji u suċċessjonijiet)*

**37** L-esklużjoni tal-fondi fiduċjarji hija valida minħabba t-tħassib li l-Konvenzjoni ma għandhiex tirkeb fuq sistemi ta' pussess u, b'mod aktar ġenerali fuq il-kategoriji tad-drittijiet tal-proprjetà. Barra minn hekk, il-mistoqsijiet tad-dritt internazzjonali privat dwar il-fondi fiduċjarji diġà ġew indirizzati f'Konvenzjoni speċifika[25].

L-esklużjoni għandha tinftiehem b'mod restrittiv u tiġi limitata għar-regoli relatati mal-funzjonament tal-fond fiduċjarju. Bħala eżempju konkret, l-esklużjoni tal-fondi fiduċjarji se jkollha, bħala konsegwenza, li fil-każ fejn fiduċjarju jkun miet u l-istrument fiduċjarju ma jkunx ippreveda sostitut, in-nomina minn awtorità ġudizzjarja ta' fiduċjarju ieħor ma tistax tiġi kkunsidrata bħala miżura ta' protezzjoni li taqa' taħt l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni[26]. B'kuntrast, in-nomina tar-rappreżentant tal-adult li huwa awtorizzat li jirċievi d-dħul mill-fond fiduċjarju mill-fiduċjarju jew li jirċievi, f'isem l-adult, il-proprjetà fiduċjarja max-xoljiment tagħha ma taqax taħt l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, għaliex hija miżura ta' protezzjoni tal-adult. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni dwar il-

[24] Minkejja l-fatt li din il-Konvenzjoni teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-kapaċità legali tal-konjuġi (Artikolu 1(2), Nru 3).

[25] *Konvenzjoni tal-Aja tal-1 ta' Lulju 1985 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Fondi Fiduċjarji u r-Rikonoxximent tagħhom.*

[26] L-Artikolu 8 *a)* tal-Konvenzjoni dwar il-Fondi Fiduċjarji jinkludi fl-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli għall-fond fiduċjarju "il-ħatra, ir-riżenja u t-tneħħija ta' fiduċjarji, il-kapaċità li jaġixxu bħala fiduċjarju, u d-devoluzzjoni tal-kariga ta' fiduċjarju".

Fondi Fiduċjarji fiha eċċezzjoni għal dispożizzjonijiet obbligatorji tal-liġi ddeżinjata mir-regoli dwar l-għażla tal-liġi tal-forum fir-rigward tal-protezzjoni tal-minuri u l-partijiet inkapaċi[27].

**38** L-esklużjoni kompleta ta' suċċessjonijiet hija meħuda wkoll mill-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, sabiex jiġi evitat b'mod partikolari konflitt mal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-1 ta' Awwissu 1989 dwar il-Liġi Applikabbli għas-Suċċessjoni għall-Patrimonji ta' Persuni Deċeduti*.

Dan ifisser, pereżempju, li jekk il-liġi li tirregola s-suċċessjoni tistabbilixxi li werriet adult jista' jaċċetta jew jirrifjuta biss suċċessjoni, jew jikkonkludi ftehim ta' suċċessjoni, permezz ta' ċerti miżuri ta' protezzjoni, il-Konvenzjoni mhux se tapplika għal dawn il-miżuri ta' protezzjoni. L-aktar l-aktar, jista' jiġi ammess li jekk il-liġi li tirregola s-suċċessjoni tipprevedi l-intervent tar-rappreżentant legali tal-werriet adult, dan ir-rappreżentant jiġi ddeterminat permezz tal-applikazzjoni tar-regoli tal-Konvenzjoni.

*Subparagrafu e) (sigurtà soċjali)*

**39** L-esklużjoni tas-sigurtà soċjali hija spjegata mill-fatt li l-benefiċċji huma mħallsa minn korpi li d-determinazzjoni tagħhom tiddependi fuq fatturi ta' konnessjoni preċiżi, filwaqt li jitqiesu l-post tax-xogħol jew ir-residenza abitwali tal-persuni li għandhom is-sigurtà soċjali u li mhux neċessarjament jikkorrispondu mar-regoli tal-Konvenzjoni. Min-naħa l-oħra, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni hija n-nomina tar-rappreżentant tal-adult li huwa kkwalifikat li jirċievi l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, sakemm ir-regolamenti dwar is-sigurtà soċjali ma jipprovdux regoli speċifiċi.

Il-Kumitat ma adottax proposta mid-delegazzjonijiet tad-Danimarka, tal-Finlandja, tan-Norveġja u tal-Iżvezja favur iż-żieda tal-esklużjoni tas-servizzi soċjali ma' dik tas-sigurtà soċjali,[28] iżda l-intenzjoni espressa ċara kienet li l-kunċett tas-sigurtà soċjali fi ħdan it-tifsira ta' dan is-subparagrafu għandha tinftiehem f'sens wiesgħa, li jmur lil hinn minn dak li, fil-liġi ta' kull Stat Kontraenti, jaqa' taħt is-sigurtà soċjali *stricto sensu*.

Jista' jiġi aċċettat li l-benefiċċji fi flus kontanti maħsubin biex jikkumpensaw għan-nuqqas ta' riżorsi li ċerti benefiċċji tas-sistema ta' protezzjoni soċjali in natura għandhom jiġu esklużi wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Dan ikun ifisser li kwalunkwe Stat jista' jiddeċiedi li jagħtihom, fit-territorju tiegħu, skont ir-regoli tiegħu stess, lil kwalunkwe adult inkapaċitat preżenti f'dak it-territorju, mingħajr ma jkunu marbuta mar-regoli ta' ġuriżdizzjoni tal-Konvenzjoni u mingħajr ma l-Istati Kontraenti l-oħra jkunu obbligati li jirrikonoxxu dawk id-deċiżjonijiet u, fejn xieraq, jkunu responsabbli li jimplimentawhom.

*Subparagrafu f) (saħħa)*

**40** Mhumiex l-edukazzjoni u s-saħħa flimkien li huma esklużi mill-Konvenzjoni, iżda biss, fit-totalità kollha tagħha, il-miżuri pubbliċi ta' natura ġenerali, bħal dawk li jagħmlu t-tilqim obbligatorju. It-tqegħid ta' adult speċifiku f'istituzzjoni tal-kura partikolari jew id-deċiżjoni li jagħmel operazzjoni kirurġika, pereżempju, huma deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

---

27 Art. 15 *a)*.

28 Id-Dok ta' Ħidma Nru 11, Minuti Nru 2, Nri 40-49 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.230]

**41** Il-Kumitat laħaq biss din is-soluzzjoni, adottata diġà mill-Kumitat Speċjali, wara diskuzzjonijiet fit-tul ħafna dwar l-espedjenza tal-esklużjoni tal-*kwistjonijiet mediċi u tas-saħħa* kollha mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Saħansitra ġie stabbilit Grupp ta' Ħidma speċjali, ippresedut mis-Sur Nygh, delegat tal-Awstralja, sabiex tintlaħaq soluzzjoni aċċettabbli għall-akbar numru ta' delegazzjonijiet.

L-argumenti mressqa minn dawk favur l-esklużjoni tal-kwistjonijiet mediċi huma kif ġej. Kieku dawk il-kwistjonijiet ġew inklużi, xi ftit beżgħu li jkunu obbligati jirrikonoxxu, jew saħanistra jimplimentaw, deċiżjonijiet individwali ta' natura medika kontra t-twemmin tagħhom, bħal miżuri li jordnaw l-abort, jew l-isterilizzazzjoni ta' adulti inkapaċitati. Oħrajn beżgħu li s-sistema medika tista' gradwalment tieqaf għal kollox jekk, qabel ma jiġi preskritt kors ta' trattament jew issir operazzjoni, it-tobba jkunu obbligati, anke f'każijiet mhux urġenti, li jiksbu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Kontraenti ieħor bir-riskju li jkunu responsabbli. Min-naħa l-oħra, dawk li kienu kontra l-esklużjoni argumentaw li jekk il-kwistjonijiet mediċi jitneħħew mill-Konvenzjoni, din essenzjalment tfalli fl-għan tagħha li tipproteġi lill-morda u l-anzjani u tispiċċa tkun biss konvenzjoni dwar il-proprjetà tal-adult.

Waqt dawn id-diskussjonijiet fit-tul, il-Kumitat ikkunsidra alternattivi għall-esklużjoni, bħall-adozzjoni tar-regoli ta' ġuriżdizzjoni speċifiċi għall-kwistjonijiet mediċi, li l-aktar radikali minnhom kienet tinvolvi s-sottomissjoni ta' kwistjonijiet ta' kunsens u awtorizzazzjoni f'dan il-qasam lill-awtoritajiet u s-sistema legali tal-Istat fejn jaħdem it-tabib.

**42** Fl-aħħar jum tad-deliberazzjonijiet tiegħu, il-Kumitat fl-aħħar sab soluzzjoni aċċettabbli għad-delegazzjonijiet kollha[29]. Huwa rrifjuta l-proposti kollha għall-esklużjoni totali jew parzjali tal-kwistjonijiet mediċi u tas-saħħa jew inkella għas-sottomissjoni ta' reġim tal-ġuriżdizzjoni speċjali. Huwa kkunsidra li, għalkemm l-atti mediċi minnhom infushom, li jaqgħu taħt il-qasam tax-xjenza medika u li huma d-dominju tat-tobba li mhumiex awtoritajiet skont it-tifsira tal-Konvenzjoni, jaqgħu lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, mingħajr ma jkun hemm bżonn li dan jingħad b'mod espliċitu fit-test, min-naħa l-oħra mistoqsijiet legali dwar ir-rappreżentazzjoni tal-adult marbuta ma' dawk l-atti mediċi (awtorizzazzjonijiet jew nomina tar-rappreżentant legali jew *ad hoc*) huma inklużi fil-Konvenzjoni u għandhom ikunu soġġetti għar-regoli ġenerali tagħha, mingħajr ma jkunu mmirati minn regoli ta' eċċezzjoni. Huwa għalhekk li, minbarra l-Artikolu 4(1) *f)*, ma hemmx referenza fil-Konvenzjoni għal kwistjonijiet mediċi jew tas-saħħa. Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni li se jiġu applikati l-aktar fil-qasam mediku (l-Artikolu 10 u 11) mingħajr ma tieqaf is-sistema medika se jiġu indikati hawn taħt. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 dwar liġijiet obbligatorji u tal-Artikolu 22 li jipprevedi n-nuqqas ta' rikonoxximent ta' miżura li tmur kontra l-politika pubblika jew liġi obbligatorja tal-Istat ikkonċernat, jilqgħu t-tħassib tal-Istati li oriġinarjament xtaqu jeskludu l-kwistjonijiet mediċi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

*Subparagrafu g) (miżuri konnessi ma' offiżi kriminali)*

**43** Il-Konvenzjoni għandha tindirizza l-protezzjoni tal-adulti u mhux b'sanzjonijiet kriminali. Madankollu huwa diffiċli li tinsab il-linja ta' separazzjoni. Il-Kumitat abbanduna l-idea li tiġi stabbilita distinzjoni bejn miżuri ta' natura ripressiva u miżuri ta' natura edukattiva. Tali distinzjoni kienet wassal għal problemi diffiċli ta' karatterizzazzjoni. Barra minn hekk, fil-każ ta' kondotta kastigabbli fil-livell

[29] Id-Dok ta' Ħidma Nru 114, ippreżentat minn għoxrin delegazzjoni.

kriminali (pereżempju, qtil, stupru, attakk b'arma fatali), ma kienx ikun ideali li l-Istat tal-post fejn sar il-ksur jkun kapaċi jeżerċita s-setgħa ta' repressjoni tiegħu, taħt ir-regoli ġenerali tiegħu, iżda li ma jkunx kapaċi, jekk jitqies bħala aktar xieraq, jieħu miżura li tinvolvi tqegħid f'istituzzjoni speċjalizzata, jew li jippreskrivi riżultat medikusoċjali,[30] għaliex ma kellux il-ġuriżdizzjoni taħt il-Konvenzjoni li jieħu miżuri ta' protezzjoni għall-adult. L-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' miżuri meħudin bħala riżultat tal-offiżi kriminali mwettqa mill-persuna li teħtieġ protezzjoni turi x-xewqa tal-Kumitat li ma jitqiegħed l-ebda limitu fuq il-kompetenza tal-Istati Kontraenti li jirrispondu bil-miżuri li jqisu adegwati, kemm jekk ikunu punittivi jew inkella edukattivi, għal tali offiżi kriminali.

L-espressjoni "miżuri meħuda fir-rigward ta' persuna b'riżultat ta' offiżi kriminali mwettqa minn dik il-persuna" tindika li l-miżuri li jirriżultaw biss mill-offiżi mwettqa mill-persuna li teħtieġ protezzjoni u li huma relatati ma' dik il-persuna, u mhux offiżi mwettqa minn partijiet terzi u li possibilment jiġġustifikaw miżuri ta' protezzjoni partikolari ta' adulti li għalihom tapplika l-Konvenzjoni.

Billi tintuża l-kelma "persuna" minflok il-kelma "adult", is-subparagrafu *g)* fittex li jistabbilixxi konnessjoni ta' kontinwità mal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal. Is-subparagrafu *g)* se japplika fil-każijiet fejn l-offiża tkun twettqet mill-persuna li teħtieġ protezzjoni meta tkun għadha minuri, jiġifieri, jekk il-miżura tittieħed wara li min iwettaq l-offiża jkun għalaq 18-il sena.

Sabiex tapplika l-esklużjoni tal-miżuri msemmija taħt is-subparagrafu *g)*, huwa neċessarju u suffiċjenti li l-att imwettaq mill-persuna li teħtieġ protezzjoni jkun att li huwa kriminali taħt il-liġi kriminali meta jitwettaq minn kwalunkwe persuna. It-test ma jeħtieġx, fil-każ partikolari, li l-persuna li wettqet l-att tkun legalment soġġetta għall-prosekuzzjoni kriminali. L-istat ta' demenzja jista' jipproteġih minn tali prosekuzzjoni.

*Subparagrafu h) (ażil u immigrazzjoni)*

44 Dan is-subparagrafu tal-Artikolu 4 jeskludi mill-Konvenzjoni "deċiżjonijiet dwar id-dritt għall-ażil u dwar l-immigrazzjoni", peress li dawn huma deċiżjonijiet li ġejjin mis-setgħa sovrana tal-Istati. Huma jeskludi biss deċiżjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet, fi kliem ieħor, l-għoti tal-ażil jew ta' permess ta' residenza. Min-naħa l-oħra, il-protezzjoni u r-rappreżentazzjoni ta' adulti li japplikaw għall-ażil jew għal permess ta' residenza fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Proposta mid-Delegazzjoni tal-Istati Uniti (id-Dokument ta' Ħidma Nru 12) speċifikament biex jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni deċiżjonijiet relatati man-nazzjonalità ġew irtirati wara l-osservazzjoni ta' tali esklużjoni kienet konklużjoni prevedibbli peress li tali deċiżjonijiet mhumiex miżuri ta' protezzjoni.

*Subparagrafu i) (sigurtà pubblika)*

45 Din l-esklużjoni, li hija ġdida kemm fir-rigward tal-Konvenzjoni tal-1996 kif ukoll tal-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-Kumitat Speċjali, tikkonċerna primarjament ir-reklużjoni ta' adulti li huma periklu għall-partijiet terzi minħabba d-disturbi mentali li jsofru minnhom.

30 Previst minn ċerta leġiżlazzjoni riċenti li tipprevjeni r-reċidiva fil-każ tal-atti tal-pedofilija.

Ċerti delegazzjonijiet xtaqu jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni l-miżuri kollha ta' tqegħid furzat għal raġunijiet psikjatriċi, sabiex jiġu evitat problemi fl-istadju ta' rikonoxximent u nfurzar[31]. Madankollu kien diffiċli li tiġi rrikonċiljata tali esklużjoni mar-referenzi għat-tqegħid fil-lista tal-Artikolu 3, is-subparagrafu *e)*, tal-miżuri fi ħdan it-tifsira tal-Konvenzjoni (ara n-Nru 24 ta' hawn fuq). Għal din ir-raġuni, dawk id-delegazzjonijiet emendaw il-proposti tagħhom favur miżuri ta' tqegħid furzat fir-rigward tal-adulti perikolużi[32]. L-idea kienet li t-tqegħid li għandu jiġi eskluż kien it-tip ordnat fl-interessi tas-sigurtà pubblika, li mhuwiex relatat mal-iskop tal-Konvenzjoni, u mhux it-tip preskritt għall-protezzjoni tal-adult. Iżda billi adult li jsofri minn disturb psikjatriku jista' jkun ukoll periklu għalih innifsu u jeħtieġ reklużjoni protettiva, deher aktar għaqli li ma tibqax issir referenza għat-tqegħid, iżda biss għas-sigurtà pubblika[33]. It-test adottat finalment jillimita b'mod apprezzabbli l-kamp ta' applikazzjoni tal-esklużjoni. Il-"miżuri maħsuba biss għas-sigurtà pubblika"[34] biss ġew esklużi. Għaldaqstant, miżura ta' tqegħid furzat ordnata fl-interessi tas-sigurtà pubblika kif ukoll tal-adult għadha inkluża fl-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzoni.

Paragrafu 2

**46** L-iskop ta' dan il-paragrafu huwa li jillimita l-esklużjonijiet għal dak li huwa strettament neċessarju, fi kliem ieħor dak li jaqa' direttament taħt ir-regolamenti applikabbli għall-kwistjonijiet esklużi, iżda mhux għall-miżuri ta' protezzjoni ġenerali li għandhom jittieħdu, anke meta dawn jikkonċernaw dawk il-kwistjonijiet. Għalhekk l-esklużjoni fil-paragrafu 1, is-subparagrafu *a)*, tfisser li t-talba għal manteniment tal-adult ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, iżda huwa ċar mill-paragrafu 2 li l-Konvenzjoni se tapplika biex tiġi ddeterminata l-persuna li se tidher fil-proċedimenti f'isem l-adult. B'mod simili, il-mistoqsija dwar jekk adult inkapaċitat għandux ikun awtorizzat mir-rappreżentant legali tiegħu li jidħol f'kuntratt ta' żwieġ hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni mill-paragrafu 1 *b)*, iżda d-determinazzjoni tar-rappreżentant legali msejjaħ fejn xieraq, fost funzjonijiet oħra, biex jawtorizza ż-żwieġ ma taqax fi-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Jew inkella, għalkemm in-nazzjonalità hija minnha nnifisha lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' esklużjoni espliċita,[35] u, għaldaqstant, il-Konvenzjoni ma tapplikax għall-mistoqsija dwar jekk l-adult inkapaċitat jeħtieġx għajnuna jew rappreżentazzjoni fis-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal naturalizzazzjoni, in-nomina tal-persuna bis-setgħa li tgħin jew tirrappreżentah hija miżura li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. B'mod ġenerali, l-effett tal-Artikolu 4 huwa li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni mistoqsijiet li, skont id-dritt internazzjonali privat tal-awtorità kkonċernata, jaqgħu taħt il-kategorija eskluża, bħar-reġimi tal-proprjetà matrimonjali jew is-suċċessjonijiet, iżda jekk, f'dan il-kuntest, ikun hemm problema ta' rappreżentazzjoni, pereżempju għall-konklużjoni ta' kuntratt taż-żwieġ jew ftehim għas-suċċessjoni, il-Konvenzjoni għandha tapplika.

Kif inhu miktub, il-paragrafu 2 jissalvagwardja biss l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni, fil-kwistjonijiet esklużi, fir-rigward tal-"intitolament ta' persuna li taġixxi bħala r-rappreżentant tal-adult". Is-setgħat ta' dak ir-rappreżentant,

---

31 Ara d-Dok ta' Ħidma Nri 4, 11 u 13, u l-vot viċin ħafna dwar id-Dok ta' Ħidma Nru 13 (Minuti Nru 2, Nru 103) [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.234]

32 Id-Dok ta' Ħidma Nru 60.

33 Id-Dok ta' Ħidma Nru 52 u l-adozzjoni tiegħu, Minuti Nru 8, Nru 58 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.278]

34 Id-Dok ta' Ħidma Nru 86 u l-adozzjoni tiegħu, Minuti Nru 15, Nru 50 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.325]

35 Ara n-Nru 44 hawn fuq [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.325]

bħala regola, jaqgħu taħt il-liġi li tirregola l-kwistjoni eskluża. Pereżempju, jekk il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni li għadddiet għand l-adult tipprojbixxi r-rappreżentant tiegħu milli sempliċiment jaċċetta biss is-suċċessjoni li tkun għaddiet għandu ,[36] hija din il-liġi li għandha tapplika għal din il-limitazzjoni tas-setgħat tar-rappreżentant u mhux dik li, skont il-Konvenzjoni, kienet applikabbli għan-nomina ta' dak ir-rappreżentant.

## KAPITOLU II – ĠURIŻDIZZJONI

47 Dan il-kapitolu huwa r-riżultat tal-fużjoni taż-żewġ approċċi li, waqt il-Kumitat Speċjali, qasmet id-delegazzjonijiet.

Skont l-ewwel approċċ, kien mixtieq fl-interess tal-protezzjoni tal-adult, u sabiex jingħata forum aċċessibbli lil ftit persuni lesti li jassoċjaw ruħhom miegħu, li tiġi prevista sistema ta' ġuriżdizzjoni konkorrenti, issupplimentata mid-dispożizzjonijiet dwar *lis pendens* sabiex jiġu eliminati konflitti ta' ġuriżdizzjoni li jistgħu jirriżultaw. Għaldaqstant l-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult se jkunu tqiegħdu fuq l-istess livell ma' dawk tal-Istat tan-nazzjonalità tiegħu, imsaħħa jekk ikun meħtieġ minn konnessjoni supplimentarja (il-preżenza tal-proprjetà, l-eżistenza ta' residenza preċedenti tal-adult, ir-residenza tal-persuni lesti li jieħdu ħsiebu), u forsi l-awtoritajiet tar-residenza abitwali preċedenti tal-adult, rinfurzati mill-istess elementi. Barra minn hekk, il-ġuriżdizzjoni kienet tingħata lill-awtoritajiet tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà tal-adult biex jittieħdu miżuri ta' protezzjoni għal tali proprjetà.

It-tieni approċċ kien favur li tinżamm bħala l-prinċipju prinċipali, bħal fil-Konvenzjoni tal-1996, il-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult u li l-ġuriżdizzjoni ta' kwalunkwe awtorità oħra tkun soġġetta għall-kunsens tagħhom, kemm jekk dawn l-awtoritajiet ikunu ta' residenza abitwali preċedenti, jew inkella tal-Istat tan-nazzjonalità tal-adult, jew tal-post tal-proprjetà, jew tar-residenza abitwali tal-qraba. Kien ġie propost ukoll li tingħata prijorità lill-ġuriżdizzjoni maħtura espliċitament mill-adult stess u, fin-nuqqas ta' ħatra, lill-ġuriżdizzjoni tar-residenza abitwali jew lil ġuriżdizzjoni awtorizzata minnha.

48 Il-Kumitat Speċjali rnexxielu jirkeb din l-oppożizzjoni u l-istruttura ġenerali tat-test li kiseb inżammet mill-Kumitat Diplomatiku. Il-ġuriżdizzjoni prinċipali hija attribwita lill-awtoritajiet tal-istat tar-residenza abitwali tal-adult (l-Artikolu 5), iżda huma rikonoxxuti wkoll il-ġuriżdizzjoni konkorrenti, għalkemm sussidjarja, tal-awtoritajiet tal-Istat tan-nazzjonalità tal-adult (l-Artikolu 7) u numru ta' ġuriżdizzjonijiet kumplimentarji li madankollu għadhom subordinati għall-kunsens tal-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali (l-Artikolu 8). Huma aċċettati wkoll il-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà tal-adult biex jittieħdu miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' dik il-proprjetà (l-Artikolu 9) u l-ġuriżdizzjoni tal-Istat li fit-territorju tiegħu jkunu preżenti l-adult (l-Artikoli 10 u 11) jew il-proprjetà tal-adult (l-Artikolu 10) biex jittieħdu miżuri ta' emerġenza (l-Artikolu 10) jew miżuri temporanji b'effett territorjali limitat għall-protezzjoni tal-persuna (l-Artikolu 11).

---

[36] Ara pereżempju l-Art. 461, flimkien mal-Art.495, tal-Kodiċi Ċivili Franċiż.

## Artikolu 5 (ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tar-residenza abitwali tal-adult)

Paragrafu 1

49 Dan il-paragrafu jirrepeti kelma b'kelma l-paragrafu 1 tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal. Il-ġuriżdizzjoni prinċipali tal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-adult ma kkawżatx diffikultajiet u ġiet aċċettata unanimament. Ma ġiet ipprovduta ebda definizzjoni ta' residenza abitwali, li minkejja l-konsegwenzi legali importanti relatati magħha, għandha tibqa' kunċett fattwali. L-iżvantaġġ li tiġi pprovduta definizzjoni kwantitattiva jew kwalitattiva ta' residenza abitwali f'konvenzjoni waħda huwa li jitqajjem dubju fuq l-interpretazzjoni ta' din l-espressjoni f'bosta konvenzjonijiet oħra fejn tintuża.

Paragrafu 2

50 L-istess għal darb'oħra bħall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, il-Kumitat aċċetta b'mod unanimu ugwali li, fil-każ ta' bidla fir-residenza abitwali tal-adult għal Stat Kontraenti ieħor, il-ġuriżdizzjoni tgħaddi lill-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida. Il-kwistjoni tal-implimentazzjoni kontinwa tal-miżuri meħuda fl-ewwel Stat hija rregolata mill-Artikolu 12 (ara hawn taħt).

Il-bidla tar-residenza abitwali timplika kemm it-telf tar-residenza abitwali preċedenti kif ukoll il-kisba ta' residenza abitwali ġdida. Jista' jkun li jeżisti ċertu perijodu ta' żmien bejn dawn iż-żewġ elementi, iżda l-akkwist ta' din ir-residenza abitwali ġdida jista' jkun ukoll immedjat fuq ipoteżi sempliċi ta' moviment tal-adult ikkonċernat meta dan ikun seħħ fuq medda twila, jekk mhux fuq bażi finali. Għalhekk din hija kwistjoni ta' fatt, li hija f'idejn l-awtoritajiet mitluba li jieħdu deċiżjoni li jevalwaw.

51 Il-Kumitat ma reġax iddiskuta ċerti mistoqsijiet marbuta mal-bidla tar-residenza abitwali li ġew diskussi fid-dettall waqt negozjati dwar il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal. Għalhekk aċċetta b'mod impliċitu s-soluzzjonijiet li ntlaħqu. Għalhekk, fejn il-bidla tar-residenza abitwali tal-adult minn Stat għal ieħor issir fi żmien meta l-awtoritajiet tal-ewwel residenza abitwali jkollhom talba għal miżura ta' protezzjoni, il-*perpetuatio fori* għandha tiġi rrifjutata, fis-sens li l-bidla tar-residenza abitwali *ipso facto* tiċħad lill-awtoritajiet tar-residenza abitwali mill-ġuriżdizzjoni tagħhom u tobbligahom li jirrifjutaw l-eżerċizzju tagħha[37].

52 L-Artikolu 5 jippresupponi li l-adult għandu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat Kontraenti. Fil-każ ta' bidla tar-residenza abitwali minn Stat Kontraenti għal Stat mhux Kontraenti, l-Artikolu 5 jieqaf ikun applikabbli miż-żmien tal-bidla tar-residenza u ma hemm xejn li jipprevjeni ż-żamma tal-ġuriżdizzjoni, taħt il-proċedura nazzjonali, mill-awtorità tal-Istat Kontraenti tal-ewwel residenza abitwali li taqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha, għalkemm l-Istati Kontraenti l-oħra mhumiex obbligati mill-Konvenzjoni li jirrikonoxxu l-miżuri li jistgħu jittieħdu minn din l-awtorità[38].

---

[37] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, Nru 42.

[38] Is-soluzzjoni aċċettata għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal. Ara r-referenzi għar-Rapport ta' hawn fuq, Nota 30.

## Artikolu 6 (adulti li huma refuġjati, spustati jew mingħajr residenza abitwali)

**53** Dan l-Artikolu huwa riproduzzjoni preċiża tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u għalhekk jeħtieġ l-istess kummenti.

Paragrafu 1

**54** L-adulti kkonċernati minn dawn il-paragrafu spiss jeħtieġu, minbarra f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, li l-protezzjoni tagħhom tiġi organizzata fuq medda twila ta' żmien. Fil-fatt dawn jistgħu, pereżempju, jitwasslu biex japplikaw għall-ażil jew ibiegħu l-proprjetà li jkollhom fl-Istat li jkunu preżenti fih. Għalhekk huwa neċessarju li tiġi organizzata l-protezzjoni tagħhom u l-ġurisdizzjoni normali mogħtija mill-Konvenzjoni lill-awtoritajiet tal-istat tar-residenza abitwali tagħhom ma taħdimx hawnhekk, peress li dawn l-adulti *ex hypothesi* waqfu kull konnessjoni mal-Istat tar-residenza abitwali preċedenti tagħhom, u l-prekarjetà tas-soġġorn tagħhom fl-Istat fejn sabu rifuġju provviżorju ma tippermettilhomx li jitqiesu li akkwistaw residenza abitwali hemmhekk. Għaldaqstant l-aktar soluzzjoni sempliċi kienet, bħal fil-każ tat-tfal, li f'dawn is-sitwazzjonijiet tiġi attribwita lill-awtoritajiet tal-Istat li fit-territorju tiegħu huma preżenti l-adulti, il-ġurisdizzjoni ġenerali attribwita normalment lill-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tagħhom.

Paragrafu 2

**55** Dan il-paragrafu jestendi s-soluzzjoni tal-paragrafu 1 "għall-adulti li r-residenza abitwali tagħhom ma tistax tiġi stabbilita". Il-qorti tal-post fejn huwa preżenti l-adult hawnhekk għandha r-rwol ta' ġurisdizzjoni ta' konvenjenza. Din il-ġurisdizzjoni ikollha tieqaf ladarba jkun ġie stabbilit li l-adult għandu residenza abitwali xi mkien. Jekk din ir-residenza abitwali tinsab fit-territorju ta' Stat Kontraenti, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat għandhom minn dakinhar ikollhom ġurisdizzjoni. Jekk tinsab fi Stat mhux Kontraenti, l-awtoritajiet tal-Istat li fit-territorju tiegħu huwa preżenti dan l-adult mhux se jibqa' jkollhom aktar mill-ġurisdizzjoni limitata mogħtija lilhom mill-Artikoli 10 u 11 (ara hawn taħt kif ukoll in-Nru 89).

Is-sitwazzjoni li t-test japplika għaliha għandha tiġi distinta b'attenzjoni minn dik tal-bidla tar-residenza abitwali prevista mill-Artikolu 5(2). Fil-każ ta' bidla tar-residenza abitwali minn Stat għal ieħor, l-awtoritajiet tar-residenza abitwali preċedenti jżommu l-ġurisdizzjoni tagħhom sakemm l-adult ma jkunx akkwista residenza abitwali fl-Istat li mar fih. L-Artikolu 6(2) ma għandux jintuża biex tingħata immedjatament kompetenza ġenerali lill-awtoritajiet ta' dan l-aħħar Stat, fuq il-bażi li l-adult kien ikun tilef ir-residenza abitwali preċedenti tiegħu mingħajr ma jkun akkwista waħda ġdida. Din l-interpretazzjoni żbaljata tista' tkun partikolarment perikoluża fil-każ fejn it-trasferiment tal-adut ġie deċiż mingħajr il-kunsens tiegħu. Dan effettivament jista' jiċħad lill-awtoritajiet tar-residenza abitwali tal-adult qabel it-trasferiment tiegħu kwalunkwe possibilità li jġibu r-ritorn tal-adult, minħabba l-preċedenza rikonoxxuta mill-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 7 bħala assoċjata mal-ġurisdizzjoni u mal-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tal-Istat li l-adult ikun mar fih. Għalhekk hu neċessarju żmien ta' stennija raġonevoli qabel ma jiġi invokat l-Artikolu 6(2), sabiex jiġi żgurat li r-residenza abitwali preċedenti, li minnha nnifisha hija stabbilita sew, definittivament ġiet abbandunata.

## Artikolu 7 (ġuriżdizzjoni sussidjarja konkorrenti tal-awtoritajiet tal-Istat tan-nazzjonalità tal-adult)

**56** Dan l-Artikolu huwa l-ewwel element prinċipali tal-kompromess deskritt hawn fuq bejn is-sostenituri tal-ġuriżdizzjonijiet konkorrenti mhux ġerarkiċi u s-sostenituri tal-ġuriżdizzjonijiet kompletament subordinati għall-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult[39]. Il-paragrafu 1 jistabbilixxi l-prinċipju tal-ġuriżdizzjoni konkorrenti tal-awtoritajiet tal-Istat tan-nazzjonalità tal-adult u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tiegħu. Il-paragrafi 2 u 3 jiddefinixxu l-karattru sussidjarju tiegħu.

Paragrafu 1

**57** L-awtoritajiet li dan il-paragrafu jagħtihom il-ġuriżdizzjoni huma dawk "ta' Stat Kontraenti tan-nazzjonalità tal-adult." L-użu tal-artiklu indefinit juri li jekk l-adult kellu jkollu bosta nazzjonalitajiet, il-ġuriżdizzjoni tiġi attribwita fl-istess ħin lill-awtoritajiet ta' kull Stat tan-nazzjonalità tiegħu.

Il-ġuriżdizzjoni tal-Istat nazzjonali (jew ta' Stat nazzjonali) hija stabbilita mingħajr il-ħtieġa ta' fattur ta' konnessjoni supplimentari bħar-residenza preċedenti tal-adult, ir-residenza tal-qraba, jew il-preżenza tal-proprjetà, u mingħajr ma tkun intalbet awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult. Jidher biċ-ċar li huwa każ ta' ġuriżdizzjoni konkorrenti.

Din il-ġuriżdizzjoni hija ġenerali, bħal dik tal-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali, u tista' tkun rilevanti għal miżuri ta' protezzjoni tal-persuna jew tal-proprjetà tal-adult.

**58** Din il-ġuriżdizzjoni hija madankollu eskluża "għall-adulti li huma rifuġjati jew li, minħabba taqlib fl-Istat tan-nazzjonalità tagħhom, huma spustati internazzjonalment". L-awtoritajiet tal-Istat nazzjonali tal-adult fil-fatt ma jkunux kapaċi jeżerċitaw il-protezzjoni tagħhom fuq adult li jkun ġie sfurzat li jitlaq minn dak l-Istat, minħabba li kien il-vittma ta', jew kien mhedded minn, persekuzzjoni (is-sitwazzjoni tar-rifuġjat), jew inkella minħabba taqlib li jippredomina hemmhekk. Fil-każ ta' ħafna nazzjonalitajiet, it-test għandu jiġi interpretat li jfisser li l-awtoritajiet ta' Stat nazzjonali tal-adult minbarra dak li kellu jitlaq minnu jistgħu jeżerċitaw il-ġuriżdizzjoni prevista mill-Artikolu 7.

**59** Għalkemm mhuwiex iddikjarat espliċitament b'dak il-mod, it-test huwa bbażat fuq suppożizzjoni li r-residenza abitwali tal-adult tinsab fi Stat Kontraenti. Jekk dan ma jkunx il-każ, xejn ma jipprevjeni lill-Istat Kontraenti tan-nazzjonalità tal-adult milli jieħu, taħt il-liġi nazzjonali tiegħu, miżuri għall-protezzjoni tal-adult. Iżda, peress li l-Artikolu 7 jeħtieġ lill-awtoritajiet tal-Istat nazzjonali li jagħtu parir lil dawk tal-Istat tar-residenza abitwali, li jkun neċessarjament Stat Kontraenti,[40] jew dawk li jieħdu postu, ma tikkunsidrax il-każ fejn adult għandu residenza abitwali jew huwa preżenti (fl-Aritkolu 6(1), sitwazzjoni) ta' Stat mhux Kontraenti. Stati Kontraenti oħra f'dan il-każ ma jkunux obbligati li jirrikonoxxu miżuri meħuda mill-awtoritajiet tal-Istat nazzjonali tal-adult.

---

[39] Ara l-Introduzzjoni għall-Kapitolu II ta' hawn fuq.
[40] L-Artikolu 7(1) jirreferi għall-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni taħt l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 6(2), li għalhekk huma l-awtoritajiet ta' Stati Kontraenti.

**60** Flimkien mar-rekwiżit li jingħata parir minn qabel lill-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni taħt l-Artikolu 5 jew 6(2),[41] l-awtoritajiet tal-Istat nazzjonali jistgħu jżommu l-ġuriżdizzjoni tagħhom biss "jekk huma jikkunsidraw li huma f'pożizzjoni aħjar li jevalvaw l-interessi tal-adult". F'din il-valutazzjoni, huma jistgħu jqisu l-eżistenza ta' fatturi ta' konnessjoni oħra bħal dawk stabbiliti hawn fuq, fin-Nru 57. Din il-kundizzjoni pożittiva għall-eżerċizzju tal-ġuriżdizzjoni mill-awtoritajiet tan-nazzjonalità tal-adult huwa fl-istess ħin element flessibbli, li jippermettu lil dawn l-awtoritajiet li jirrifjutaw il-ġuriżdizzjoni jekk jikkunsidraw li l-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali, jew dawk ta' kwalunkwe Stat ieħor li l-awtoritajiet tar-residenza abitwali, minħabba l-Artikolu 8 (ara hawn taħt), talbu li jeżerċitaw ġuriżdizzjoni protettiva, huma f'pożizzjoni aħjar li jevalwaw dawn l-interessi.

<u>Paragrafu 2</u>

**61** Dan il-paragrafu, bħal dak sussegwenti, jindika l-karattru sussidjarju tal-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat nazzjonali tal-adult.

Tliet ċirkostanzi jistgħu jipprevjenu l-eżerċizzju ta' din il-ġuriżdizzjoni: meta, skont l-Artikolu 5, l-Artkolu 6(2) jew l-Artikolu 8,[42] l-awtoritajiet kompetenti jkunu ħadu l-miżuri kollha meħtieġa skont is-sitwazzjoni, meta jkunu ddeċidew li ma għandha tittieħed l-ebda deċiżjoni, jew fl-aħħar nett meta l-proċedimenti jkunu pendenti quddiemhom. Meta dan ikun il-każ, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw il-ġuriżdizzjoni tagħhom u, jekk dawn ikunu ġew vestiti qabel, għandhom saħanistra jagħlqu l-każ, jekk isiru jafu li l-proċedimenti bdew quddiem waħda mill-awtoritajiet imsemmija.

B'mod partikolari fir-rigward ta' din l-aħħar ċirkostanza, it-test ma jsemmix li l-proċedimenti quddiem l-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni taħt l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 6(2) għandu "jkollhom l-istess skop" bħal dawk imressqa quddiem l-awtoritajiet tal-Istat nazzjonali tal-adult. Din il-kjarifika kienet tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali vestiti b'talba għal miżura ta' protezzjoni tal-proprjetà tal-adult li jżommu l-ġuriżdizzjoni tagħhom jekk l-awtoritajiet tar-residenza abitwali kienet tressqitilhom talba dwar il-persuna tiegħu. Madankollu, din il-kjarifika ġiet irrifjutata għaliex iż-żewġ aspetti kważi dejjem dehru mħallta u l-awtorizzazzjoni li tinbiegħ proprjetà, pereżempju, tista' tintalab sabiex l-adult jingħata riżorsi minimi, li huwa għaldaqstant fl-interess tal-persuna tiegħu.

**62** Il-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat nazzjonali tal-adult tieqaf tapplika biss jekk dawk l-awtoritajiet ikunu ġew infurmati dwar waħda mit-tliet ċirkostanzi msemmija fit-test mill-awtorità kompetenti taħt l-Artikolu 5, l-Artikolu 6(2) jew l-Artikolu 8, li eżerċitat jew qed teżerċita l-ġuriżdizzjoni tagħha. Ma jkunx biżżejjed li huma kienu jafu biha, anke fuq il-bażi tad-dokumenti fil-fajl tal-każ. Dan l-obbligu fuq l-awtorità nazzjonali li tinforma, wara li tavża dwar l-intenzjoni tagħha li teżerċita l-ġuriżdizzjoni tagħha, huwa importanti, għaliex tagħti l-garanzija li huwa fil-mument li l-awtorità nazzjonali qed tlesti biex tintervjeni li l-awtorità normalment kompetenti se tevalwa ċ-ċirkostanzi li jiggarantixxu l-eżerċizzju mill-awtorità nazzjonali tal-ġuriżdizzjoni tagħha. L-eżistenza ta'

[41] Kundizzjoni diġà imposta mill-Artikolu 4(1) tal-*Konvenzjoni tal-5 ta' Ottubru 1961 dwar is-setgħat tal-awtoritajiet u l-liġi applikabbli fir-rigward tal-protezzjoni tal-minuri*, iżda li rari ġiet rispettata fin-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

[42] Il-fatt li l-Artikolu 7(2) ma jsemmix l-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 6(1) huwa evidenti minnu nnifsu, peress li l-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx ġuriżdizzjoni fil-każ kopert mill-Artikolu 6(1) (rifuġjati jew persuni spustati). Fil-każ ambigwu msemmi fin-Nru 58 hawn fuq ta' persuna b'ċittadinanza doppja obbligata li titlaq minn wieħed mill-Istati nazzjonali tagħha, il-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat fejn tkun preżenti jkomplu jkollhom prijorità.

deċiżjonijiet meħuda qabel mill-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali, pereżempju, u li allegatament l-awtoritajiet nazzjonali ma ġewx infurmati uffiċjalment dwarhom, għaldaqstant ma tipprevjenilhomx milli jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom f'konformità mal-Artikolu 7(1) għaliex is-sitwazzjoni setgħet inbidlet minn żmien dawk id-deċiżjonijiet.

**63** Bl-għoti tas-setgħa lill-awtorità kompetenti, skont l-Artikolu 8,[43] li tibblokka l-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, il-Kumitat xtaq jelimina r-riskju ta' ġuriżdizzjoni konkorrenti li setgħet ġiet eżerċitata b'mod parallel u kontradittorju. F'każijiet fejn din il-ġuriżdizzjoni delegata skont l-Artikolu 8 tkun limitata għal aspett speċifiku tal-protezzjoni (ara n-Nru 66 hawn taħt), huwa raġonevoli li jiġi preżunt li l-awtorità li tiddelega għandha żżomm lura milli tibblokka l-ġuriżdizzjoni tal-awtorità nazzjonali fir-rigward tal-aspetti l-oħra tal-protezzjoni.

Fi kwalunkwe każ, sabiex l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 8 tiġi permessa li tinforma lill-awtorità nazzjonali biex ma teżerċitax il-ġuriżdizzjoni tagħha, hija stess għandha tiġi infurmata dwar l-intenzjonijiet ta' din tal-aħħar. It-test juri li setgħet ingħatat din l-informazzjoni biss mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 6(2), li hija stess ingħatat parir mill-awtoritajiet nazzjonali skont l-Artikolu 7(1).

Paragrafu 3

**64** In-natura sussidjarja tal-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat nazzjonali tal-adult taffettwa l-miżuri li jkunu ttieħdu, fis-sens li dawn il-miżuri "jiskadu ladarba l-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni taħt l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 6(2) jew l-Artikolu 8, ikunu ħadu l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni jew ikunu ddeċidew li ma għandha tittieħed l-ebda miżura".

Il-paralleliżmu mal-paragrafu 2 huwa intenzjonali. Kif għadu kif ġie spjegat, dawn iż-żewġ ċirkostanzi jipprevjenu lill-awtorità nazzjonali milli teżerċita l-ġuriżdizzjoni tagħha (il-paragrafu 2). Meta jseħħu wara li l-awtorità nazzjonali tkun eżerċitat il-ġuriżdizzjoni tagħha u tkun ħadet miżuri ta' protezzjoni, huma għandhom l-effett li jtemmu dawn il-miżuri (il-paragrafu 3). Ma jkunx tollerabbli jekk il-konkorrenza tal-ġuriżdizzjonijiet kellhom jirriżultaw f'miżuri ta' protezzjoni meħuda b'mod diżorganizzat jew kontradittorju. Huwa għalhekk li t-test jagħti preċedenza lid-deċiżjonijiet li jittieħdu finalment mill-awtoritajiet li normalment għandhom ġuriżdizzjoni taħt l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 6(2) jew l-Artikolu 8 tal-Istat tar-residenza abitwali – kemm jekk dawn id-deċiżjonijiet ikunu pożittivi u jinkludu miżura ta' protezzjoni, kif ukoll negattivi fis-sens li jiddeċiedu li ma jkunx hemm bżonn li tittieħed miżura ta' protezzjoni.

Il-paralleliżmu mal-paragrafu 2 ikompli, fis-sens li l-awtoritajiet kompetenti taħt l-Artikoli 5, 6(2) jew 8 għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-miżuri li jkunu ħadu jew dwar id-deċiżjoni tagħhom li ma jieħdu l-ebda deċiżjoni. Madankollu, il-formulazzjoni tat-test ma tindikax li, għalkemm obbligatorja, din l-informazzjoni hija kundizzjoni tal-effett ta' ċessazzjoni tal-miżuri meħuda mill-awtorità nazzjonali.

---

43 Fi kliem ieħor, lil awtorità li l-awtorità tar-residenza abitwali (jew tal-preżenza fil-każ tal-Artikolu 6) b'xi mod iddelegat il-ġuriżdizzjoni tagħha lilha, ara n-Nri 65 *et seq* ta' hawn taħt.

## Artikolu 8 (trasferiment tal-ġuriżdizzjoni lil forum adegwat)

**65** Dan l-Artikolu, li l-ispirazzjoni tiegħu hija simili għal dik tal-Artikolu 8 u 9 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, huwa t-tieni element tal-kompromess indikat hawn fuq bejn iż-żewġ approċċi għall-problema tal-ġuriżdizzjoni. Huwa jqiegħed enfażi fuq il-preċedenza tal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-adult, billi jippermettilhom, jekk ikun meħtieġ mill-interessi tal-adult, li jiġi protett mill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor.

Paragrafu 1

**66** Jista' jkun li l-awtoritajiet tar-residenza abitwali tal-adult, li tingħatalhom il-ġuriżdizzjoni prinċipali (l-Artikolu 5), jew aktar minn hekk l-awtoritajiet tal-Istat fejn l-adult huwa sempliċiment preżenti fil-każ tal-Artikolu 6, mhumiex fl-aħjar pożizzjoni li jevalwaw f'każ partikolari l-interessi tal-adult. Kieku, pereżempju, l-adult kien jgħix fi Stat li mhuwiex dak tan-nazzjonalità tiegħu, fejn kien taħt il-protezzjoni ta' persuna li kienet għadha kif mietet, u l-unika qarib f'pożizzjoni li jipproteġih fil-futur kellu residenza abitwali fi Stat ieħor, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat huma mingħajr dubju fl-aħjar pożizzjoni li jevalwaw l-adegwatezza ta' dan il-qarib u li jorganizzaw il-kundizzjonijiet li l-protezzjoni għandha tiġi eżerċitata taħthom.

L-Artikolu 8(1), li jgħaqqad iż-żewġ proċeduri previsti mill-Artikoli 8 u 9 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzojni tat-Tfal, jipprevedi li l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li għandhom ġuriżdizzjoni taħt l-Artikolu 5 (ir-residenza abitwali) jew l-Artikolu 6 (il-preżenza, għar-rifjuġjati, il-persuni spustati jew persuni mingħajr residenza abitwali stabbilita) huma kapaċi, fuq mozzjoni tagħhom jew fuq talba tal-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor, iressqu talba lill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li jidrulhom l-aktar adegwati li jieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-adult[44].

Din l-għażla li jintalab trasferiment tal-ġuriżdizzjoni hija riservata għall-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-adult jew, fil-każijiet previsti fl-Artikolu 6, lill-awtoritajiet tal-Istat tat-territorju fejn huwa preżenti l-adult. Dan it-test jeskludi l-awtoritajiet tal-Istat nazzjonali tal-adult. Dawn jistgħu jeżerċitaw il-ġuriżdizzjoni tagħhom direttament "jekk jikkunsidraw li qegħdin f'pożizzjoni aħjar li jevalwaw l-interessi tal-adult" (l-Artikolu 7), iżda jistgħu jastjenu biss jekk dan ma jkunx il-każ.

Is-suġġett tat-talba indirizzata lill-awtoritajiet lil Stat Kontraenti ieħor huwa li "jittieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-proprjetà tal-adult". It-test iżid li din it-talba tista' tkun relatata ma' "kull aspett jew ċerti aspetti ta' tali protezzjoni". Għaldaqstant element ta' flessibilità huwa introdott f'dan il-makkinarju għad-delega tal-ġuriżdizzjoni. Għalhekk it-talba indirizzata lill-Istat fejn tinstab il-proprjetà, pereżempju, tista' tiġi limitata għall-protezzjoni tal-proprjetà li tinsab hemm.

---

[44] Grupp ta' Ħidma, ippresedut mis-Sinjura Baur, delegata ta' Franza, ippreparа mudell ta' formola li jista' jintuża mill-awtoritajiet rikjedenti u mill-awtorità indirizzata fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 8 (id-Dokument ta' Ħidma Nru 91). Dan il-mudell, approvat mill-Kumitat, ma ġiex inkorporat fil-Konvenzjoni,, iżda l-Uffiċċju Permanenti se jirrakkomanda li l-Istati Kontraenti jużawh.

Paragrafu 2

67 Dan il-paragrafu jelenka l-Istati li l-awtoritajiet tagħhom jistgħu jiġu indirizzati taħt il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu preċedenti, jiġifieri fuq talba tal-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult.

68 It-test isemmi l-ewwel nett "Stat tan-nazzjonalità tal-adult". Hawnhekk ma hemmx sovrappożizzjoni mal-ġuriżdizzjoni primarja tal-awtoritajiet tal-Istat nazzjonali tal-adult prevista mill-Artikolu 7. Fil-każ tal-Artikolu 7, din il-ġuriżdizzjoni konkorrenti hija sussidjarja u tieqaf tkun fis-seħħ jekk l-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult jiddeċiedu li jeżerċitaw il-ġuriżdizzjoni tagħhom. Fil-każ tal-Artikolu 8, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom libertà totali, fi ħdan il-limiti tal-awtorità ddelegata li ġew mitluba li jaċċettaw, peress li l-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali rtiraw favur il-ġuriżdizzjoni tagħhom. Fil-każ ta' rifuġjat jew persuna spustata involontarjament minn Stat tan-nazzjonalità tiegħu, għandu jiġi preżunt, għalkemm il-Kumitat ma xtaqx jintroduċi kjarifika f'dan ir-rigward,[45] li l-awtoritajiet tal-Istat fejn huwa preżenti l-adult, li huma kompetenti taħt l-Artikolu 6(1) se jżommu lura, fin-nuqqas ta' bidla fiċ-ċirkostanzi, minn kwalunkwe delega tal-ġuriżdizzjoni lill-awtoritajiet tal-Istat nazzjonali tal-adult.

69 It-test wara jsemmi "l-Istat tar-residenza abitwali preċedenti tal-adult". B'dawn it-termini għandu jinftiehem l-Istat tal-aħħar residenza abitwali u mhux dak ta' kwalunkwe residenza abitwali preċedenti[46]. L-awtoritajiet tar-residenza abitwali preżenti se jikkunsidraw b'mod partikolari jekk din l-aħħar residenza abitwali kinitx bejn wieħed u ieħor riċenti u jekk hemmx preżenti persuni li kienu jafu lill-adult.

70 Fit-tielet lok, it-test isemmi "Stat fejn tinsab il-proprjetà tal-adult". Hawnhekk huwa neċessarju li ssir osservazzjoni simili għal dik li saret hawn fuq fir-rigward tal-Istat nazzjonali tal-adult. Il-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà hija stabbilita bħala primarja mill-Artikolu 9, iżda hija ċirkonskritta hemmhekk, kif se naraw, minn miżuri meħuda mill-awtoritajiet tar-residenza abitwali tal-adult, u limitata għal miżuri relatati mal-proprjetà, filwaqt li fil-każ tal-Artikolu 8, il-ġuriżdizzjoni tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà hija sa ċertu punt delegata u mhijiex limitata għal miżuri dwar tali proprjetà.

71 Fir-raba' lok, it-test isemmi "l-Istat li l-awtoritajiet tiegħu ntagħżlu bil-miktub mill-adult biex jieħdu miżuri maħsubin għall-protezzjoni tiegħu". Dan ir-rikors għall-awtonomija tal-volontà huwa risposta għax-xewqa li jiġi rikonoxxut u promoss il-bżonn għal awtonomija tal-persuna inkapaċitata. Madankollu, billi l-vulnerabilità ta' tali persuni għall-influwenzi esterni li jistgħu jkunu soġġetti għalihom għandha tiġi kkunsidrata wkoll, ġie deċiż li tiġi ċirkonskritta din l-awtonomija billi ssir soġġetta għall-kontroll tal-awtoritajiet tar-residenza abitwali tal-adult[47].

---

45 Ara d-diskussjoni dwar dan il-punt, Minuti Nru 4, Nri 20 sa 36 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.244-245]

46 L-Artikolu 8(2) subparagrafu *b)* jitbiegħed dwar dan il-punt mill-Artikolu 15(2) subparagrafu *b)*, li jippermetti lill-adult li jagħżel il-liġi ta' "l-Istat ta' residenza abitwali preċedenti tal-adult" biex jirregola l-mandat fil-każ ta' inkapaċità, ara n-Nru 102 hawn taħt.

47 Il-Kumitat irrifjuta proposta mid-delegazzjoni tal-Istati Uniti favur li tiġi permessa delegazzjoni tal-ġuriżdizzjoni lill-Istat li l-liġi tiegħu tirregola l-mandat fil-każ ta' inkapaċità stabbilita fl-Artikolu 15. Ara d-Dokument ta' Ħidma Nru 26 u d-diskussjoni, Minuti Nru 4, Nru 58-65 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.246-247]

**72** Fil-ħames lok, is-subparagrafu *e)* jsemmi "l-Istat tar-residenza abitwali ta' persuna qrib l-adult lesta li tipproteġih". Il-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet ta' dan l-Istat hija aktar ċara billi hija din il-protezzjoni tal-Istat li se tiġi eżerċitata u li huwa forsi f'dan l-Istat li l-adult se jkollu jgħix. Din il-ġuriżdizzjoni titqiegħed ukoll taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet tar-residenza abitwali tal-adult, li se jagħmlu evalwazzjoni *prima facie* ta' jekk il-persuna inkwistjoni għandhiex kredenzjali affidabbli – li se jiġi ddeterminat mill-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali – sabiex titwettaq il-protezzjoni tal-adult.

Il-Kumitat ipprefera l-espressjoni "persuni qrib l-adult" minn dik apparentement aktar preċiża "*qraba tal-adult*" sabiex jiġu inklużi wkoll persuni bħal ħbieb jew kumpanji li huma devoti għall-adult għalkemm ma għandhomx rabta familjari

**73** Fl-aħħar nett, is-subparagrafu *f)* isemmi t-territorju tal-Istat li fih huwa preżenti l-adult, fir-rigward tal-protezzjoni tal-persuna. Il-ġuriżdizzjoni tal-post fejn l-adult huwa preżenti diġà ġiet stabbilita bħala prinċipju mill-Artikolu 6, fis-sitwazzjonijiet li tiddeskrivi, kif ukoll mill-Artikolu 10 fil-każijiet ta' urġenza u l-Artikolu 11 fir-rigward ta' miżuri temporanji u limitati. Fl-Artikolu 8, l-awtoritajiet tal-Istat fejn l-adult huwa preżenti jistgħu jirċievu delegazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali[48] biex tiġi garantita l-protezzjoni tal-persuna, mingħajr ebda limitazzjoni oħra barra dawk inklużi fit-talba ta' dawk l-awtoritajiet. Dan il-każ ġdid ta' delega ġie kkunsidrat l-ewwel darba waqt id-diskussjoni bħala li japplika biss fil-qasam mediku. Id-deċiżjoni stabbilita hawn fuq (Nru 42) li ma jiġux stipulati regoli speċjali għal dan il-qasam involviet l-estensjoni ta' din il-possibilità għall-protezzjoni tal-persuna tal-adult inġenerali.

<u>Paragrafu 3</u>

**74** L-awtoritajiet li jiddelegaw ma għandhomx is-setgħa li jġiegħlu lill-awtoritajiet li qed jindirizzaw jaċċettaw il-ġuriżdizzjoni li jitolbuhom jeżerċitaw. Sabiex tiġi evitata diskrepanza fil-protezzjoni, il-paragrafu 3 jipprevedi li jekk l-awtoritajiet rikjesti ma jaċċettawx il-ġuriżdizzjoni, l-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni taħt l-Artikoli 5 u 6 iżommu l-ġuriżdizzjoni.

It-test ma jindikax il-mod ta' rifjut tal-ġuriżdizzjoni. Dan ovvjament jista' jkun rifjut formali tal-ġuriżdizzjoni iżda wkoll, milli jidher, nuqqas fit-tul ta' risposta[49].

## Artikolu 9 (ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà tal-adult)

**75** Il-bżonn li tiġi inkluża ġuriżdizzjoni fl-awtoritajiet tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà tal-adult biex jittieħdu miżuri ta' protezzjoni relatati ma' dik il-proprjetà huwa spjegat mill-fatt li l-adulti li jeħtieġu protezzjoni huma ġeneralment, għall-kuntrarju tat-tfal, sidien ta' proprjetà. Meta l-proprjetà tinsab fi Stat Kontraenti minbarra dak li fih l-adult għandu r-residenza abitwali tiegħu, il-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà se tippermetti t-teħid ta' miżura ta' protezzjoni adattata għar-rekwiżiti tal-liġi ta' dak l-Istat u li huma implimentati faċilment. Pereżempju, jekk il-liġi tas-situs tal-proprjetà teħtieġ awtorizzazzjoni ġudizzjarja għall-bejgħ tal-proprjetà jew, inkella, għall-aċċettazzjoni ta' wirt li tiddependi fuqu, jew li jsir avviż uffiċjali dwar l-art, u l-liġi tar-residenza abitwali

[48] F'dan il-każ preċiż, id-delegazzjoni tal-ġuriżdizzjoni tista' tiġi biss teoretikament mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 5.

[49] L-użu tal-formola indikata hawn fuq fin-Nru 44 għandu jippermetti li tiġi evitata l-inċertezza ta' rifjut impliċitu.

ma tkunx konxja ta' dan it-tip ta' awtorizzazzjoni, huwa aktar spedjenti li l-kwistjoni titressaq direttament quddiem l-awtoritajiet tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà.

**76** Il-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat tas-situs li jieħdu miżuri ta' protezzjoni tal-proprjetà inkwistjoni hija aċċettata biss "sal-punt li tali miżuri jkunu kompatibbli ma' dawk meħudin diġà mill-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni taħt l-Artikoli 5 sa 8".

Din il-limitazzjoni tispjega ruħha u timmira li tevita kull inkonsistenza bejn miżuri għall-protezzjoni tal-proprjetà li jistgħu jittieħdu mill-awtoritajiet lokali u dawk meħudin mill-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni ġenerali biex jorganizzaw il-protezzjoni. Wieħed għandu jinnota li l-miżuri meħudin mill-awtoritajiet b'ġuriżdizzjoni ġenerali jistgħu jittieħdu qabel jew wara dawk meħudin mill-awtoritajiet tal-Istat tas-situs[50]. Jekk ikunu ttieħdu wara, huma se jitterminaw il-miżuri meħudin mill-awtoritajiet tas-situs sal-punt tal-inkompatibilità.

## Artikolu 10 (ġuriżdizzjoni f'każ ta' urġenza)

**77** Dan it-test litteralment jirrepeti dak tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u ġie adottat mingħajr diskussjoni, minbarra ż-żieda tar-raba' paragrafu.

<u>Paragrafu 1</u>

**78** Dan it-test jattribwixxi lill-awtoritajiet ta' kull Stat Kontraenti fit-territorju fejn huma preżenti l-adult jew il-proprjetà tiegħu, il-ġuriżdizzjoni li jieħdu l-miżuri ta' protezzjoni neċessarji f'każijiet ta' urġenza.

Sitwazzjoni ta' urġenza sseħħ meta s-sitwazzjoni, jekk titfittex biss azzjoni korrettiva permezz tal-mezzi normali tal-Artikoli 5 sa 9, tista' tikkawża ħsara irreparabbli lill-adult jew il-proprjetà tiegħu. Is-sitwazzjoni ta' urġenza għaldaqstant tiġġustifika deroga mir-regola normali u għal din ir-raġuni għandha tinftiehem b'mod pjuttost strett. Partikolarment fi kwistjonijiet mediċi, l-Artikolu 10 ma għandux jintuża bħala ġustifikazzjoni ġenerali għall-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat fejn huwa preżenti l-adult. Eżempju li ġie pprovdut huwa l-abort f'mara żagħżugħa inkapaċitata. Għalkemm tali operazzjoni għandha neċessarjament issir f'ċertu limitu ta' żmien, dan mhuwiex normalment każ ta' urġenza tat-tip kopert mill-Artikolu 10. F'dan il-qasam, ċerti delegazzjonijiet xtaqu li jaraw il-ġuriżdizzjoni tal-post fejn huwa preżenti l-adult, iżda r-rifjut tal-proposti f'dak ir-rigward[51] ma jistax jiġġustifika abbuż tal-ġuriżdizzjoni f'każ ta' urġenza.

Il-ġuriżdizzjoni prevista fl-Artikolu 10 hija konkorrenti ma' dik tal-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult. Il-ġustifikazzjoni tagħha hija preċiżament l-eżistenza ta' każ urġenti. Kieku din il-ġuriżdizzjoni ma kinitx prevista, id-dewmien li kien jiġi kkawżat mill-obbligu li titressaq talba quddiem l-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult seta' jipperikola l-protezzjoni jew l-interessi tal-adult. Din il-ġuriżdizzjoni konkorrenti se tiġi eżerċitata, pereżempju, jekk ikun

---

50 Din is-soluzzjoni ġejja mill-adozzjoni ta' proposta mill-Istati Uniti favur it-tħassir tal-avverbju "diġà" (il-miżura diġà meħudin) fl-abbozz preliminari tal-Kumitat Speċjali, ara d-Dokument ta' Ħidma Nru 101 u l-Minuti Nru 15, Nri 76-77 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.326]

51 Ara l-proposta minn tliet Stati Nordiċi (id-Dokument ta' Ħidma Nru 19, u d-diskussjoni, Minuti Nru 4, Nri 66-100 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.247-249])

neċessarju li tiġi garantita r-rappreżentazzjoni ta' adult li jinsab 'il bogħod mir-residenza abitwali tiegħu u li għandu jagħmel operazzjoni kirurġika urġenti, jew jekk prodotti li jitħassru tal-adult għandhom jinbiegħu malajr.

**79** L-Istati li l-awtoritajiet tagħhom jistgħu jiġu indirizzati fuq il-bażi ta' urġenza huma l-Istati fit-territorju fejn huma preżenti l-adult jew il-proprjetà tiegħu. Fir-rigward tal-awtorità tal-Istat fejn huwa preżenti l-adult, din testendi *ex hypothesi* għal adulti li mhumiex rifuġjati jew adulti spustati skont it-tifsira tal-Artikolu 6(1), jew adulti mingħajr residenza abitwali skont it-tifsira tal-Artikolu 6(2). Għal dawn l-adulti, fil-fatt, fin-nuqqas ta' Stat tar-residenza abitwali li hija stabbilita jew aċċessibbli, l-awtoritajiet fejn l-adult huwa preżenti għandhom ġuriżdizzjoni ġenerali. Hawnehkk, għall-kuntrarju, il-ġuriżdizzjoni bbażata fuq il-preżenza għandha kamp ta' applikazzjoni limitat għal sitwazzjonijiet ta' urġenza.

L-awtoritajiet tal-Istat fit-territorju fejn hija preżenti l-proprjetà tal-adult għandhom, f'każijiet ta' urġenza, ġuriżdizzjoni li mhijiex limitata għall-protezzjoni ta' din il-proprjetà. Huwa possibbli, fil-fatt, li wieħed jimmaġina li l-urġenza teħtieġ il-bejgħ f'pajjiż wieħed ta' proprjetà tal-adult, sabiex ikollu, fil-pajjiż fejn ikun preżenti, ir-riżorsi li huma immedjatament neċessarji (ara n-Nru 61 hawn fuq).

<u>Paragrafu 2</u>

**80** Il-ġuriżdizzjoni bbażata fuq l-urġenza, għalkemm hija konkorrenti mal-ġuriżdizzjonijiet tal-awtoritajiet li normalment għandhom ġuriżdizzjoni taħt il-Konvenzjoni, għandha tibqa' subordinata għalihom. Għalhekk l-Artikolu 10(2) jipprevedi, iżda biss fil-każ fejn l-adult ikkonċernat għandu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat Kontraenti, li l-miżuri meħuda b'applikazzjoni tal-paragrafu 1 "għandhom jiskadu ladarba l-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni taħt l-Artikoli 5 sa 9 ikunu ħadu l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni" (qabbel mal-Artikolu 7(2)). F'dak il-mument, is-sitwazzjoni hija taħt il-kontroll tal-awtoritajiet li normalment għandhom ġuriżdizzjoni, u ma għadx hemm raġuni biex tinżamm il-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat fejn huwa preżenti l-adult u lanqas il-miżuri li jkunu ħadu f'ċirkostanzi urġenti u li, sa dak il-mument, kellhom jiġu rikonoxxuti fl-Istati Kontraenti kollha (*cf.* l-Artikolu 22).

<u>Paragrafu 3</u>

**81** Dan il-paragrafu jirregola l-kwistjoni tas-sopravvivenza tal-miżuri meħuda mill-qorti li taġixxi taħt ġuriżdizzjoni ta' urġenza, iżda fuq l-ipoteżi li l-adult ikkonċernat ma għandux ir-residenza abitwali tiegħu fi Stat Kontraenti. Jekk l-awtoritajiet tal-Istat mhux Kontraenti tar-residenza abitwali tal-adult, jew jekk ikun il-każ ta' Stat ieħor li l-ġuriżdizzjoni tiegħu tista' tiġi rikonoxxuta, ikunu ħadu l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni, ma hemmx raġuni li jinżammu l-miżuri meħudin mill-qorti li taġixxi taħt ġuriżdizzjoni ta' urġenza.

Ir-raġuni għal din il-konklużjoni hija l-istess bħal fis-sitwazzjoni prevista fil-paragrafu 2, bid-diffikultà speċifika għal din is-sitwazzjoni li l-awtorità li normalment għandha ġuriżdizzjoni hija dik ta' Stat mhux Kontraenti, li l-Konvenzjoni *ex hypothesi* ma setgħetx tagħtih il-ġuriżdizzjoni, u li d-deċiżjonijiet tiegħu mhumiex neċessarjament rikonoxxuti fl-Istati Kontraenti. Ir-rikonoxximent fl-Istati Kontraenti tal-miżuri meħudin minn Stat mhux Kontraenti jista' jiddependi biss fuq il-liġi nazzjonali ta' kull Stat Kontraenti kkonċernat, bir-riżultat li t-terminazzjoni tal-effetti tal-miżuri meħudin mill-qorti li taġixxi taħt il-ġuriżdizzjoni ta' urġenza mhux se ssir b'mod uniformi u simultanju fl-Istati Kontraenti differenti. Dan se jseħħ b'mod separat f'kull wieħed minn dawn l-Istati

"malli jiġu rikonoxxuti fl-Istat Kontraenti inkwistjoni", jiġifieri, malli d-deċiżjonijiet meħudin minn Stat mhux Kontraenti jiġu rikonoxxuti f'kull Stat Kontraenti (u mhux biss fl-Istat li l-awtorità tiegħu ħadet il-miżura ta' urġenza).

L-Artikolu 10(3) jista' jidher ovvju. Tal-inqas għandu l-mertu li jindika li t-teħid ta' miżura ta' urġenza fi Stat Kontraenti mhuwiex ostakolu għar-rikonoxximent fl-Istati Kontraenti l-oħra ta' miżuri meħuda fi Stat mhux Kontraenti.

Paragrafu 4

82 Dan il-paragrafu jistabbilixxi l-obbligu, għall-awtoritajiet kompetenti taħt il-paragrafu 1, li jinformaw lill-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult dwar il-miżuri meħudin. Din id-dispożizzjoni għal darb'oħra tesprimi l-preċedenza tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult u tista' titqabbel mal-obbligu ta' informazzjoni mqiegħed fuq l-awtoritajiet tal-Istat nazzjonali tal-adult mill-Artikolu 7(1). Madankollu, l-obbligu ta' informazzjoni huwa ħafna aktar dgħajjef hawn. Huwa stabbilit biss "jekk possibbli" u biss ladarba jkunu ttieħdu l-miżuri. Peress li, *ex hypothesi*, dawn huma miżuri ta' urġenza, obbligu ta' informazzjoni preċedenti, tat-tip stabbilit fl-Artikolu 7(1) kien ikun diffiċli li jinftiehem. Għaldaqstant l-għoti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet dwar ir-residenza abitwali mhijiex kundizzjoni tal-ġuriżdizzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 10, u għal din ir-raġuni n-nuqqas ta' informazzjoni ma jistax ikun bażi għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-miżuri ta' urġenza.

Differenza oħra mill-Artikolu 7(1) hija li l-awtoritajiet li jkunu ħadu miżuri ta' urġenza għandhom jinfurmaw biss lill-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult dwarhom, u mhux lill-awtoritajiet li setgħu kellhom ġuriżdizzjoni taħt l-Artikolu 6. Din il-limitazzjoni hija aċċettabbli. Jekk l-awtorità li tkun ħadet il-miżuri ta' urġenza hija dik tal-Istat fejn huwa preżenti l-adult, tista' titħawwad ma' dik stabbilita fl-Artikolu 6. Jekk tkun l-awtorità tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà li ħadet miżura ta' urġenza għall-protezzjoni tal-proprjetà, ma hemm l-ebda raġuni li jiġi impost fuqha obbligu li tinforma lill-awtoritajiet tal-Istat tas-situs, li mhuwiex impost fuqha mill-Artikolu 9 meta tingħata sentenza fuq il-każijiet mhux urġenti[52]. Fir-realtà, l-Artikolu 9 lanqas ma jimponi l-obbligu li jiġi infurmat l-Istat tar-residenza abitwali, u f'dan ir-rigward l-obbligu ta' informazzjoni f'każ urġenti huwa ħafna akbar milli fis-sitwazzjoni normali.

## Artikolu 11 (miżuri għall-protezzjoni tal-persuna li huma temporanji u ta' effett territorjali limitat)

Paragrafu 1

83 Indipendentement mill-każijiet ta' urġenza, l-Artikolu 11 jattribwixxi wkoll lill-awtoritajiet ta' kull Stat Kontraenti, fit-territorju fejn huwa preżenti l-adult, ġuriżdizzjoni konkorrenti eċċezzjonali biex jieħdu miżuri dwar il-protezzjoni tal-persuna li huma ta' natura temporanja u li l-effett territorjali tagħhom huwa limitat għall-Istat inkwistjoni.

---

52 Huwa biss meta l-awtoritajiet tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà jkunu ġew mitluba b'mod eċċezzjonali li jieħdu miżura urġenti ta' protezzjoni tal-persuna tal-adult li wieħed seta' jimmaġina obbligu li tiġi infurmata l-awtorità tal-Istat fejn huwa preżenti l-adult fis-sitwazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6. Il-Kumitat ma xtaqx jagħmel il-kompitu tagħhom aktar diffiċli.

L-oriġini ta' dan it-test, li huwa ispirat mill-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, tmur lura għad-diskussjoni twila tal-Kumitat Diplomatiku dwar kwistjonijiet mediċi (ara n-Nri 41 *et seq.* ta' hawn fuq dwar l-Artikolu 4(1) *f)*). Id-delegazzjonijiet tal-Istati Uniti tal-Amerka, tal-Finlandja u tal-Iżvizzera[53] ipproponew sempliċiment it-traspożizzjoni ta' dak l-Artikolu 12 għall-adulti, billi kienu jemmnu li b'hekk setgħu jiġu solvuti kwistjonijiet mediċi fost oħrajn. Din il-proposta ġiet irrifjutata,[54] fost oħrajn għaliex il-kunċett ta' effett territorjali limitat bilkemm kellu tifsira fil-kwistjonijiet mediċi. Il-proposta wara reġgħet ġiet ikkunsidrata u approvata mill-Kumitat fit-tieni qari tagħha b'test limitat għall-miżuri li jikkonċernaw trattament mediku u li ma jibqgħux isemmu l-effett territorjali limitat[55]. Kien fl-aħħar stadju tan-negozjati li, fi spirtu ta' kompromess, it-test definittiv ġie adottat mingħajr diskussjoni,[56] inkluż in-nuqqas ta' referenzi ulterjuri għat-trattament mediku u l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kunċetti ta' effett territorjali limitat.

**84** Huwa f'każijiet eċċezzjonali biss li din il-ġuriżdizzjoni tingħata lill-awtoritajiet tal-Istat fejn huwa preżenti l-adult. Il-miżuri li jistgħu jittieħdu jikkonċernaw biss il-persuna tal-adult, mhux bħall-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, li jsemmi wkoll il-protezzjoni tal-proprjetà tat-tfal. B'kunsiderazzjoni għad-diskussjonijiet imsemmija hawn fuq, wieħed jista' naturalment jaħseb li dawn il-miżuri jistgħu jkollhom skop mediku. Madankollu, dawn il-miżuri jistgħu jkunu biss temporanji u b'validità territorjali limitata għal dak l-Istat. Tista' tiġi immaġinata sitwazzjoni fejn l-Istat li fit-territorju tiegħu adult żgħażugħ inkapaċitat huwa temporanjament preżenti jiddeċiedi, bi skop ta' protezzjoni, li jiżolah minn ċerti persuni fl-ambjent immedjat tiegħu waqt is-soġġorn tiegħu f'dak l-Istat jew jieħu miżura ta' tqegħid jew tqegħid temporanju fi sptar, anke f'każ mhux urġenti. Iżda dan it-test ma jagħtix ġuriżdizzjoni lill-Istat fejn huwa preżenti l-adult biex jawtorizza miżuri mediċi serji u definittivi, bħall-abort, l-isterilizzazzjoni jew l-operazzjoni kirurġika li tinvolvi t-tneħħija ta' organu jew l-amputazzjoni.

Il-ġuriżdizzjoni li tirriżulta minn dan l-Artikolu għadha limitata fis-sens li l-miżuri meħudin fuq din il-bażi mill-awtoritajiet tal-Istat fejn l-adult huwa preżenti ma jistgħux ikunu inkompatibbli mal-miżuri meħudin mill-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tiegħu. Għahekk ma hemm l-ebda raġuni għall-biża' li l-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni taħt l-Artikolu 11 jistgħu jorganizzaw tip ta' protezzjoni separata tal-adult fit-territorju tal-Istat tagħhom, peress li għandhom jikkonformaw mal-miżuri kollha meħudin diġà mill-awtoritajiet li normalment ikollhom ġuriżdizzjoni. Din il-limitazzjoni tiddistingwi l-Artikolu 11 mill-Artikolu 10. Il-ġuriżdizzjoni tal-Istat fejn huwa preżenti l-adult tista' twarrab il-miżuri meħudin qabel mill-awtoritajiet li normalment ikollhom ġuriżdizzjoni biss f'sitwazzjonijiet ta' urġenza.

Barra minn hekk, il-ġuriżdizzjoni li tirriżulta mill-Artikolu 11 hija dipendenti, bħal dik mogħtija lill-awtoritajiet tal-Istat nazzjonali tal-adult mill-Artikolu 7, mill-fatt li l-awtoritajiet tar-residenza abitwali jiġu infurmati minn qabel.

---

53 Id-Dok ta' Ħidma Nru 15.

54 Bi 8 voti kontra 6, b'7 astenzjonijiet, ara l-Minuti Nru 4, Nru 103 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.249]

55 Ara d-Dok ta' Ħidma Nru 82, id-diskussjoni, Minuti Nru 13, Nri 1-18 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.310-311] u t-test ippreżentat wara din id-diskussjoni mill-kumitat tal-abbozzar, id-Dok ta' Ħidma Nru 88, l-Artikolu 10 *a*, u d-diskussjoni ulterjuri, Minuti Nru 15, Nri 78-100 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.326-328]

56 Id-Dok ta' Ħidma Nru 114.

Paragrafu 2

85 F'termini vera qrib iżda differenti minn dawk tal-Artikolu 10(2), u għall-istess każ ta' adult li għandu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat Kontraenti, dan il-paragrafu jipprevedi li l-miżuri temporanji meħudin b'dan il-mod għandhom jiskadu malli l-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni taħt l-Artikoli 5 sa 8[57] "ikunu ħadu deċiżjoni fir-rigward tal-miżuri ta' protezzjoni li jistgħu jkunu meħtieġa mis-sitwazzjoni". Din l-aħħar parti tas-sentenza hija differenti minn dik użata fl-Artikolu 10. Jista' jkun li, wara li tkun ġiet eżaminata s-sitwazzjoni, l-awtoritajiet li normalment għandhom ġuriżdizzjoni jistgħu jikkunsidraw li ma jenħtieġ li tittieħed l-ebda miżura. F'tali każ, il-miżuri temporanji meħuda b'applikazzjoni tal-Artikolu 11 ma għandhomx raġuni biex ikomplu.

L-Artikolu 11 ma rrepetiex l-Artikolu 12(3) tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal. Billi huwa evidenti li, fejn l-adult għandu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat mhux Kontraenti, ir-rikonoxximent (mhux irregolat mill-Konvenzjoni) mill-Istat Kontraenti li ħa miżuri fuq il-bażi tal-Artikolu 11 tal-miżuri meħudin mill-Istat tar-residenza abitwali se jċaħħad lill-miżuri li ħa fuq il-bażi tal-Artikolu 11 mill-effett tagħhom fl-Istat Kontraenti kkonċernat.

## Artikolu 12 (iż-żamma fis-seħħ tal-miżuri fil-każ ta' bidla fiċ-ċirkostanzi)

86 Dan l-Artikolu, identiku għall-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, jiggarantixxi ż-żamma fis-seħħ tal-miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti, anke meta l-bażijiet għall-ġuriżdizzjoni ta' din l-awtorità jkunu sussegwentement sparixxew b'riżultat ta' bidla fiċ-ċirkostanzi, sakemm l-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni wara din il-bidla ma mmodifikawhomx, ma ssostitwixxewhomx jew ma tterminawhomx.

Din iż-żamma fis-seħħ hija neċessarja sabiex tiġi żgurata ċerta kontinwità fil-protezzjoni tal-adult. Jekk, pereżempju, ikun inħatar tutur mill-awtoritajiet tal-ewwel residenza abitwali tal-adult, huwa neċessarju li dan il-gwardjan jista' jkompli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu fil-każ li l-adult imur jgħix abitwalment fi Stat ieħor. Ċertament, skont l-Artikolu 5(2), l-awtoritajiet ta' dan l-Istat ġdid għandhom ġuriżdizzjoni minn hawn 'il quddiem li jieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-adult, possibilment li jħassru dawk meħudin qabel (ara n-Nru 20 hawn fuq) iżda, sakemm ma jkunux ħadu azzjoni, il-miżuri meħuda qabel il-bidla tar-residenza għandhom jibqgħu fis-seħħ sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fil-protezzjoni.

Il-prinċipju, stabbilit fl-Artikolu 22(1) (ara n-Nru 116 hawn taħt), tar-rikonoxximent leġittimu fl-Istati Kontraenti kollha tal-miżuri meħudin mill-awtoritajiet ta' wieħed minnhom, ma jkunx biżżejjed biex jinkiseb dan ir-riżultat. L-Artikolu 22 fil-fatt jiżgura r-rikonoxximent għall-miżuri li huma fis-seħħ, iżda l-problema solvuta mill-Artikolu 12, bil-kummenti dwarha hawnhekk, hija preċiżament li wieħed ikun jaf jekk il-miżuri baqgħux fis-seħħ wara l-bidla fiċ-ċirkostanzi.

87 L-Artikolu 12 japplika għall-miżuri meħuda b'applikazzjoni tal-Artikolu 5 sa 9. Huwa jħalli barra mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu kemm il-miżuri meħudin taħt il-ġuriżdizzjoni ta' urġenza fuq il-bażi tal-Artikolu 10, li d-destin tagħhom huwa

57 Ir-referenza għall-Artikolu 6 hawnhekk hija inutli, peress li l-Artikolu 6, bħall-Artikolu 11, jagħti ġuriżdizzjoni lill-Istat fejn huwa preżenti l-adult.

rregolat mill-paragrafu 3 tal-Artikolu kkonċernat, kif ukoll il-miżuri temporanji ta' protezzjoni tal-persuna tal-adult, skont l-Artikolu 11. Min-naħa l-oħra, dan japplika għall-miżuri meħudin mill-awtoritajiet nazzjonali tal-adult (l-Artikolu 7), iżda bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 7(3), li jiddetermina l-modi kif dawn il-miżuri jieqfu jkollhom effett (ara n-Nru 64 hawn fuq).

**88** Il-"bidla fiċ-ċirkostanzi" kkunsidrata se tkun, fil-każ tal-Artikoli 5 u 6, rispettivament, il-bidla tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult, jew biss tal-preżenza tal-adult. Il-miżuri meħuda se jibqgħu fis-seħħ skont l-Artikolu 12, iżda l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tagħhom se jiġu rregolati, miż-żmien tal-bidla, mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali ġdida, skont l-Artikolu 14 (ara hawn taħt). Fil-każ tal-Artikoli 7 u 9, il-"bidla fiċ-ċirkostanzi" se tkun rispettivament il-bidla tan-nazzjonalità tal-adult jew tal-post tal-proprjetà. It-test se jkollu applikazzjoni anqas frekwenti fil-każ tal-Artikolu 8, minħabba l-fatt li ċerti kapijiet tal-ġuriżdizzjoni previsti minnu (is-subparagrafi *b)* u *d)*) huma fissi fiż-żmien. Madankollu, jista' jopera fil-każ ta' bidla fin-nazzjonalità tal-adult, tal-post tal-proprjetà, tal-preżenza tal-adult jew tar-residenza abitwali tal-qraba tal-adult.

Iż-żamma fis-seħħ tal-miżuri meħuda hija garantita biss "skont it-termini tagħhom". Din l-ispeċifikazzjoni tqis il-fatt li l-awtorità kompetenti tal-Istat tar-residenza abitwali setgħet ħadet miżuri applikabbli biss sakemm l-adult jgħix f'dak l-Istat. Pereżempju, setgħet ipprevediet li kwalunkwe bidla tar-residenza għandha tkun soġġetta għal dikjarazzjoni lill-awtoritajiet pubbliċi tar-residenza ġdida. Tali obbligu ma jistax ikollu effett extraterritorjali u mhux se jibqa' jeżisti f'każ ta' bidla fir-residenza abitwali għal Stat ieħor. Bl-istess mod, jekk adult ikun tqiegħed mill-istess awtorità taħt is-sorveljanza ta' servizz soċjali pubbliku, huwa ċar li din il-miżura ma tistax tibqa' teżisti f'każ ta' bidla fir-residenza abitwali tal-adult għal Stat ieħor, peress li s-servizz inkwistjoni jista' jeżerċita s-setgħat tiegħu biss fit-territorju tal-Istat li jappartjeni għalih.

<u>Kummenti finali</u>

**89** Ir-regoli tal-ġuriżdizzjoni li jinsabu fil-Kapitolu II, li ġew analizzati hawn fuq, jiffurmaw sistema kompluta u magħluqa li tapplika integralment għall-Istati Kontraenti meta l-adult ikollu r-residenza abitwali tiegħu fit-territorju ta' wieħed minnhom. F'dan il-każ, Stat Kontraenti mhuwiex awtorizzat li jeżerċita l-ġuriżdizzjoni fuq adult jekk tali ġuriżdizzjoni mhijiex prevista fil-Konvenzjoni. L-istess soluzzjoni tiddomina fis-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 6 fejn l-adult huwa preżenti fi Stat Kontraenti.

Fis-sitwazzjonijiet l-oħra, il-preżenza sempliċi tal-adult twassal għall-applikazzjoni tal-Artikoli 10 u 11, iżda dawn l-Artikoli ma jeskludux il-bażijiet aktar wiesgħa tal-ġuriżdizzjoni li l-Istati Kontraenti jistgħu jattribwixxu lill-awtoritajiet tagħhom b'applikazzjoni tal-liġi nazzjonali tagħhom; minbarra l-fatt li, f'dan il-każ, l-Istati Kontraenti l-oħra m'huma marbuta bl-ebda mod li jirrikonoxxu dawn il-bażijiet aktar wiesgħa għall-ġuriżdizzjoni li taqa' lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. L-istess huwa veru, iżda aktar minn hekk, għall-adulti li ma għandhomx ir-residenza abitwali tagħhom fi Stat Kontraenti, u li lanqas huma preżenti f'wieħed.

## KAPITOLU III – LIĠI APPLIKABBLI

**90** Filwaqt li dan il-kapitolu jsegwi globalment il-kapitolu korrispondenti fil-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, u partikolarment il-prinċipju li l-awtorità li ħadet il-ġuriżdizzjoni tapplika l-liġi tagħha stess, huwa madankollu jitbiegħed minnu fuq żewġ punti importanti.

L-ewwel wieħed huwa li kwalunkwe restrizzjoni fuq il-kapaċità ta' adult jew saħansitra fuq id-disponibbiltà libera tad-drittijiet tiegħu tista' tkun biss ir-riżultat ta' miżura ta' protezzjoni. Għalhekk, wieħed mhuwiex ħa jsib fil-Konvenzjoni dispożizzjoni ekwivalenti għal dawk li, fil-Konvenzjoni tal-1996, jiddeterminaw il-liġi applikabbli għall-attribuzzjoni jew l-estinzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri b'mod leġittimu. Il-Kumitat irrifjuta proposta mid-delegazzjonijiet Finlandiżi u Żvediżi biex japplika għar-rappreżentazzjoni *ex lege* tal-adulti l-liġi tar-residenza abitwali tiegħu[58]. L-eżempju prattiku kien dak tar-rappreżentazzjoni leġittima ta' konjuġi wieħed mill-ieħor sabiex jittieħdu deċiżjonijiet mediċi wara inċident li waqqa' lil dak tal-ewwel f'koma. Allura din il-kwistjoni mhijiex irregolata mill-Konvenzjoni, għalkemm taqa' fl-kamp ta' applikazzjoni tagħha b'konsegwenza taż-żwieġ (ara n-Nru 35 hawn fuq, l-Artikolu 4(1) *b)*).

It-tieni differenza hija relatata mal-każ fejn l-adult kien kapaċi jorganizza minn qabel ir-reġim protettiv fil-każ li ma jibqax f'pożizzjoni li jipproteġi l-interessi tiegħu. L-iżvilupp f'ċerti sistemi legali, pereżempju l-Kanada, ta' dawn il-"*mandats d'inaptitude*" iġġustifika l-inklużjoni fil-Konvenzjoni ta' dispożizzjoni dwar il-liġi applikabbli għalihom (ara n-Nru 96 hawn taħt, l-Art. 15).

### Artikolu 13 (liġi applikabbli għall-miżuri ta' protezzjoni)

<u>Paragrafu 1</u>

**91** Il-Kumitat adotta mingħajr diskussjoni l-prinċipju stabbilit mill-Konvenzjoni tal-1996, li diġà kien jinstab f'dak tal-5 ta' Ottubru 1961 dwar il-protezzjoni tal-minuri, li jgħid li "meta jeżerċitaw il-ġuriżdizzjoni tagħhom taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II, l-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti għandhom japplikaw il-liġi tagħhom stess".

Għalqastant il-kompitu tal-awtorità li ħadet il-ġuriżdizzjoni, li se tapplika l-liġi li taf l-aktar, se jiġi ffaċilitat. Barra minn hekk, billi l-miżuri se jitwettqu l-aktar fl-Istat tal-awtorità li ħadithom, l-eżekuzzjoni tagħhom se tkun aktar faċli peress li se jkunu f'konformità mal-liġi ta' dan l-Istat. Madankollu, sabiex jiġi evitat riskju ta' riġidità, il-Konvenzjoni, bħal dik tal-1996, tagħti ċerta flessibilità lid-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għall-miżura ta' protezzjoni. Dan jidher fil-paragrafu 2.

<u>Paragrafu 2</u>

**92** Dan il-paragrafu jikkostitwixxi klawżola ta' eċċezzjoni mhux ibbażata fuq il-prinċipju ta' prossimità (l-eqreb konnessjoni), iżda fuq l-aħjar interessi tal-adult. Pereżempju, jekk awtorizzazzjoni hija mitluba mill-awtoritajiet tar-residenza abitwali (u mhux minn dawk tal-Istat tal-preżenza kif ikun permess mill-Artikolu

---

[58] Id-Dok ta' Ħidma Nru 29, irrifjutat b'10 voti kontra 3, b'9 astenzjonijiet, ara l-Minuti Nru 6, Nru 61 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.264]

9) biex tinbiegħ proprjetà tal-adult li jinsab barra mill-pajjiż, ikun preferibbli li l-awtorità li teżerċita l-ġuriżdizzjoni tkun tista' tapplika jew tikkunsidra l-liġi tas-situs tal-proprjetà u tagħti l-awtorizzazzjoni prevista taħt din il-liġi, anke jekk il-liġi tal-awtorità li teżerċita l-ġuriżdizzjoni ma teħtieġx awtorizzazzjoni f'tali każ.

## Artikolu 14 (kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-miżura)

**93** L-Artikolu 14 huwa l-prodott ta' fużjoni tal-Artikolu 12(3) u l-Artikolu 14 tal-abbozz preliminari tal-Kumitat Speċjali, li ppruvaw isolvu żewġ sitwazzjonijiet differenti fuq il-bażi tal-istess prinċipji.

Sitwazzjoni waħda hija dik ta' bidla fil-liġi, li l-aktar eżempju ċar tagħha huwa bidla tar-residenza abitwali tal-adult bejn it-teħid tal-miżura ta' protezzjoni u l-implimentazzjoni tagħha. Hija din is-sitwazzjoni li ġiet irregolata mill-Artikolu 12(3) tal-abbozz preliminari, għalkemm espressa b'mod inadegwat[59]. L-idea kienet li l-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tal-miżura fl-Istat tar-residenza abitwali ġdida kellhom jiġu rregolati mil-liġi ta' dak l-Istat.

Is-sitwazzjoni l-oħra hija aktar ġeneralment dik tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' rappreżentazzjoni – kemm jekk jiġu minn miżura ta' protezzjoni jew mandat fil-każ ta' inkapaċità mogħtija mill-adult personalment – fi Stat li mhuwiex dak li ngħataw fih permezz tal-liġi tiegħu. Din hija s-sitwazzjoni li ġiet irregolata, b'tali retiċenza,[60] mill-Artikolu 14 tal-abbozz preliminari, fis-sens li l-proċedura għall-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat hija subordinata għal-liġi tal-Istat fejn jiġu eżerċitati.

Fiż-żewġ sitwazzjonijiet, l-idea kienet li jingħata aktar spazju għal-liġi tal-post ta' implimentazzjoni tal-miżuri jew tal-eżerċizzju tas-setgħat, iżda kien diffiċli li ssir distinzjoni bejn dak li kien jaqa' taħt il-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-miżuri (fil-każ ta' bidla fil-liġi) u dak li kien jaqa' taħt il-proċedura għall-eżerċizzju tas-setgħat.

**94** L-iskop tat-test tal-Artikolu 14 deċiż mill-Kumitat Diplomatiku huwa l-implimentazzjoni tal-miżuri protettivi fi Stat li mhuwiex dak fejn ittieħdu, irrispettivament minn jekk din is-sitwazzjoni tirriżultax jew le minn bidla fil-liġi. Huwa ma japplikax għall-implimentazzjoni tas-setgħat ta' rappreżentazzjoni mogħtija mill-adult personalment, irregolata mill-Artikolu 15(3) (ara hawn taħt).

Skont l-Artikolu 14, il-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-miżuri huma rregolati mil-liġi tal-Istat Kontraenti fejn tiġi implimentata l-miżura. L-espressjoni "kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni" għandha tinftiehem f'sens pjuttost wiesgħa. Pereżempju, tutur innominat għall-adult fil-pajjiż tar-residenza abitwali preċedenti tiegħu għandu jeżerċita s-setgħat tiegħu, jiġifieri jimplimenta l-miżura protettiva li biha ġie maħtur, fi Stat ieħor, kemm jekk ikun dak tar-residenza abitwali ġdida jew dak fejn l-adult għandu proprjetà li se tinbiegħ. Jekk il-liġi ta' dak l-Istat l-ieħor tistabbilixxi li l-att li għandu jsir mit-tutur, bħall-bejgħ tal-proprjetà, huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni minn imħallef tat-tutela, dik hija "kundizzjoni ta' implimentazzjoni" li għaldaqstant għandu jkun hemm konformità magħha. Min-naħa l-oħra, jista' jkun li l-liġi tal-Istat li taħtha ġie maħtur it-tutur teħtieġ din l-awtorizzazzjoni, filwaqt li l-liġi tal-post ta' implimentazzjoni tal-miżura ma teħtieġx awtorizzazzjoni. Il-parallelizmu bejn is-sitwazzjoni jkun ifisser f'dan il-każ ukoll li l-liġi tal-post ta' implimentazzjoni kellha tiġi applikata.

---

59 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni dwar l-abbozz preliminari, Nri 86-89.
60 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni dwar l-abbozz preliminari, Nri 100-102.

Madankollu, ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni mil-liġi ta' oriġini jista' jitqies bħala parti integrali tal-eżistenza stess tas-setgħat u huwa ssuġġerit lit-tutur li tali awtorizzazzjoni hija meħtieġa. Dan għandu jkun il-każ partikolarment meta t-tutur ikollu ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 38 li jindika li ċerti setgħat huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni.

## Artikolu 15 (mandat f'każ ta' inkapaċità)

Paragrafu 1

95 Dan l-Artikolu jipprevedi s-sitwazzjoni fejn l-adult stess jorganizza minn qabel il-protezzjoni tiegħu għaż-żmien meta ma jkunx f'pożizzjoni li jipproteġi l-interessi tiegħu. Huwa jagħmel dan billi jagħti lil persuna li jagħżel hu, b'att volontarju li jista' jkun ftehim konkluż ma' din il-persuna jew att unilaterali, setgħat ta' rappreżentazzjoni. Meta tqabbilhom, il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal (l-Artikolu 16(2) tindirizza r-responsabbiltà tal-ġenituri attribwita bi ftehim jew att unilaterali, iżda l-konċedent jew il-konċedenti taħt il-ftehim jew l-att huma l-ġenituri jew ġenitur tal-minuri, filwaqt li f'din il-Konvenzjoni il-konċedent huwa l-adult li għandu jiġi protett.

96 Is-sitwazzjoni prevista hawnhekk hija karatterizzata mill-fatt li, minn naħa waħda, is-setgħat ta' rappreżentazzjoni jistgħu ġeneralment jibdew jiġu eżerċitati biss wara li l-adult li jkun tahom ma jkunx aktar kapaċi jipproteġi l-interessi tiegħu stess u li, min-naħa l-oħra, id-dħul fis-seħħ tagħhom jeħtieġ, mill-inqas f'ċerti sistemi legali bħal Quebec,[61] l-intervent tal-awtorità ġudizzjarja biex tistabbilixxi l-inkapaċità. Is-setgħat mogħtija b'dan il-mod jistgħu jvarjaw ħafna. Huma relatati mal-ġestjoni tal-proprjetà tal-adult kif ukoll il-kura personali tiegħu. Wieħed spiss isibhom fl-istruzzjoni mogħtija mill-persuna mandata li tirrifjuta kwalunkwe kors persistenti ta' trattament fil-każ ta' mard inkurabbli. Dan it-tip ta' mandat, li jidher li huwa pjuttost komuni f'ċerti Stati, u partikolarment fl-Amerka ta' Fuq, mhuwiex magħruf f'numru ta' Stati Ewropej, inkluża Franza, fejn il-mandat bilfors jispiċċa fil-każ tal-bidu tal-inkapaċità[62]; għalhekk hemm l-interess li jkun hemm regola dwar l-għażla tal-liġi għas-suġġett.

97 Dan il-mandat fil-każ ta' inkapaċità huwa kompletament differenti mill-mandat ordinarju li adult totalment kapaċi jagħti lil persuna biex tieħu ħsieb l-interessi tiegħu. Tali mandat, li jidħol fis-seħħ immedjatament, u jispiċċa, fil-maġġoranza tas-sistemi legali, fi-bidu tal-inkapaċità tal-adult jew mad-determinazzjoni tal-inkapaċità li jiġu protetti l-interessi tiegħu, huwa t-tħassib fid-dritt internazzjonali privat tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-14 ta' Marzu 1978 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Aġenzija* u, minħabba din il-Konvenzjoni, huwa rregolat fil-prinċipju, fin-nuqqas ta' għażla, mil-liġi tal-istabbiliment kummerċjali jew ir-residenza abitwali tal-aġent (l-Artikolu 6) u hija dik il-liġi li tapplika b'mod partikolari għat-terminazzjoni tas-setgħat tal-aġent (l-Artikolu 8 *a)*).

Il-każ ta' mandat ordinarju mogħti lill-adult sabiex jidħol immedjatament fis-seħħ, iżda distint mill-fatt li ngħata wkoll, espliċitament, sabiex ikompli jiġi eżerċitat wara l-bidu tal-inkapaċità, ma jistax jiġi eskluż. Jista' jiġi aċċettat li tali

---

61 Waqt il-Kumitat Speċjali, id-delegazzjoni Kanadiża pprovdiet dwar dan is-suġġett dokument ta' informazzjoni importanti dwar l-istatus tal-liġi f'dan ir-rigward f'Quebec u fi British Columbia (Dokument ta' Ħidma Nru 41 E u F).

62 Minbarra, mill-inqas fil-liġi Franċiża, fil-każ partikolari ta' mandat mogħti fil-każ ta' tqegħid, jew bl-għan ta' tqegħid, "*sous la sauvegarde de justice*" (l-Artikolu 491-3 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż).

mandat huwa diviżibbli, fis-sens li jaqa' taħt il-Konvenzjoni tal-1978, sad-data tal-bidu tal-inkapaċità, u taħt il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti wara dik id-data.

**98** Il-mandat fil-każ ta' inkapaċità, għall-kuntrarju, huwa rregolat, minħabba l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni, mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult fiż-żmien tal-ftehim jew l-att unilaterali. Meta mogħti, anke fi Franza, minn persuna Franċiża li r-residenza abitwali tagħha hija fi New York, huwa validu u jibqa' validu jekk din il-persuna wara tmur tgħix abitwalment fi Franza. Min-naħa l-oħra, meta mogħti minn Amerikan li r-residenza abitwali tiegħu hija f'Pariġi, huwa ineffettiv u jibqa' ineffettiv jekk dan l-Amerikan jittrasferixxi r-residenza abitwali tiegħu għal New York. Hawnhekk it-test ma jipprevedix favur il-validità, però jippermetti lill-konċedent li jagħżel il-liġi applikabbli (ara l-paragrafu 2).

**99** L-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli jkopri "l-eżistenza, il-medda, il-modifika u l-estinzjoni tas-setgħat ta' rappreżentazzjoni". Il-karatteristika l-ġdida, meta mqabbla mal-Konvenzjoni tal-1996, hija li hawnhekk tissemma "il-medda" tas-setgħat. Il-Konvenzjoni tal-1996 tiddistingwi bejn, minn naħa, "l-attribuzzjoni"[63] u "l-estinzjoni" tar-responsabbiltà tal-ġenituri, li huma soġġetti għal-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri fi żmien l-avvenimenti li jkunu wasslu għall-attribuzzjoni jew l-estinzjoni, u min-naħa l-oħra, "l-eżerċizzju" ta' din ir-responsabbiltà, li hija soġġetta, fejn meħtieġ, għal-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali ġdida tal-minuri (l-Artikolu 16(1) u l-Artikolu 17). Ir-riżultat huwa li l-medda tar-responsabbiltà tal-ġenituri, jiġifieri l-atti li d-detentur tagħha jista' jwettaq waħdu jew b'awtorizzazzjoni, jew li ma jistax iwettaq, jaqgħu taħt it-titolu tal-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Fir-rigward tal-Artikolu eżaminat hawnhekk, huwa jqiegħed l-eżistenza, il-medda u l-estinzjoni tas-setgħat mogħtija mill-adult globalment taħt il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult fi żmien il-ftehim jew l-att unilaterali; din hija simplifikazzjoni, iżda l-paragrafu 3 juża l-kunċett tal-"mod ta' ... eżerċizzju" tas-setgħat, aktar restrittiv minn dak tal-"medda" tas-setgħat, u jeħtieġ fir-rigward tagħhom l-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat fejn jiġu eżerċitati (ara l-paragrafu 3 hawn taħt).

**100** Ir-rabta bejn il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult u l-eżistenza, il-medda u l-estinzjoni tas-setgħat mogħtija minnu, tinżamm biss jekk l-adult ma jkunx għażel hu stess liġi oħra li tirregolahom. Fir-rigward tas-setgħat mogħtija minn att volontarju, l-aċċettazzjoni tal-prinċipju ta' dritt li tintgħażel il-liġi applikabbli ma tistax tiġi kkontestata. Id-dibattitu kkonċentra fuq l-adegwatezza li l-adult jingħata libertà kompleta fl-għażla tal-liġi applikabbli jew, min-naħa l-oħra, li jitqiegħdu limiti fuq din il-libertà tal-għażla billi jiġu stabbiliti minn qabel il-liġijiet li jistgħu jintgħażlu. Din l-aħħar soluzzjoni ġiet aċċettata mill-Kumitat b'maġġoranza kbira [64](15-il vot kontra 6 u 2 astenzjonijiet).

**101** Il-paragrafu 1 jeħtieġ, fl-aħħar nett, li l-liġi magħżula tkun ġiet "magħżula espliċitament bil-miktub". Dan it-test notevolment jevita l-formulazzjoni użata fil-Konvenzjonijiet dwar il-liġi applikabbli għall-kuntratti, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' Ruma tad-19 ta' Ġunju 1980, konkluża bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-15 ta' Ġunju 1955 u tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar il-bejgħ u tal-14 ta' Marzu 1978 dwar il-liġi applikabbli għall-aġenzija. B'forom differenti ta' kliem, dawn il-Konvenzjonijiet differenti jippermettu sa ċertu punt

---

[63] Li tikkorrispondi f'din il-Konvenzjoni għall-'eżistenza' tas-setgħat, fejn id-differenza fit-terminoloġija ġejja mill-fatt li l-Konvenzjoni tal-1996 tikkonċerna *ex lege* r-responsabbiltà tal-ġenituri, filwaqt li l-abbozz preliminari jirreferi għal setgħat li jistgħu jeżistu biss minħabba l-volontà tal-adult stess.

[64] Hija rrifjutat proposta mid-delegazzjoni tan-Netherlands li tipprevedi libertà tal-għażla illimitata bi 13-il vot kontra 5 u 3 astenzjonijiet (id-Dokument ta' Ħidma Nru 35 u l-Minuti Nru 6, Nru 22) [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.261]).

għażla impliċita, għalkemm fil-prinċipju definittiva, tal-liġi applikabbli. Deher li kien hemm ftehim estiż ħafna favur il-projbizzjoni kompluta tal-għażla impliċita hawnhekk, minn xewqa li tiġi evitata l-inċertezza kollha fil-liġi applikabbli għas-setgħat li, *ex hypothesi*, se jiġu eżerċitati fi żmien meta l-adult li kien tahom ma jkunx għadu f'pożizzjoni li jipproteġi l-interessi tiegħu.

Paragrafu 2

**102** Dan il-paragrafu jelenka biss il-liġijiet li jistgħu jintgħażlu mill-adult. Il-Kumitat ikkonferma l-pożizzjoni tal-abbozz preliminari favur lista magħluqa, mingħajr spazju għal evalwazzjoni mill-Qorti[65]. Il-liġijiet li jistgħu jintgħażlu huma l-liġi ta' Stat tan-nazzjonalità tal-adult,[66] dik tal-Istat ta' residenza abitwali preċedenti tal-adult[67] u dik ta' Stat fejn tinsab il-proprjetà tal-adult, iżda biss fir-rigward ta' dik il-proprjetà[68]. Il-Kumitat irrifjuta proposti li riedu jżidu mal-lista tal-liġijiet eliġibbli dik tal-Istat li fit-territorju tiegħu l-adult beħsiebu jgħix abitwalment[69] u dik tal-Istat tar-residenza abitwali ta' qarib tal-adult li huwa lest li jiggarantixxi l-protezzjoni tiegħu[70].

**103** It-test għandu jiġi interpretat li jippermetti b'mod impliċitu lill-adult li jagħżel bosta liġijiet li jirregolaw il-mandat fil-każ ta' inkapaċità, billi jaqsam l-elementi tiegħu sabiex kull wieħed minnhom ikun soġġett għal-liġijiet differenti. Il-Kumitat Speċjali aċċetta b'mod espliċitu din is-setgħa ta' "*dépeçage*", li dehret partikolarment iġġustifikata fis-sitwazzjoni fejn l-adult kellu proprjetà fi Stati differenti. Madankollu huwa kkunsidra li ma kienx neċessarju li jitfassal abbozz ta' dispożizzjoni espressa f'dan ir-rigward. Din is-soluzzjoni ma reġgħetx ġiet diskussa mill-Kumitat Diplomatiku. Għalhekk għandha tiġi kkunsidrata bħala aċċettabbli.

Il-possibilità għall-adult li jagħmel il-mandat kollu soġġett għal bosta liġijiet, kemm b'mod alternattiv (favur il-validità) jew inkella b'mod kumulattiv (validità soġġetta għall-konformità mal-liġijiet kollha magħżula), ma ġietx diskussa, iżda jidher li ma hemm xejn li jipprevjeniha.

**104** Is-setgħa mogħtija lill-adult li jagħżel il-liġi applikabbli għall-mandat fil-każ ta' inkapaċità toħloq ċerti problemi għaliex numru ta' liġijiet ma jirrikonoxxux dan it-tip ta' mandat, jew jipprojbixxuh. Il-Kumitat irrifjuta proposta mid-delegazzjoni tal-Istati Noridiċi li kienet tillimita l-applikazzjoni tal-paragrafu 2, jiġifieri, tas-setgħa li tintgħażel il-liġi applikabbli, għal każijiet fejn il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult irrikonoxxiet il-mandat fil-każ ta' inkapaċità[71]. Dawn id-delegazzjonijiet ma xtaqux jobbligaw lill-Istati li ma jirrikonoxxux din l-istituzzjoni li jintroduċuha fil-liġi tagħhom b'mod diżonest. Madankollu, id-diskussjoni uriet li din il-limitazzjoni kienet tillimita eċċessivament l-awtonomija tal-volontà u l-mod kif l-adult xtaq jagħmel l-arranġamenti għall-inkapaċità

65 Il-Kumitat Speċjali irrifjuta b'maġġoranza żgħira kwalunkwe formula ta' għażla miftuħa, bħall-possibilità li tintgħażel il-liġi ta' Stat li l-adult għandu rabta kbira miegħu, u ma tressqet l-ebda proposta f'dan ir-rigward waqt il-Kumitat Diplomatiku.

66 Għalhekk, fil-każ ta' bosta nazzjonalitajiet, waħda mil-liġijiet nazzjonali.

67 U mhux biss tal-aħħar residenza abitwali, għall-kuntrarju ta' dak li huwa stabbilit, għad-delegi tal-ġuriżdizzjoni, fl-Artikolu 8(2) *b)* (in-Nru 69 hawn fuq). Il-Kumitat irrifjuta bi 11-il vot kontra 7, b'5 astenzjonijiet, proposta f'dan ir-rigward mid-delegazzjonijiet tal-Istati Nordiċi (id-Dokument ta' Ħidma Nru 28 u l-Minuti Nru 6, Nru 22) [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.261]).

68 Ara d-Dok ta' Ħidma Nru 28, adottat dwar dan il-punt b'20 vot kontra 1, b'2 astenzjonijiet, il-Minuti Nru 6, Nru 36 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.262]

69 Id-Dok ta' Ħidma Nru 41, irtirat mill-awtur tiegħu.

70 Id-Dok ta' Ħidma Nru 44, irtirat mill-awtur tiegħu.

71 Id-Dok ta' Ħidma Nru 28, irrifjutat bi 13-il vot kontra 5, b'4 astenzjonijiet, ara l-Minuti Nru 6, Nru 54 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.263]

tiegħu. B'mod partikolari, deher li l-Istat tar-residenza abitwali tal-adult ma kellu l-ebda interess leġittimu li jipprevjeni l-eżerċizzju barra mill-pajjiż, pereżempju fl-Istat fejn tinsab il-proprjetà, tas-setgħat ta' rappreżentazzjoni li ġejjin mill-mandat fil-każ ta' inkapaċità.

**105** Il-Kumitat iddiskuta wkoll, iżda mingħajr ma leħaq deċiżjoni, il-każ fejn tkun il-liġi magħżula mill-adult (u mhux il-liġi tar-residenza abitwali tiegħu) li ma tirrikonoxxix (jew tipprojbixxi) il-mandat fil-każ ta' inkapaċità.

Il-Kumitat Speċjali rrifjuta proposta ispirata mill-Artikolu 5 tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-1 ta' Lulju 1985 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Fondi Fiduċjarji u dwar ir-Rikonoxximent tagħhom,*[72] li ddikjarat il-paragrafu 2 (jiġifieri s-setgħa tal-għażla) mhux applikabbli meta l-liġi magħżula ma tipprevedix din il-kategorija ta' mandat. Din il-proposta kienet tinvolvi ritorn f'dan il-każ għal-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult skont il-paragrafu 1. Ma ġewx sottomessi proposti oħra lill-Kumitat Diplomatiku. Il-konklużjoni li saret mir-Rapport dwar l-abbozz preliminari (Nru 99) tibqa' valida, jiġifieri li jitqiesu s-setgħat mogħtija lill-adult bħala invalidi u li tinsilet mill-awtorità kompetenti miżura ta' protezzjoni.

Paragrafu 3

**106** Dan il-paragrafu jissottometti l-mod ta' eżerċizzju tas-setgħat mogħtija mill-mandat fil-każ ta' inkapaċità għal-liġi tal-Istat fejn jiġu eżerċitati. Għandu jitqabbel mal-Artikolu 14, li jissottometti l-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni meħuda minn awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti għal-liġi tal-Istat fejn tiġi implimentata (ara n-Nru 94 hawn fuq). L-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-post fejn jiġu eżerċitati s-setgħat huwa għaldaqstant aktar ristrett meta tkun kwistjoni ta' setgħat mogħtija mill-adult stess milli meta ġejjin minn miżura ta' protezzjoni. Ċerti delegazzjonijiet esprimew biża' li rekwiżiti mandatorji barranin kemmxejn skrupliżi jistgħu jinvokaw is-setgħat tagħhom, kontra l-liġi lokali, biex jawtorizzaw trasfużjonijiet tad-demm jew trapjanti tal-organi għall-adult. Billi injora dik il-biża', li se tiġi solvuta b'rikors għall-politika pubblika tal-post fejn jiġu eżerċitati s-setgħat, il-Kumitat iddeċieda, b'vot formali,[73] li jillimita l-applikazzjoni tal-liġi tal-post tal-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija mill-adult għall-"mod tal-eżerċizzju" u, bl-istess vot, irrifjuta li jestendih biex ikopri l-"eżerċizzju" ta' dawk is-setgħat. Min-naħa l-oħra, iddeċieda li dik il-liġi għandha tiġi "applikata", mhux biss innutata, kif stabbilit mill-abbozz preliminari.

**107** L-idea tal-mod tal-eżerċizzju hija, kif indikat hawn fuq fin-Nru 99 (fl-Artikolu 15(1)), aktar restrittiva minn dik tal-"medda" tas-setgħat. Hija għandha tinkludi biss punti ta' dettal (*Art und Weise*, bil-Ġermaniż). Dawn ma ġewx speċifikati b'mod espliċitu waqt id-dibattitu, iżda wieħed jista' jagħti eżempju hawnhekk tal-

---

[72] L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tal-1 ta' Lulju 1985 dwar il-Liġi Applikabbli għat-Trusts u r-Rikonoxximent tagħhom: "*Il-Konvenzjoni ma tapplikax sal-punt li l-liġi speċifikata mill-Kapitolu II ma tipprevedix il-fondi fiduċjarji jew il-kategorija ta' fondi fiduċjarji involuti".* Fil-Konvenzjoni dwar il-Fondi Fiduċjarji, din id-dispożizzjoni hija spjegata minn prinċipju sottostanti favur il-validità tal-fond fiduċjarju, li jidher ċar fl-Artikolu 6(2). Il-paragrafu 1 jippermetti lis-*settlor* li jagħżel il-liġi applikabbli għall-fond fiduċjarju u l-paragrafu 2 jżid: "*Fejn il-liġi magħżula taħt il-paragrafu preċedenti ma tipprevedix il-fondi fiduċjarji jew il-kategorija ta' fondi fiduċjarji involuti, l-għażla ma għandhiex tkun effettiva u l-liġi speċifikata fl-Artikolu 7 għandha tapplika".* Għaldaqstant l-Artikolu jirdoppja ċ-ċans li l-fond fiduċjarju se jkun validu (il-liġi magħżula, jew fin-nuqqas tagħha l-liġi oġġettivament applikabbli) u l-Artikolu 5 iżid ċans ieħor, li huwa dak tal-liġi magħżula lil hinn mill-Konvenzjoni mil-liġi tal-awtorità vestita. It-traspożizzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti kienet teħtieġ dibattitu aktar fil-fond dwar jekk għandhiex tingħata preferenza lill-mandat fil-każ ta' inkapaċità.

[73] Bi 11-il vot kontra 7, b'4 astenzjonijiet, ara l-Minuti Nru 6, Nru 82 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.265]

verifika tal-eżistenza u l-medda tas-setgħat skont proċedura lokali, id-depożitu tal-att li jallokahom, jew il-proċedura ta' awtorizzazzjoni meta l-mandat fil-każ ta' inkapaċità tipprevedi awtorizzazzjoni.

## Artikolu 16 (terminazzjoni jew modifika tas-setgħat)

**108** Dan l-Artikolu, li jikkorrispondi kemmxejn mal-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, jipprevedi l-possibilità, għall-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni taħt il-Konvenzjoni, li jitterminaw jew jemendaw[74] is-setgħat mogħtija mill-adult skont l-Artikolu 15.

It-test deċiż, li huwa aktar elaborat milli fl-abbozz preliminari, jipprova jirrikonċilja r-rispett għax-xewqat tal-adult, espressi meta kien għadu kapaċi jipproteġi l-interessi tiegħu, u l-bżonn li jiġi protett l-adult meta l-kundizzjoni tiegħu tkun iddeterjorat u meta dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati.

Ix-xewqa li jiġu rrispettati x-xewqat tal-adult wasslu lil ċerti delegazzjonijiet li jitolbu t-tħassir ta' dan l-Artikolu u l-applikazzjoni tal-liġi tal-mandat, stabbilita fl-Artikolu 15, għall-modifika jew it-terminazzjoni tas-setgħat mogħtija mill-adult. Għall-kuntrarju, id-delegazzjonijiet li kienu anzjużi li jiżguraw il-protezzjoni immedjata tal-adult ippruvaw jagħtu lill-awtoritajiet li għandhom ġuriżdizzjoni taħt il-Konvenzjoni l-kompitu li jitterminaw jew jimmodifikaw dawn is-setgħat, skont il-liġi normalment applikabbli għall-miżuri ta' protezzjoni, stabbilita fl-Artikolu 15.

L-Artikolu 16 huwa r-riżultat ta' rikonċiljazzjoni ta' dawn iż-żewġ opinjonijiet[75]. L-ewwel nett, huwa jistabbilixxi f'liema każijiet is-setgħat li ġejjin mill-mandat se jiġu modifikati jew terminati. Huwa biss "meta ma jiġux eżerċitati b'mod suffiċjenti biex tiġi garantita l-protezzjoni tal-persuna jew tal-proprjetà tal-adult". Dan ineħħi l-periklu li l-awtoritajiet tar-residenza abitwali tal-adult jistgħu jissostitwixxu l-protezzjoni taħt il-liġi tagħhom stess għal dik mixtieqa mill-adult. Huma l-ewwel se jkollhom isibu li l-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat mill-persuna mandata hija dgħajfa jew inadegwata. It-tieni nett, sabiex jiġu tterminati jew modifikati dawn is-setgħat, l-awtoritajiet kompetenti huma mitlubin, sa fejn possibbli, jikkunsidraw il-liġi stabbilita fl-Artikolu 15, jiġifieri, il-liġi li tirregola l-mandat fil-każ ta' inkapaċità, li setgħet intgħażlet mill-adult. Kien hemm bżonn partikolari għal din id-dispożizzjoni fil-każijiet fejn il-liġi tal-awtorità kompetenti ma tirrikonoxxix il-mandat fil-każ ta' inkapaċità.

## Artikolu 17 (protezzjoni tal-partijiet terzi)

**109** L-Artikolu 17 huwa ispirat direttament mill-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u jimmira li jipproteġi parti terza li *in bona fede* indirizzat "persuna oħra li kienet tkun intitolata li taġixxi bħala r-rappreżentant tal-adult taħt il-liġi tal-Istat fejn ġiet konkluża t-tranżazzjoni". Il-validità tal-att hija ppreservata u l-parti terza hija protetta minn kull responsabbità li ġejja minn dan l-iżball "sakemm il-parti terza ma kinitx taf jew kellha tkun taf li tali kapaċità

[74] Il-modifika tista', pereżempju, tikkonsisti mill-introduzzjoni ta' sorveljanza tal-persuna mandata.
[75] Kif juri l-vot wara l-proposti Nru 50 u 55, li jirrappreżentaw iż-żewġ opinjonijiet opposti. Ara l-Minuti Nru 7, Nru 103 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.272]. Il-proposti sottomessi fit-tieni qari ppruvaw jitfgħu dubju fuq din ir-rikonċiljazzjoni, billi jibdlu l-prinċipju "implimentat" bil-kliem "ikkunsidrat" (id-Dokument ta' Ħidma Nru 93) jew inkella, billi jħassru t-tieni sentenza tal-Artikolu 16 (id-Dokument ta' Ħidma Nru 94). Kollha ġew irrifjutati (ara l-Minuti Nru 16, Nru 21) [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.330]).

kienet irregolata [mil-liġi magħżula mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu]". Għaldaqstant hija meħtieġa *bona fede*, imsaħħa b'sens ta' diliġenza, mill-parti terza[76].

It-test japplika wkoll meta l-kapaċità li wieħed jaġixxi bħala rappreżentant tkun ingħatat minn miżura ta' protezzjoni kif ukoll meta tkun ir-riżultat ta' att volontarju mill-adult stess.

L-atti li l-validità tagħhom ma tistax tiġi kkontestata minħabba difett fl-intitolament li wieħed jaġixxi bħala r-rappreżentant apparenti tal-adult u li b'rispett tiegħu r-responsabbiltà tal-parti terza tista' ma sseħħx għandhom jinftehmu b'mod wiesgħa ħafna. Dawn jistgħu anke jkunu atti li jinvolvu l-proprjetà, bħat-trasferiment minn bankier ta' fondi lir-rappreżentant apparenti tal-adult, atti mediċi, bħal operazzjoni kirurġika jew trattament mediku li jsiru fuq it-talba ta' dan ir-rappreżentant apparenti[77].

**110** It-test japplika biss fil-każ meta l-parti terza tkun indirizzat ir-rappreżentant apparenti. Ma japplikax meta l-parti terza tkun indirizzat l-adult stess mingħajr ma tkun taf li dan ma għandux is-setgħa li jieħu ħsieb l-affarijiet tiegħu. L-ispjegazzjoni għal din il-lakuna hija li s-sitwazzjoni hija koperta mill-Artikolu 11 tal-*Konvenzjoni ta' Ruma tad-19 ta' Ġunju 1980 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi Kuntrattwali*, li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma parti minnha u li jkun għaqli li jiġi evitat konflitt possibbli tal-konvenzjonijiet[78]. Din is-sitwazzjoni għaldaqstant se tiġi rregolata mill-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni tar-Ruma għal dawk l-Istati li huma parti minnha u l-Istati l-oħra mil-liġi nazzjonali tagħhom stess.

## Artikolu 18 (karattru universali tar-regoli dwar l-għażla tal-liġi)

**111** Dan l-Artikolu huwa komuni fil-Konvenzjonijiet tal-Aja dwar il-konflitti tal-liġijiet. Madankollu mhuwiex applikat meta l-Konvenzjoni tirreferi espliċitament, bħal fl-Artikolu 14, għal-liġi ta' Stat Kontraenti.

## Artikolu 19 (esklużjoni ta' renvoi)

**112** Dan l-Artikolu, li huwa tradizzjonali wkoll fil-Konvenzjonijiet tal-Aja dwar il-konflitt tal-liġijiet, jistabbilixxi l-prinċipju li *renvoi* huwa eskluż.

Għall-kuntrarju tal-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, ma jinkludix regola li tirregola l-konflitt bejn l-għażla tal-liġi. Din ir-regola ġiet iġġustifikata fil-każ fejn ir-responsabbiltà tal-ġenituri prevista minn din il-Konvenzjoni rriżultat mil-liġi stess. Għalhekk kien xieraq li tiġi evitata sitwazzjoni fejn ir-regola dwar il-konflitti tal-Konvenzjoni, meta magħquda mal-esklużjoni ta' *renvoi*, jistgħu jirriżultaw fit-tqegħid f'periklu tar-regolamentazzjoni armonjuża tar-responsabbiltà tal-ġenituri li jiġi mill-konkordanza tar-regoli tal-konflitti ta'

[76] Ara l-ispjegazzjonijiet imniżżla fir-Rapport ta' Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, Nri 111-114.

[77] Dan il-punt ġie aċċettat mill-Kumitat Speċjali. Il-Kumitat Diplomatiku ma ddiskutiex l-Artikolu 17 għal darb'oħra, minbarra għal kwistjoni minuri ta' abbozzar (il-Minuti Nru 7, Nri 17-23 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.267]).

[78] Il-Konvenzjoni ta' Ruma, Artikolu 11: *"F'kuntratt konkluż bejn persuni li jinsabu fl-istess pajjiż, persuna fiżika li jkollha l-kapaċità skont il-liġi ta' dak il-pajjiż tista' tinvoka l-inkapaċità tagħha li tirriżulta mil-liġi ta' pajjiż ieħor biss jekk il-parti l-oħra għall-kuntratt kienet taf b'dik l-inkapaċità fiż-żmien tal-konklużjoni tal-kuntratt jew ma kinitx taf biha minħabba negliġenza".*

Stati mhux Kontraenti li s-sitwazzjoni kellha l-eqreb konnessjonijiet magħhom. Fil-każ tal-protezzjoni tal-adulti, din il-prekawzjoni ma kinitx neċessarja, peress li l-Konvenzjoni ma tistabbilixxix regoli tal-konflitt relatati mar-rappreżentazzjoni *ex lege* tal-adult (ara n-Nru 90 hawn fuq).

## Artikolu 20 (liġijiet obbligatorji)

**113** L-eċċezzjoni għal-liġijiet obbligatorji[79] tal-Istat fejn l-adult għandu jiġi protett ġiet introdotta b'kunsiderazzjoni speċjali għall-qasam mediku. B'mod partikolari, kien kontrapiż għall-possibilità mogħtija lill-adult li jagħżel il-liġi applikabbli għas-setgħat ta' rappreżentazzjoni. Id-delegazzjoni tan-Netherlands tat l-eżempju ta' liġi Netherlandiża, li tqis bħala liġi obbligatorja, li tistabbilixxi forom speċifiċi ta' rappreżentazzjoni tal-adult fi kwistjonijiet mediċi, li jidderogaw mir-regoli tal-liġi komuni ta' tutela u kurazija. Għaldaqstant, huwa l-konjuġi li jirrappreżenta l-pazjent għall-ammissjoni fi sptar psikjatriku jew klinika ġerjatrika, anke jekk dan il-pazjent ikollu tutur jew kuratur. L-istess liġi teħtieġ li r-rappreżentant jikseb awtorizzazzjoni qabel kwalunkwe reklużjoni. Billi eskluda l-liġijiet obbligatorji, il-Kummitat xtaq jippermetti lill-Istati li ħarġu tali regoli li jimplimentawhom fit-territorju tagħhom stess, anke jekk il-protezzjoni tal-adult ġiet organizzata skont liġi oħra. Għalkemm fl-aħħar tas-sessjoni tiegħu l-Kumitat ħassar ir-referenza għall-qasam mediku, f'konformità mad-deċiżjoni ġenerali diġà indikata (in-Nru 42 hawn fuq), l-Artikolu 20 spiss se japplika fi kwistjonijiet mediċi u għandu jippermetti li tiġi rregolata l-maġġoranza tal-problemi li jinstabu f'dan il-qasam waqt in-negozjati.

Delegazzjoni minnhom kienet tippreferi li kull Stat Kontraenti jfassal lista tad-dispożizzjonijiet tiegħu li jikkunsidra obbligatorji sabiex l-Istati Kontraenti l-oħra jkunu jistgħu jirrispettawhom sa fejn possibbli meta jieħdu l-miżuri ta' protezzjoni li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom u maħsuba għall-implimentazzjoni fi Stat ieħor. Din il-proposta ġiet irrifjutata minħabba problemi ta' implimentazzjoni.

## Artikolu 21 (ordni pubbliku)

**114** Dan l-Artikolu jirriproduċi d-dispożizzjoni tas-soltu fil-Konvenzjonijiet tal-Aja dwar l-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku. Ir-referenza għall-aħjar interessi tal-adult li dehret fl-abbozz preliminari ġiet imħassra. Ġie osservat li l-espressjoni "l-aħjar interessi tal-minuri" tinstab fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, iżda li ma hemmx test tal-liġi internazzjonali pubblika komparabbli fir-rigward tal-adulti[80].

---

79 L-espressjoni Franċiża "*lois de police*" ma kinitx użata, għalkemm il-parafrażi użata fit-test (`dispożizzjonijiet ... fejn l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet hija obbligatorja irrispettivament mil-liġi li inkella tkun applikabbli) tikkorrispondi preċiżament ħafna mad-definizzjoni tagħha. Ċerti delegazzjonijiet innutaw diffikultajiet biex jittraduċu l-espressjoni.

80 Ara d-diskussjoni u n-nota fil-Minuti Nru 7, Nri 74-89 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.270-271]

## KAPITOLU IV – RIKONOXXIMENT U EŻEKUZZJONI

**115** Dan il-Kapitolu jsegwi mill-qrib ħafna l-kapitolu korrispondenti fil-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal[81]. Bl-istess mod, huwa jiddistingwi r-rikonoxximent (l-Artikoli 22-24), id-dikjarazzjoni tal-eżegwibbiltà u r-reġistrazzjoni għall-infurzar (l-Artikoli 25 u 26), u fl-aħħar nett l-infurzar (l-Artikolu 27).

### Artikolu 22 (rikonoxximent u raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent)

Paragrafu 1

**116** Dan il-paragafu jistabbilixxi l-prinċipju ta' rikonoxximent leġittimu f'kull Stat Kontraenti tal-miżuri meħuda fi Stat Kontraenti ieħor[82]. Ir-rikonoxximent għandu bħala mira l-miżura kif teżisti fl-Istat Kontraenti fejn ittieħdet, inkluż fir-rigward ta' ristorazzjoni tal-kapaċità legali li ġiet miċħuda lil adult. Bl-istess mod għandu jkun hemm rikonoxximent tas-setgħat ta' rappreżentazzjoni mogħtija mill-miżura jew permezz tal-istabbiliment ta' superviżjoni fl-Istat tar-residenza abitwali tal-adult.

Ir-rikonoxximent leġittimu jfisser li mhux se jkun neċessarju li jsir rikors għal proċediment sabiex jinkiseb tali rikonoxximent, sakemm il-persuna li qed tiddependi fuq il-miżura ma tiħux pass għall-infurzar. Hija l-parti li l-miżura tiġi invokata kontriha, pereżempju waqt proċediment legali, li għandha tallega bażi għan-nuqqas ta' rikonoxximent stabbilit fil-paragrafu 2. Il-Konvenzjoni ma teskludix, madankollu, proċedura preventiva, limitata għar-rikonoxximent jew in-nuqqas ta' rikonoxximent tal-miżura (ara l-Artikolu 23 hawn taħt).

**117** Sabiex tiġi rikonoxxuta, miżura għandha evidentement tiġi pprovata. Din il-prova tirriżulta normalment mid-dokument miktub li joħroġ mill-awtorità ta' oriġini u li tinkorpora d-deċiżjoni meħuda minnha. F'każijiet urġenti, madankollu, jista' jiġri li l-miżura tittieħed fuq it-telefon u sempliċiment twassal għal nota bil-miktub fil-fajl. Sabiex jiġu evitati devjazzjonijiet burokratiċi, il-Konvenzjoni evitat li tissubordina r-rikonoxximent għall-produzzjoni ta' dokument bil-miktub, bid-data u l-firma tal-awtorità ta' oriġini. B'riżultat ta' dan, faks jew email, pereżempju, jista' jkun prova tal-miżura għar-rikonoxximent tagħha.

Paragrafu 2

**118** Il-paragrafu 2 jelenka l-bażi li fuqha jista' jiġi rrifjutat ir-rikonoxximent. Din hija l-unika bażi għan-nuqqas ta' rikonoxximent affidabbli li l-Istat indirizzat jista' jiddipendi fuqha. B'mod partikolari, l-awtorità indirizzata mhijiex awtorizzata li tirrevedi l-liġi applikata mill-awtorità ta' oriġini. Barra minn hekk, għandu jiġi indikat li l-paragrafu 2 hawnhekk jawtorizza r-rifjut tar-rikonoxximent, iżda ma jimponihx.

---

[81] Għalhekk dan ir-rapport jirrepeti ċerti partijiet tar-rapport dwar il-Konvenzjoni tal-1996. L-istess japplika għall-kapitolu li jmiss.

[82] Ir-rikonoxximent fi Stat Kontraenti tal-miżuri meħuda mill-awtoritajiet ta' Stat mhux Kontraenti huwa kopert mil-liġi nazzjonali ta' kull Stat Kontraenti.

*Subparagrafu a)*

**119** Ir-rikonoxximent jista' jiġi rrifjutat jekk il-miżura kienet meħuda minn awtorità li l-ġuriżdizzjoni tagħha ma kinitx ibbażata fuq, jew ma kinitx f'konformità ma', waħda mill-bażijiet previsti mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II. Ir-referenza għall-ġuriżdizzjoni tal-awtorità ta' oriġini skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni tinftiehem jekk titqabbel mal-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni tapplika għal miżuri meħuda meta l-adult kien għadu minuri u apparentement taħt regoli ta' ġuriżdizzjoni li mhumiex tal-Konvenzjoni. Ir-rikonoxximent ta' dawn il-miżuri jista' jiġi rrifjutat jekk dawn ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni ma jaqblux ma' dawk tal-Konvenzjoni. Jekk il-miżura relatata ma' persuna li kienet minuri ġiet meħuda taħt il-Konvenzjoni ta-1996, għaldaqstant jista' jiġi rrifjutat ir-rikonoxximent jekk jittieħed taħt regola ta' ġuriżdizzjoni stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1996 (bħall-forum tad-divorzju stabbilit fl-Artikolu 10) iżda mhux mill-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti (ara n-Nru 15, Nota 16 hawn fuq).

Is-subparagrafu *a)* jimplika li l-awtorità rikjesta għandha s-setgħa li tivverifika l-ġuriżdizzjoni tal-awtorità ta' oriġini għal skopijiet ta' rikonoxximent. Madankollu hija marbuta, f'din il-verifika, mis-sejbiet fattwali li fuqhom l-awtorità ta' oriġini tkun ibbażat il-ġuriżdizzjoni tagħha (ara l-Artikolu 24 hawn taħt).

*Subparagrafu b)*

**120** Ir-rifjut ta' rikonoxximent huwa possibbli jekk, minbarra f'każ urġenti, il-miżuri ġiet meħuda, fi ħdan il-qafas tal-proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi, mingħajr ma l-adult ikun ingħata l-opportunità li jinstema' bi ksur tal-prinċipji fundamentali tal-proċedura tal-Istat rikjest. Din il-bażi għal rifjut ma timplikax li l-adult għandu jinstema' f'kull każ. Jista' jiġri li tali smigħ imur kontra l-interessi tiegħu, iżda għall-adult, dan għandu jibqa' eċċezzjoni. Ma għandha ssir l-ebda distinzjoni dwar dan il-punt skont jekk il-miżura tiġix meħuda fil-qafas ta' proċedura ġudizzjarja jew proċedura amministrattiva. Dan jammonta għal klawżola speċjali ta' ordni pubbliku proċedurali. Hija ma tapplikax f'każijiet urġenti, li għalihom ir-rekwiżiti ta' proċess ġust proċedurali għandhom jiġu interpretati b'mod aktar flessibbli.

*Subparagrafu c)*

**121** It-test jiddeskrivi inkompatibilità ċara mal-politika pubblika tal-Istat rikjest bħala bażi ta' nuqqas ta' rikonoxximent. Għall-finijiet ta' simetrija mal-Artikolu 20, it-test iżid ukoll l-inkompatibilità ma' liġi obbligatorja tal-Istat indirizzat[83].

*Subparagrafu d)*

**122** Dan il-paragrafu, li l-abbozzar tiegħu huwa viċin dak tal-Artikolu 27(5) tal-Konvenzjonijiet ta' Brussell u Lugano,[84] jipprevedi l-ipoteżi ta' konflitt bejn il-miżura li għandha tiġi rikonoxxuta, meħuda fi Stat Kontraenti, u miżura oħra,

---

[83] Numru ta' delegati osservaw li din iż-żieda kienet inutli u li, fl-istadju ta' rikonoxximent, l-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku kienet suffiċjenti biex jinkiseb ir-riżultat mixtieq, partikolarment biex jiġi rrifjutat li tiġi rikonoxxuta miżura medika kontra liġi obbligatorja tal-Istat indirizzat (ara d-diskussjoni fil-Minuti Nru 7, Nri 126-142) [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.273-274])

[84] B'din id-differenza, li dawk il-Konvenzjonijiet jagħtu preferenza lid-deċiżjoni mogħtija *aktar kmieni* fi Stat mhux Kontraenti u li tissodisfa l-kundizzjonijiet neċessarji għar-rikonoxximent fl-Istat rikjest, peress li l-istatus *res judicata* tal-ewwel deċiżjoni tipprekludi r-rikonoxximent ta' deċiżjoni sussegwenti li hija inkompatibbli magħha. Għall-kuntrarju, f'din il-Konvenzjoni hija preferuta l-miżura meħuda *aktar tard* fl-Istat mhux Kontraenti għaliex, fl-ispirtu tal-Artikolu 10(2), l-Artikolu 11(2), u l-Artikolu 12, il-miżuri meħudin jistgħu dejjem jiġu modifikati jew mibdula mill-awtorità li għandha ġuriżdizzjoni taħt il-Konvenzjoni.

meħuda aktar tard fi Stat mhux Kontraenti li kien ikollu ġuriżdizzjoni taħt l-Artikolu 5 sa 9 tal-Konvenzjoni, u li tissodisfa r-rekwiżiti għar-rikonoxximent fl-Istat rikjest. F'tali każ, jekk iż-żewġ miżuri huma inkompatibbli, tingħata preferenza lil dik l-aktar riċenti, meħuda minn awtorità li hija eqreb tal-adult u f'pożizzjoni aħjar li tevalwa l-interessi tal-adult.

Din il-preferenza mogħtija lill-miżura meħuda wara fi Stat mhux Kontraenti, tassumi li l-Istat tal-aħħar kellu ġuriżdizzjoni taħt l-Artikoli 5 sa 9 tal-Konvenzjoni. Għalhekk hija aktar estiża hawnhekk milli fil-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, fejn kienet limitata għal miżuri meħuda minn awtorità fl-Istat mhux Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri.

*Subparagrafu e)*

123 Din l-aħħar bażi għal rifjut tar-rikonoxximent hija marbuta mal-Artikolu 33 (ara hawn taħt) li jistabbilixxi proċedura obbligatorja ta' konsultazzjoni qabel kull miżura ta' tqegħid ta' adult fi Stat Kontraenti ieħor. L-Artikolu 22(2) *e)* jevita li jindirizza l-Istat, fejn għandha titwettaq il-miżura ta' tqegħid, b'*fait accompli*, u jawtorizzah li jirrifjuta rikonoxximent jekk il-proċedura għall-konsultazzjoni ma ġietx segwita.

## Artikolu 23 (azzjoni preventiva għar-rikonoxximent jew in-nuqqas ta' rikonoxximent)

124 Peress li r-rikonoxximent isir b'mod leġittimu, huwa biss meta tiġi invokata l-miżura fi Stat li tilwim possibbli dwar l-eżistenza ta' bażi għal nuqqas ta' rikonoxximent ikun soġġett ta' deċiżjoni . Din id-data tista' tkun tard wisq, u kwalunkwe persuna interessata jista' jkollha interess leġittimu li tneħħi, mingħajr ma tistenna, dubju li jista' jeżisti dwar l-eżistenza ta' tali bażi għan-nuqqas ta' rikonoxximent.

It-test jillimita l-ammissibilità tal-azzjoni preventiva għar-rikonoxximent jew in-nuqqas ta' rikonoxximent tal-*miżuri*. Huwa ma jipprevedix tali azzjoni bl-għan ta' proċedura dwar, pereżempju, il-kwistjoni ta' validità jew in-nullità ta' mandat fil-każ ta' inkapaċità.

Il-Konvenzjoni tħalliha f'idejn il-liġi tal-Istat rikjest li tiddefinixxi l-proċedura għal din l-azzjoni preventiva. Din il-proċedura mhijiex neċessarjament immudellata fuq il-proċedura għat-tiftix ta' ordni ta' eżegwibbiltà u l-Konvenzjoni ma timponix, kif tagħmel għad-dikjarazzjonijiet ta' eżegwibbiltà, proċedura "sempliċi u rapida" (l-Artikolu 25(2)). Fil-fatt, il-proċedura għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, f'konvenzjoni internazzjonali maħsuba li tiggarantixxi tip ta' ċirkolazzjoni libera tad-deċiżjonijiet, jenħtieġ li tkun rapida u spiss se tkun inkontestabbli fl-ewwel fażi tagħha[85]. Min-naħa l-oħra, il-proċedura preventiva għandha tendenza li tibda immedjatament tilwim dwar ir-regolarità internazzjonali tal-miżura u, fil-każ ta' azzjoni għal nuqqas ta' rikonoxximent ta' miżura, li tipparalizza ċ-ċirkolazzjoni libera tagħha. Tali tilwim għandu loġikament jinvolvi smigħ sħiħ, li normalment jieħu aktar ħin minn proċedura rapida għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà.

---

85 Ara l-proċedura dwar l-applikazzjonijiet, stabbilita mill-Konvenzjonijiet ta' Brussell u Lugano, l-Artikoli 31 *et seq*.

## Artikolu 24 (sejbiet ta' fatti ġurisdizzjonali)

**125** Kif diġà ġie indikat b'rabta mal-Artikolu 22(2)*a* (ara n-Nru 119 hawn fuq), l-awtorità tal-Istat rikjest huwa marbut mis-sejbiet fattwali li fuqhom l-awtorità ta' oriġini tkun ibbażat il-ġuriżdizzjoni tagħha. Jekk, pereżempju, l-awtorità ta' oriġini ħadet deċiżjoni dwar il-kapaċità tagħha bħala awtorità tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult, l-awtorità tal-Istat rikjest mhux se tkun kapaċi tirrevedi l-fatti li fuqhom l-awtorità ta' oriġini bbażat l-evalwazzjoni tagħha tar-residenza abitwali. Bl-istess mod, fejn il-ġuriżdizzjoni hija bbażata fuq evalwazzjoni preliminarja mill-awtorità ta' oriġini tal-aħjar interessi tal-adult,[86] din l-evalwazzjoni torbot l-awtorità tal-Istat rikjest. Din ir-regola tinsab f'konvenzjonijiet oħra[87].

## Artikolu 25 (dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà)

**126** Dan l-Artikolu jipprevedi l-każ fejn il-miżuri meħuda fi Stat Kontraenti u eżegwibbli hemmhekk jeħtieġu infurzar fi Stat Kontraenti ieħor. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-Artikolu 22 – jiġifieri r-rikonoxximent – huwa biżżejjed biex jippermetti li l-miżura tidħol fis-seħħ. Pereżempju, is-setgħat mogħtija lil rappreżentant legali b'miżura meħuda fi Stat Kontraenti se jippermettu lil dan ir-rappreżentant, jekk ma jkunx hemm bażi għal nuqqas ta' rikonoxximent, li jidħol fi tranżazzjonijiet f'isem l-adult fi Stat Kontraenti ieħor, li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-persuna jew tal-proprjetà tal-adult. Iżda jekk il-miżura teħtieġ infurzar, pereżempju l-bejgħ furzat tal-proprjetà, il-miżura se jkollha tkun soġġetta fit-tieni Stat għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew, skont il-proċedura applikabbli f'ċerti Stati, għal reġistrazzjoni għall-infurzar.

*Il-paragrafu 1* tal-Artikolu 25 ifakkar dan il-bżonn u jsemmi li l-proċedura se tinbeda, fl-Istat rikjest, "fuq talba ta' parti interessata, … skont il-proċedura prevista fil-liġi tal-Istat [rikjest]". It-terminu "*requête*" ma għandux jingħata t-tifsira proċedurali preċiża li għandu fit-terminoloġija legali Franċiża għaliex il-pass introduttorju ta' proċediment *ex parte*, indirizzat direttament lill-qorti, għat-test, meta jirreferi għall-proċedura prevista fil-liġi tal-Istat rikjest, ma kienx maħsub, kif kienet il-Konvenzjoni ta' Brussell, li jieħu pożizzjoni dwar il-proċedura li għandha tiġi adottata.

*Il-paragrafu 2* huwa limitat li jipprevedi li l-Istat rikjest se japplika "proċedura sempliċi u rapida" iżda jħalli lil dan l-Istat kompletament liberu dwar kif jinkiseb dan u ma jistabbilixxix perjodu ta' żmien. Għalhekk din hija *lex imperfecta*.

*Il-paragrafu 3* jindika, kif jagħmel l-Artikolu 34(2) tal-Konvenzjoni ta' Brussell, li d-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew reġistrazzjoni tista' tiġi rrifjutata biss għal waħda mir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(2).

---

86 Ara l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 13(2).

87 Ara l-Artikolu 9, *Konvenzjoni tal-Aja tat-2 ta' Ottubru 1973 dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet Relatati mal-Obbligi ta' Manteniment*; l-Artikolu 29(2) tal-Konvenzjonijiet ta' Brussell u Lugano.

## Artikolu 26 (projbizzjoni tar-reviżjoni fuq il-merti)

**127** Il-projbizzjoni tar-reviżjoni dwar il-merti hija klawżola standard fil-konvenzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet. Hija tikkonċerna r-rikonoxximent, kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew ir-reġistrazzjoni.

## Artikolu 27 (infurzar)

**128** Dan l-Artikolu, identiku wkoll għall-Artikolu 28 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, jistabbilixxi l-prinċipju li l-miżuri meħuda fi Stat Kontraenti u ddikjarati eżegwibbli f'ieħor "għandhom jiġu infurzati fl-Istat tal-aħħar bħallikieku ġew meħuda mill-awtoritajiet ta' dak l-Istat". Dan huwa tip ta' naturalizzazzjoni tal-miżura fl-Istat Kontraenti fejn għandha tiġi infurzata. L-awtoritajiet tal-Istat rikjest għaldaqstant se jkunu kapaċi jwaqqfu l-eżekuzzjoni ta' miżura ta' tqegħid meħuda barra mill-pajjiż fejn kienu jkunu awtorizzati li jagħmlu dan għal miżura meħuda fl-Istat tagħhom stess, pereżempju fil-każ ta' rifjut mill-adult li jissottomettihom.

It-tieni sentenza tal-Artikolu ssaħħaħ din is-soluzzjoni billi tindika li l-infurzar isir "skont il-liġi tal-Istat rikjest sal-punt previst minn tali liġi".

Pereżempju, jekk l-awtorità tar-residenza abitwali tal-adult qiegħdet it-tutur taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet soċjali lokali, u jekk aktar tard l-adult huwa trasferut fi Stat Kontraenti ieħor, l-infurzar fit-tieni Stat tad-deċiżjoni meħuda fl-ewwel wieħed se jkun possibbli biss jekk l-awtoritajiet tat-tieni Stat huma awtorizzati taħt din il-liġi li jwettqu l-kompitu ta' superviżjoni li l-awtoritajiet soċjali tal-ewwel Stat huma responsabbli għalih. Mil-lat negattiv, ikun f'idejn l-awtoritajiet tat-tieni Stat, jekk possibbli wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet tal-ewwel Stat, li jadattaw il-miżura meħuda fl-ewwel Stat jew li jbiddluha skont l-Artikolu 5(2).

Ġew espressi ċerti biżgħat dwar l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għall-adulti waqt il-Kumitat Speċjali. Issemma r-riskju ta' ksur tal-libertajiet ċivili li ġej minn rikors għar-restrizzjonijiet imposti mill-Istat. Kien hemm ukoll dubji dwar il-konsegwenzi finanzjarji ta' din id-dispożizzjoni jekk kellha r-riżultat li tobbliga lill-Istat fejn huwa preżenti l-adult li jaċċetta r-responsabbiltà għall-ispejjeż tal-isptar jew it-tqegħid li jirriżultaw mill-infurzar ta' miżuri meħuda mill-awtoritajiet ta' Stat ieħor. Dawn il-biżgħat tneħħew mill-osservazzjoni li l-Artikolu 27 applika biss hawnhekk għall-infurzar ta' miżura fil-kuntest tal-liġi privata tagħha.

## KAPITOLU V – KOOPERAZZJONI

**129** Dan il-Kapitolu wkoll isegwi kemmxejn mill-qrib il-kapitolu korrispondenti tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal. Għaldaqstant, il-Konvenzjoni tipprevedi l-istabbiliment f'kull Stat Kontraenti ta' Awtorità Ċentrali li tkun tip ta' hub, kuntattabbli mill-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti l-oħra u li tkun kapaċi tirrispondi għat-talbiet tagħhom (l-Art. 28 sa 30). B'mod parallel għar-rwol irrikonoxxut b'dan il-mod għall-Awtorità Ċentrali, il-Konvenzjoni pprevediet, b'mod estiż, il-possibilità ta' komunikazzjonijiet u talbiet diretti ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' Stati Kontraenti differenti mitluba li jieħdu miżuri ta' protezzjoni (l-Artikoli 31 sa 35), kif ukoll il-possibilità għall-konklużjoni bejniethom tal-ftehimiet biex tiġi ffaċilitata tali kooperazzjoni (l-Art. 37). L-

Artikolu 36 jipprevedi li kull Awtorità Ċentrali fil-prinċipju se ġġarrab l-ispejjeż tagħha stess.

## Artikolu 28 (ħolqien ta' Awtorità Ċentrali)

**130** Dan l-Artikolu jeħtieġ li l-Istati Kontraenti jinnominaw Awtorità Ċentrali responsabbli li twettaq l-obbligi li huma imposti fuqha mill-Konvenzjoni, u jipprevedi l-possibilità li jinħatru bosta Awtoritajiet Ċentrali għal dawk l-Istati li għandhom sistemi mhux unifikati. Huwa jirriproduċi l-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, li min-naħa tiegħu hu mfassal fuq il-mudell tal-Artikolu 6 ta' kull waħda mill-Konvenzjonijiet tal-25 ta' Ottubru 1980 u d-29 ta' Mejju 1993.

## Artikolu 29 (obbligu ġenerali ta' kooperazzjoni)

**131** L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom missjoni ġenerali ta' kooperazzjoni u informazzjoni. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fuq talba se tkun rilevanti għal-leġiżlazzjoni fis-seħħ u s-servizzi disponibbli fl-Istat inkwistjoni għall-protezzjoni tal-adult.

## Artikolu 30 (komunikazzjonijiet, lokalizzazzjoni)

**132** Dan l-Artikolu jelenka ċerti kompiti tal-Awtorità Ċentrali. L-ewwel minn dawn il-kompiti huwa li "tiffaċilità l-komunikazzjonijiet, b'kull mezz, bejn l-awtoritajiet kompetenti f'sitwazzjonijiet li għalihom tapplika l-Konvenzjoni". Il-mezz użat jista' jkun elettroniku. Dan id-dettall issemma fit-test ivvutat fl-ewwel qari. Ġie mħassar (iżda mhux ikkundannat) fit-tieni qari fuq talba taċ-Ċina, li beżgħet li tali kjarifika tista' tiġi interpretata ħażin minn Stati li qed jiżviluppaw[88].

Il-Kumitat ma qabilx li jinkludi fost il-kompiti tal-Awtorità Ċentrali dak li tirrispondi għat-talbiet ta' informazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti l-oħra dwar il-miżuri li adult seta' kien soġġett għalihom. Lanqas ma xtaq isemmi fit-test il-possibilità għall-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti, bil-kunsens tal-Awtoritajiet Ċentrali tagħhom, li jikkomunikaw direttament bejniethom[89]. Dawn il-kjarifiki dehru inutli, għaliex ma kien hemm xejn fil-Konvenzjoni kontra l-komunikazzjoni diretta fost Awtoritajiet mhux Ċentrali jew il-possibilità li waħda minnhom issaqsi mistoqsija lill-Awtorità Ċentrali ta' Stat ieħor.

It-tieni kompitu huwa li "tipprovdi, fuq it-talba ta' awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti ieħor, assistenza fl-iskoperta ta' fejn jinsab adult meta jidher li l-adult jista' jkun preżenti u jeħtieġ protezzjoni fit-territorju tal-Istat rikjest" (l-Artikolu 30 *b)*.

---

88 Ara d-Dokumenti ta' Ħidma Nri 66 u 104, il-Minuti Nru 13, Nri 44-50 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.313-314] u l-Minuti Nru 16, Nri 23-44 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.330-332]

89 Ara dwar dawn il-punti d-Dokument ta' Ħidma Nru 63, u l-Minuti Nru 8, Nri 95-120 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.280-282]

## Artikolu 31 (medjazzjoni)

133 L-abbozz preliminari tal-Kumitat Speċjali, bħat-test korrispondenti tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, inkluda fost il-kompiti tal-Awtorità Ċentrali, fuq l-istess bażi tal-provvista tal-informazzjoni u l-lokalizzazzjoni tal-adult (ara l-Artikolu 30 hawn fuq), dak li "tiffaċilità permezz ta' medjazzjoni, konċiljazzjoni jew mezzi simili, soluzzjonijiet miftiehma għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-proprjetà tal-adult f'sitwazzjonijiet li l-Konvenzjoni tapplika għalihom". Imħassra fl-ewwel qari wara vot b'maġġoranza żgħira favur,[90] din id-dispożizzjoni reġgħet ġiet inkluża fit-tieni qari f'forma aktar moderata li ma tqegħidx obbligu fuq l-Awtorità Ċentrali, iżda sempliċiment tirrakkomandalha li "tħeġġeġ" dan il-mezz alternattiv ta' soluzzjoni tat-tilwim, b'rikors, fejn meħtieġ, għall-"intervent ta' korpi oħra"[91].

Meta ġiet mistoqsija bejn liema persuni jistgħu jsiru dawn l-attentati ta' medjazzjoni, ir-risposta mogħtija kienet li jista' jkun bejn it-tutur u persuni oħra rigward id-destin tal-adult jew il-proprjetà tiegħu, jew bejn l-adult u dawk responsabbli għalih, sabiex jippruvaw iwasslu lill-adult biex jaċċetta miżura li dehret ta' benefiċċju.

## Artikolu 32 (talbiet għal informazzjoni konkreta u assistenza fir-rigward ta' adult speċifiku)

Paragrafu 1

134 Dan it-test jawtorizza lill-awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti, meta pprevediet li tieħu miżura ta' protezzjoni, li ssaqsi lil awtorità oħra ta' Stat Kontraenti ieħor li għandha informazzjoni utli għall-protezzjoni tal-adult biex tikkomunikaha. Għalkemm il-formulazzjoni tat-test ma tiddikjarax dan b'mod speċifiku, huwa ċar li l-awtoritajiet inkwistjoni huma biss awtoritajiet pubbliċi, li barra minn hekk huma l-uniċi li l-Konvenzjoni tipprevedi li huma kapaċi jieħdu miżuri ta' protezzjoni, u mhux assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Il-possibilità li tintalab informazzjoni dwar l-adult għandha tkun partikolarment utli fil-każ ta' bidla fir-residenza abitwali tal-adult fi Stat ieħor, kif ukoll f'każijiet fejn ikunu l-awtoritajiet nazzjonali li jittrattaw il-protezzjoni u li se jkunu kapaċi jressqu mistoqsijiet lill-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali.

135 Ittieħdu ċerti prekawzjonijiet sabiex jiġu evitati l-perikli tal-ġbir mhux ikkontrollat tal-informazzjoni. Huwa biss jekk "is-sitwazzjoni tal-adult teħtieġ dan" li t-talba għal informazzjoni tkun awtorizzata. Huwa f'idejn l-awtorità rikjedenti li tikkunsidra din il-kundizzjoni u, fir-raġuni mogħtija għat-talba għal informazzjoni tagħha, li turi li ġiet sodisfatta. Fl-istess spirtu, l-Artikolu 35 jipprojbixxi tali talba jekk tqiegħed il-persuna jew il-proprjetà tal-adult f'periklu, jew tikkostitwixxi theddida serja għal-libertà ta' membru tal-familja tal-adult. L-istess Artikolu 35 iqiegħed projbizzjoni simmetrika kontra t-trażmissjoni mill-awtorità rikjesta ta' informazzjoni mitluba, jekk din it-trażmissjoni tkun tal-istess riskju għall-adult jew għall-membri tal-familja tiegħu.

---

90 Ara l-Minuti Nru 8, Nri 75-90 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.279-280]

91 Id-Dok ta' Ħidma Nru 98, u l-Minuti Nru 16, Nri 44-55 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.332]

Għalkemm it-test ma jgħidx hekk formalment, għandu jinftiehem li l-awtorità rikjesta qatt mhi marbuta tipprovdi l-informazzjoni mitluba. Hija għandu jkollha s-setgħa diskrezzjonali tagħha. Il-Konvenzjoni ma tobbligahiex li tiddikjara bil-miktub il-bażi għad-deċiżjoni ta' rifjut. Barra minn hekk, huwa possibbli li l-liġi interna tagħha ma tippermettilhiex li tissodisfa t-talba għal informazzjoni, b'mod partikolari fejn tali talba tikser ir-regoli ta' dik il-liġi dwar il-komunikazzjonijiet kunfidenzjali ma' membri ta' professjoni.

Paragrafu 2

**136** Il-paragrafu 1 jagħti lil kwalunkwe awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti l-possibilità li tiġi indirizzata awtorità ta' Stat Kontraenti ieħor, sabiex tintalab minnha l-informazzjoni meħtieġa. Din il-flessibilità ta' operazzjoni tista' tkun vantaġġ iżda wkoll piż għall-funzjonament tal-kooperazzjoni mixtieqa jekk l-awtorità rikjesta ma tistax tidentifika b'mod konvenjenti l-awtorità rikjedenti u ma tistax tevalwa l-awtorità tagħha li tibgħat tali talba. Għaldaqstant il-paragrafu 2 jipprevedi l-possibilità li Stat Kontraenti jagħmel dikjarazzjoni, li tgħid li t-talbiet magħmula taħt il-paragrafu 1 jistgħu jiġu diretti biss permezz tal-Awtorità Ċentrali.

Paragrafu 3

**137** Dan il-paragrafu jipprevedi assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni. Tali assistenza spiss se tkun neċessarja, b'mod partikolari fil-każ tat-tneħħija tal-adult jew tat-tqegħid tiegħu fi stabbiliment adegwat li jinsab fi Stat ieħor li ma jkunx ħa l-miżura ta' tqegħid.

## Artikolu 33 (kollokamenti transfruntiera)

**138** Dan l-Artikolu, imsemmi diġà b'rabta mal-Artikolu 22(2) *e)* (ara n-Nru 123 hawn fuq), jistabbilixxi l-unika proċedura għall-konsultazzjoni obbligatorja prevista mill-Konvenzjoni. Dan iseħħ meta l-awtorità li għandha l-ġuriżdizzjoni taħt l-Artikoli 5 sa 8 tikkontempla t-tqegħid tal-adult f'kustodja istituzzjonali, jew kwalunkwe post ieħor ta' protezzjoni, fejn tali kollokament se jseħħ fi Stat Kontraenti ieħor. Din il-konsultazzjoni tagħti setgħa li tiġi riveduta d-deċiżjoni tal-awtorità tal-Istat ospitanti, u tippermetti lill-awtoritajiet li jiddeterminaw minn qabel il-kundizzjonijiet li taħthom l-adulti se jibqgħu fl-Istat ospitanti, b'mod partikolari b'rispett tal-liġijiet ta' immigrazzjoni fis-seħħ f'dak l-Istat, jew saħanistra l-kondiviżjoni tal-ispejjeż involuti fit-twettiq tal-miżura ta' kollokament[92]. It-test jispeċifika li l-konsultazzjoni se tkun mal-Awtorità Ċentrali jew awtorità kompetenti oħra tal-Istat ospitanti, u li se tieħu l-forma tal-provvista lil dik l-awtorità ta' rapport dwar is-sitwazzjoni tal-adult u r-raġunijiet għall-kollokament jew il-provvista tal-kura proposti.

**139** L-Artikolu 33(2) jagħti lill-Awtorità Ċentrali jew awtorità kompetenti oħra tal-Istat rikjest id-dritt li topponi d-deċiżjoni ta' kollokament. Din hija differenza notevoli meta mqabbla mal-provvista parallela tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, li tissottometti d-deċiżjoni għal approvazzjoni preċedenti mill-Istati rikjest[93].

---

92 Ara l-Artikolu 36 hawn taħt.

93 Fl-ewwel qari, it-test ġie adottat bl-istess test tal-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, iżda b'maġġoranza żgħira ħafna biss (11-il vot kontra 10 b'2 astenzjonijiet), fejn ċerti delegazzjonijiet talbu t-tħassir dirett tiegħu, u qiesu l-proċedura ta' approvazzjoni wisq ta' piż fil-każ ta' ftehim bejn l-awtoritajiet ta' oriġini u l-istituzzjoni ospitanti fl-Istat ikkonċernat (ara d-Dok ta'

In-nuqqas ta' segwitu ta' din il-proċedura għal konsultazzjoni minn qabel huwa kriminalizzat minn rifjut ta' rikonoxximent tal-miżura ta' kollokament (ara l-Artikolu 22(2) *e)* hawn fuq).

## Artikolu 34 (adult f'periklu serju)

**140** Dan l-Artikolu huwa relatat mal-każ li fih l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Kontraenti, li ħadu jew se jieħdu miżura ta' protezzjoni għal adult espost għal periklu serju (pereżempju, marda li teħtieġ trattament kontinwu, drogi, influwenza ta' setta), jiġu infurmati dwar il-bidla tar-residenza tal-adult għal, jew il-preżenza tiegħu fi Stat Kontraenti ieħor. Dawn l-awtoritajiet għaldaqstant għandhom l-obbligu li jinfurmaw lill-awtoritajiet ta' dan l-Istat l-ieħor dwar dan il-periklu u l-miżuri meħuda jew ikkunsidrati. Dan l-obbligu ta' notifika japplika wkoll fil-każ li l-adult ikun preżenti fi Stat mhux Kontraenti.

Din id-dispożizzjoni, sabiex tiffuzjona, tassumi evidentement li l-awtoritajiet tal-ewwel Stat huma infurmati dwar il-preżenza tal-adult fit-tieni, li fil-prattika jista' jillimita l-influwenza tagħha. Iżda xejn ma jipprevjeni lill-awtoritajiet tal-ewwel Stat milli jirrikorru l-ewwel, fi kwalunkwe każ fejn l-adult jinsab fi Stat Kontraenti ieħor, għal talba li jinstab l-adult fuq il-bażi tal-Artikolu 30 *b)*, u wara għall-provvista tal-informazzjoni skont dan l-Artikolu 34.

## Artikolu 35 (informazzjoni li toħloq riskju għall-adult)

**141** B'rabta mal-Artikolu 32, ġie indikat li din it-talba jew it-trażmissjoni ta' informazzjoni tista' tipperikola l-persuna jew il-proprjetà tal-adult, jew tkun theddida serja għal-libertà jew il-ħajja ta' membru tal-familja tal-adult. L-Artikolu 35 jikkunsidra dawn il-kummenti u jordna lill-awtorità li taħseb li jeżisti tali riskju biex ma titlobx jew tittrażmetti l-informazzjoni.

## Artikolu 36 (kostijiet)

**142** Il-funzjonament tal-mekkaniżmi għall-kooperazzjoni għandu l-ispejjeż tiegħu, u l-Artikolu 36 jistabbilixxi r-regola, identika għal dik tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal (l-Artikolu 38) u li diġà tinsab f'forma kemmxejn differenti fil-*Konvenzjoni tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tas-Serq Internazzjonali tal-Minuri* (l-Artikolu 26), li jgħid li l-Awtoritajiet Ċentrali u l-awtoritajiet pubbliċi l-oħra tal-Istati Kontraenti jġarrbu l-ispejjeż tagħhom stess mill-applikazzjoni tal-Kapitolu V. L-espressjoni "awtoritajiet pubbliċi" tirreferi għall-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Kontraenti, u mhux għall-qrati. Għalhekk, l-ispejjeż tal-qorti u, b'mod aktar ġenerali, l-ispejjeż tal-proċedimenti u partikolarment tal-avukati mhumiex inklużi f'dan l-Artikolu. Min-naħa l-oħra, jinkludi, evidentement flimkien mal-ispejjeż fissi tal-funzjonament tal-awtoritajiet, l-ispejjeż tal-korrispondenza u t-trażmissjonijiet, tat-tiftix ta' informazzjoni diversa u tal-lokalizzazzjoni ta' adult, tal-organizzazzjoni ta' medjazzjoni jew ftehimiet ta' soluzzjoni, kif ukoll l-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-miżuri meħuda fi Stat ieħor.

---

Ħidma Nru 57 u l-Minuti Nru 9, Nri 1-29) [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.282-284]. Id-diskussjoni kompliet fit-tieni qari, u l-kompromess milħuq kien li jinbidel mingħajr oppożizzjoni għal approvazzjoni espliċita u pożittiva (id-Dok ta' Ħidma Nru 108, il-Minuti Nru 16, Nri 55-90) [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.332-335]

Madankollu, dan il-paragrafu jirrikonoxxi li l-awtoritajiet tal-Istat iżommu "il-possibilità li jimponu spejjeż aktar raġonevoli għall-provvista tas-servizzi" li jistgħu jkunu, pereżempju, il-lokalizzazzjoni ta' adult, l-għoti ta' informazzjoni jew iċ-ċertifikati. It-termini użati jwassluk biex taħseb li din "l-impożizzjoni" tista' tkun talba għal rimborż tal-ispejjeż diġà mġarrba, jew talba għall-provvista ta' fondi saħansitra qabel ma jiġi pprovdut is-servizz, fejn kull waħda minn dawn it-talbiet għandha tiġi formulata b'ċertu ammont ta' moderazzjoni. Barra minn hekk, il-paragrafu 2 jipprevedi l-possibilità għall-Istati Kontraenti li jidħlu fi ftehimiet bejniethom dwar l-allokazzjoni ta' dawn l-ispejjeż.

### Artikolu 37 (ftehimiet bejn Stati Kontraenti)

**143** Dan l-Artikolu, riprodott ukoll mill-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal (l-Artikolu 39) u l-ekwivalenti li jinsab fl-Artikolu 39(2) tal-*Konvenzjoni tal-Aja tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u Ieħor*, jagħti l-possibilità lill-Istati Kontraenti li jidħlu fi ftehimiet bejniethom li jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-kapitolu dwar il-kooperazzjoni. Dawn ikunu ftehimiet biss li jinfurzaw il-kooperazzjoni stabbilita minn dan il-Kapitolu, pereżempju, billi jiggarantixxu d-dispożizzjonijiet obbligatorji tagħha, u mhux ftehimiet separati li jistabbilixxu regoli differenti minn dawk tal-Konvenzjoni prevista fl-Artikolu 49 (ara n-Nru 160 *et seq.* hawn taħt.)

## KAPITOLU VI – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### Artikolu 38 (ċertifikat internazzjonali)

**144** Il-Kumitat irriproduċa u estenda d-dispożizzjoni tal-Artikolu 40 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u ppreveda l-għoti lil kwalunkwe persuna fdata bil-protezzjoni tal-persuna jew il-proprjetà tal-adult ċertifikat li jindika l-kapaċità li fiha dik il-persuna hija intitolata li taġixxi u s-setgħat mogħtija. Madankollu, il-Kumitat ma xtaqx jobbliga lill-Istati Kontraenti li ma xtaqux jagħtu ċertifikat li jagħmlu dan. Iċ-ċertifikat għalhekk huwa fakultattiv.

L-użu għall-prattikanti ta' tali ċertifikat huwa ċar. Kemm jekk tkun involuta l-persuna tal-adult, jew inkella l-proprjetà tiegħu, il-prattikanti jħossu l-ħtieġa għas-sigurtà. Inħass li ċertifikat li għandu valur probatorju fl-Istati Kontraenti kollha se jippermetti li jiġu evitat kemm l-ispejjeż kif ukoll it-tilwim.

Iċ-ċertifikat isemmi l-kapaċità u s-setgħat tal-persuna fdata bil-protezzjoni tal-persuna jew il-proprjetà tal-adult mingħajr ma ssir distinzjoni bejn jekk din il-persuna ġietx maħtura, u s-setgħat tagħha mogħtija, minn miżura ta' protezzjoni jew mill-adult stess. F'każ adegwat, iċ-ċertifikat jista' jindika b'mod negattiv is-setgħat li din il-persuna ma għandhiex. Pereżempju, jista' jsemmi li r-rappreżentant legali ta' adult li għandu residenza abitwali fl-Istati Uniti ma għandux is-setgħa li jamministra l-proprjetà li dan l-adult għandu fi Stat barrani.

**145** Għall-kuntrarju tal-Artikolu 40 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, l-Artiklu 38 jipprevedi li ċ-ċertifikat jista' jingħata biss mill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti[94] fejn miżura ta' protezzjoni ġiet meħuda jew ġiet ikkonfermata s-setgħa ta' rappreżentazzjoni. L-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-

---

94 Il-paragrafu 3 jispeċifika li kull Stat Kontraenti għandu jinnomina l-awtoritajiet kompetenti biex ifasslu ċ-ċertifikat.

adult għaldaqstant ma jistgħux, għall-kuntrarju tas-soluzzjoni adottata mill-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, joħorġu dan iċ-ċertifikat jekk ma ħadu l-ebda miżura ta' protezzjoni jew ikkonfermaw il-mandat fil-każ ta' inkapaċità. Dawn l-awtoritajiet ma jokkupawx il-post ċentrali li għandhom fil-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u l-Kumitat ma riedx iżid in-numru ta' ċertifikati jew il-perikli tal-kontradizzjoni bejniethom[95].

**146** Il-kunċett tal-konferma tas-setgħat għandu jagħti kull garanzija ta' afffidabilità u jiġi kkunsidrat fid-dawl tas-sistemi legali li jipprevedu din il-konferma u jqiegħduha f'idejn awtorità partikolari, ġudizzjarja f'Quebec, amministrattiva bnadi oħra. Il-konferma, skont il-forma u l-kontenut tagħha, tista' tkun miżura ta' protezzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni[95bis]. Hija prevista flimkien mat-termini "miżuri ta' protezzjoni" biex tiġi evitata l-inċertezza għaliex ħafna delegati mhumiex midħla tal-kunċett ta' "konferma"[95ter]. Hija tista' tingħata biss mill-awtorità kompetenti skont il-Konvenzjoni. Iżda skont l-Artikolu 15 (2), l-adult jista' jissottometti mandat li ta bil-liġi li mhix dik li biha għandhom ġuriżdizzjoni l-awtoritajiet skont il-Konvenzjoni, u r-rappreżentant ma jistax jiġi mċaħħad mill-possibiltà li jkollu konferma tas-setgħat tiegħu, pereżempju, mill-awtorità kompetenti tal-Istat li l-liġi tagħha hija applikabbli għaċ-ċertifikat.

**147** Taħt l-Artikolu 38(2), "il-kapaċità u s-setgħat indikati fiċ-ċertifikat huma preżunti li ġew mogħtija lil dik il-persuna mid-data taċ-ċertifikat, fin-nuqqas ta' prova għall-kuntrarju". Għaldaqstant se jkun possibbli għal kwalunkwe persuna interessata li tikkontesta l-korrettezza tad-dettalji li jidhru fuq iċ-ċertifikat iżda, fin-nuqqas ta' kuntest, il-parti terza tista' tindirizza b'mod kompletament sikur il-persuna indikata fiċ-ċertifikat, fi ħdan il-limiti tas-setgħat li jkunu msemmija fuqu. Il-valur probatorju huwa limitat għad-data meta tfassal iċ-ċertifikat. Iċ-ċertifikat ma jistax jiggarantixxi li s-setgħat li eżistew dak iż-żmien se jibqgħu fis-seħħ fil-futur. Din l-ispeċifikazzjoni fissret li kien possibbli li ma tingħatax lill-awtorità li ħarġet iċ-ċertifikat is-setgħa li tikkanċellah, kif kien ġie propost[96].

Grupp ta' Ħidma, ippresedut mis-Sinjura Bauer, delegata ta' Franza, ipprepara mudell ta' ċertifikat (id-Dokument ta' Ħidma Nru 90), approvat mill-Kumitat. Dan iċ-ċertifikat ma ġiex inkorporat fil-Konvenzjoni sabiex jiġu faċilitati emendi futuri. Ġie deċiż li jiġi trażmess lill-Istati Membri u li l-Uffiċju Permanenti jirrakkomanda lill-Istati Kontraenti li jużawh.

## Artikolu 39 (protezzjoni tad-dejta personali)

**148** Dan l-Artikolu, identiku għall-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, jirriproduċi sostanzjalment id-dispożizzjoni fl-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 1993 dwar l-adozzjoni[97]. Il-protezzjoni tad-dejta personali,

---

95 Ara r-rifjut tal-proposta mid-delegazzjoni Żvizzera dwar din il-konnessjoni, id-Dok ta' Ħidma Nru 59, il-Minuti Nru 10, Nru 79 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.296]

95bis Ic-Chairman osserva illi huwa l-att li jikkonferma s-setgħa ta' rappreżentazzjoni li jikkostitwixxi miżura ta' protezzjoni u li huwa diskutibbli l-fatt illi miżura li tikkonferma l-validità tinsabx diġà fi ħdan l-Artikolu 3 d) (ara l-Minuti Nru 10, 75 u 79 [ara l-Proċedimenti tal-SC ta' karattru diplomatiku (1999), p. 296]).

95ter Ara d-Dokument ta' Ħidma Nru 77, u d-diskussjoni, Minuti Nru 10, Nri 51-81 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), pp. 294-296], u, b'mod aktar speċifiku Nru 74 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p. 296] għal spjegazzjoni dwar l-għan tal-proposta mid-delegazzjoni Kanadiża. Il-proposta ġiet approvata b'seba voti favur, ħamsa kontra u 13-il astenzjoni.

96 Ara d-Dok ta' Ħidma Nru 59, Minuti Nru 10, Nru 55 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.294]

97 Ara, dwar dan l-artikolu, ir-Rapport tas-Sur Parra-Aranguren, *Proċedimenti tas-Sessjoni Sbatax*

speċjalment meta tkun kompjuterizzata, hija barra minn hekk objettiv ġenerali li huwa komuni għall-Istati moderni.

## Artikolu 40 (kunfidenzjalità tal-informazzjoni)

**149** Dan it-test jeħtieġ li l-awtoritajiet li jkunu rċevew informazzjoni jiżguraw il-kunfidenzjalità tagħha, skont il-liġi tal-Istat tagħhom. Dan se jenħtieġ li jiġi sorveljat mill-qrib mal-iżvilupp ta' trażmissjonijiet elettroniċi. Dan l-obbligu ta' kunfidenzjalità se jkollu jiġi impost ukoll fuq l-awtorità li tibgħat din l-informazzjoni, għaliex sa ċertu punt hija wkoll riċevitur tal-informazzjoni li tibgħat elettronikament.

## Artikolu 41 (dispensa mil-legalizzazzjoni)

**150** Id-dispensa mil-legalizzazzjoni, diġà prevista mill-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, testendi hawnhekk għad-"dokumenti [kollha] imressqa jew mibgħuta taħt din il-Konvenzjoni", jiġifieri kull informazzjoni miktuba pprovduta, id-deċiżjonijiet ġudizzjarji u amministrattivi kollha, kif ukoll ċertifikati mogħtija skont l-Artikolu 38.

## Artikolu 42 (nomina tal-awtoritajiet)

**151** Dan l-Artikolu huwa maħsub li jiffaċilita l-operazzjoni prattika tal-artikoli li jirreferi għalihom billi jippermetti lill-awtorità rikjedenti ta' Stat Kontraenti li tkun taf liema awtorità għandha tiġi indirizzata, fl-Istat rikjest, meta trasferiment ta' ġuriżdizzjoni għal forum aktar adegwat (l-Artikolu 8) jew kollokament barra mill-pajjiż (l-Artikolu 33)[98] jiġu kkunsidrati. Iżda din in-nomina hija fakultattiva għall-Istati Kontraenti li, minħabba l-varjetà u n-numru kbir tal-awtoritajiet li l-ġuriżdizzjoni tagħhom tista' tiġi invokata f'ċirkostanzi differenti, jistgħu ma jkunux kapaċi jipprovdu listi kompluti.

## Artikolu 43 (komunikazzjoni tan-nomini u d-dikjarazzjonijiet)

**152** Dan it-test jindika lil min għandhom jiġu kkomunikati n-nomini u d-dikjarazzjonijiet tal-Istati, b'applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Huwa juri qsim tal-kompiti bejn l-Uffiċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja u d-Depożitarju tal-Konvenzjoni. Għall-kuntrarju ta' konvenzjonijiet preċedenti, l-Artikolu jistabbilixi li dawk il-komunikazzjonijiet għandhom isiru mhux aktar tard mid-data tad-depożitu tal-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni tal-Konvenzjoni jew l-adeżjoni għaliha. L-iskop ta' din id-dispożizzjoni, li ġejja minn proposta mid-delegazzjoni tan-Netherlands,[99] huwa li l-Istati Kontraenti l-oħra jkunu jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom taħt il-Kapitolu dwar il-kooperazzjoni. In-nuqqas ta' konformità ma' dan il-limitu ta' ħin ma jikkawżax l-inammissibilità tad-depożitu tal-istrument, iżda se jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-Uffiċju Permanenti fir-rigward tal-Istat fit-tort.

---

*(1993)* Ktieb II, p. 632.

98 Fil-fatt, l-Artikolu 33 ma jistabbilixxix l-indirizzar ta' talba, iżda jippreskrivi biss li l-awtoritajiet tal-Istat ta' kollokament għandu jiġi kkonsultat. Ovvjament, l-Artikolu 42 japplika għall-indirizzar ta' din il-konsultazzjoni (ara l-Minuti tas-Sessjoni Plenarja, Nri 163-167 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.351])

99 Id-Dok ta' Ħidma Nru 87 u d-diskussjoni, il-Minuti Nru 10, Nri 44-45 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.293] u l-Minuti Nru 16, Nri 90-111 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.335-336].

## Artikoli 44–47 (klawżoli federali)

**153** Dawn l-Artikoli fihom dawk li jissejħu klawżoli federali, dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-Istat li s-sistemi legali tagħhom mhumiex unifikati. Dawn il-klawżoli saru komuni fil-Konvenzjonijiet tal-Aja minn madwar tletin sena ilu, iżda jiġu perfezzjonati minn Konvenzjoni għal Konvenzjoni, u l-abbozzar tagħhom għandu jiġi adattat għall-iskopijiet ta' kull Konvenzjoni. Kif ġie indikat fl-introduzzjoni ta' dan ir-Rapport, Grupp ta' Ħidma speċjali ppresedut mis-Sinjura Alegría Borrás, delegata ta' Spanja, kien responsabbli waqt is-Sessjoni Diplomatika li jipprepara abbozzi ta' artikoli (id-Dokument ta' Ħidma Nru 100), li ġew adottati kważi mingħajr tibdil mill-Kumitat. L-Artikolu 44 jikkonċerna s-sitwazzjonijiet li jwasslu biss għall-konflitti li huma interni fi Stat Kontraenti, filwaqt li l-Artikoli 45 sa 46 iħarsu lejn l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-Istati li kellhom konflitti interterritorjali tal-liġijiet, u l-Artikolu 47 jagħmel l-istess għall-Istati li kellhom konflitt interpersonali tal-liġijiet.

## Artikolu 44 (nuqqas ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni għall-konflitti interni)

**154** Il-Konvenzjoni hija maħsuba biex tirregola konflitti tal-awtoritajiet u liġijiet internazzjonali fir-rigward tal-protezzjoni tal-adulti. Stat Kontraenti fejn japplikaw sistemi differenti ta' liġi f'dan il-qasam jista', jekk jixtieq, japplika r-regoli tal-Konvenzjoni sabiex isolvi dawn il-konflitti, iżda dan l-Artikolu jiddikjara li tali Stat mhu bl-ebda mod obbligat li jagħmel hekk[100]. Għandu jiġi indikat li l-konflitti li huma interni fi Stat Kontraenti li dan l-Artikolu huwa relatat magħhom jistgħu jkunu konflitti interterritorjali, kif ukoll konflitti interpersonali.

Maġġoranza żgħira biss ivvutat li jinżamm dan l-Artikolu[101]. Peress li l-Artikolu 1 jistabbilixxi – li l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal ma tagħmilx – li l-Konvenzjoni tapplika "f'sitwazzjonijiet internazzjonali", huwa ċar li ma tapplikax għall-konflitti interni. Mill-inqas l-Artikolu 44 jista' jinftiehem bħala stedina indiretta li wieħed jiddependi fuq ir-regoli li jistabbilixxi għas-soluzzjoni ta' tali konflitti.

## Artikolu 45 (konflitti interterritorjali, regoli ġenerali)

**155** Dan l-Artikolu, bħall-Artikolu li jmiss, jindika kif tiġi applikata l-Konvenzjoni fir-rigward ta' Stat magħmul minn ħafna unitajiet territorjali, li għalihom japplikaw sistemi legali jew settijiet ta' regoli differenti.

L-iskop ta' dan l-Artikolu huwa purament tekniku. Huwa jistabbilixxi r-regoli ġenerali li jistgħu jiġu applikati kemm għall-kwistjonijiet tal-ġuriżdizzjoni tal-

---

[100] L-istess regola tinstab f'varji Konvenzjonijiet tal-Aja, b'mod partikolari l-*Konvenzjoni tal-14 ta' Marzu 1978 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Aġenzija*, l-Art. 20; il-*Konvenzjoni tal-14 ta' Marzu 1978 dwar il-Liġi Applikabbli għar-Reġim tal-Proprjetà Matrimonjali*, l-Art. 18; il-*Konvenzjoni tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar il-Liġi Applikabbli għal Kuntratti għall-Bejgħ Internazzjonali ta' Prodotti*, l-Art. 20; il-*Konvenzjoni tal-25 ta' Ottubru tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili Internazzjonali tas-Sekwestru tal-Minuri*, l-Art. 33; il-*Konvenzjoni tal-1 ta' Awwissu 1989 dwar il-Liġi Applikabbli għas-Suċċessjoni għall-Patrimonji tal-Persuni Deċeduti*, l-Art. 21; il-*Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u Ieħor*, l-Art. 38; il-*Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġuriżdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Koperazzjoni fir-Rigward tar-Responsabbilità tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tal-Minuri*, l-Art. 46.

[101] Bi 12-il vot kontra 10, b'astenzjoni waħda, ara l-Minuti Nru 17, Nru 21-27 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.340]

awtoritajiet, tal-liġi applikabbli u tar-rikonoxximent tal-miżuri ta' protezzjoni, iżda fejn id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli hija kkonċernata, l-kamp ta' applikazzjoni ta' applikazzjoni tiegħu huwa maqtugħ sew mill-Artikolu 46, li jistabbilixxi regoli speċjali f'dan ir-rigward.

**156** L-idea ġenerali li ispirat l-Artikolu 45, li għalih jinstabu preċedenti f'Konvenzjonijiet oħra,[102] hija li l-Istat federali jew semifederali jsib l-elementi ta' konnessjoni spazjali ppreferuti mill-Konvenzjoni fl-unità territorjali ta' tali Stat fejn effettivament jinstabu. Għalhekk huwa mar-residenza abitwali tal-adult, il-preżenza tiegħu, il-post tal-proprjetà tiegħu, jew il-konnessjoni sostanzi li s-sitwazzjoni jista' kollha ma' Stat, jew mal-post ta' implimentazzjoni tal-miżura (is-subparagrafi *a), b), c), f)* u *i*). Bl-istess mod, ir-referenza għal awtorità, liġi, jew proċedura għandha tkun għall-awtorità awtorizzata li taġixxi, jew għal-liġi jew il-proċedura fis-seħħ fl-unità territorjali kkonċernata (is-subparagrafi *g), h)* u *i)*). Ir-referenza għall-Istat tan-nazzjonalità tal-adult (ara l-Artikoli 7 u 8(2), subparagrafu *a)*) għandha titqies li hija għall-"unità territorjali magħżula mil-liġi ta' dak l-Istat jew, fin-nuqqas ta' regoli rilevanti, għall-unità territorjali li magħha l-adult għandu l-eqreb rabta" (is-subparagrafu *d)*). Ir-referenza għall-Istat li l-awtoritajiet tiegħu ntgħażlu mill-adult għandha titqies li hija għall-unità territorjali jekk l-adult ikun għażel l-awtoritajiet, jew inkella l-unità territorjali li l-adult għandu l-eqreb rabta magħha (is-subparagrafu *e)*).

## Artikolu 46 (konflitti interterritorjali, regoli speċjali dwar il-liġi applikabbli)

**157** Studju komparattiv qasir tal-Konvenzjonijiet tal-Aja riċenti juru li sistemi diversi ħafna ntużaw sabiex tiġi ddeterminata l-liġi tal-unità territorjali li hija applikabbli, fejn ir-regoli tal-konflitti tal-Konvenzjoni jagħżlu l-liġi ta' Stat li għandu konflitti tal-liġijiet interterritorjali. Ċerti Konvenzjonijiet jaħtru direttament l-unità territorjali li l-liġi tagħha se tkun applikabbli[103]. Oħrajn jirreferu prinċipalment għar-regoli tal-konflitti interni tal-Istat ikkonċernat, u sussidjarjament għal-liġi tal-unità territorjali li s-sitwazzjoni għandha l-eqreb konnessjonijiet magħha,[104] jew għal-liġi ta' unità territorjali ddeterminata direttament[105]. L-Artikolu 46 ta' din il-Konvenzjoni, bħall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, jippreferi din l-aħħar sistema. L-unità territorjali, li l-liġi tagħha hija applikabbli, hija dik li hija identifikata mir-regoli fis-seħħ fl-Istat ikkonċernat, iżda jekk ma hemm xejn, hija dik iddefinita fl-Artikolu 45. Għaldaqstant, fejn l-Artikolu 15 jagħżel il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-adult li tirregola s-setgħat ta' rappreżentazzjoni li jkun ta, u dan l-Istat jinkludi bosta unitajiet territorjali rregolati minn liġijiet differenti, ikun neċessarju l-ewwel nett li jiġi investigat jekk fil-liġi ta' dan l-Istat hemmx

102 Ara l-*Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili Internazzjonali tas-Sekwestru tal-Minuri*, l-Art. 31; u speċjalment, il-*Konvenzjoni tal-Aja tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u Ieħor*, l-Art. 36.

103 Ara l-*Konvenzjoni tal-14 ta' Marzu 1978 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Aġenzija*, l-Art. 19; il-*Konvenzjoni tal-14 ta' Marzu 1978 dwar il-Liġi Applikabbli għar-Reġim tal-Proprjetà Matrimonjali*, l-Art. 17; il-*Konvenzjoni tal-14 ta' Marzu 1978 dwar iċ-Ċelebrazzjoni u r-Rikonoxximent tal-Validità taż-Żwiġijiet*, l-Art 18 u 19; il-*Konvenzjoni tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar il-Liġi Applikabbli għal Kuntratti għall-Bejgħ Internazzjonali ta' Prodotti*, l-Art. 19; il-*Konvenzjoni tal-25 ta' Ottubru tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili Internazzjonali tas-Sekwestru tal-Minuri*, l-Art. 31 *b*; il-*Konvenzjoni tal-1 ta' Lulju 1985 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Fondi Fiduċjarji u r-Rikonoxximent tagħhom*, l-Art. 23; il-*Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u Ieħor*, l-Art. 36 *b*;

104 il-*Konvenzjoni tal-Aja tat-2 ta' Ottubru 1973 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment*, l-Art. 16.

105 Ara l-*Konvenzjoni tal-14 ta' Marzu 1978 dwar il-Liġi Applikabbli għar-Reġim tal-Proprjetà Matrimonjali*, l-Art. 16; il-*Konvenzjoni tal-1 ta' Awwissu 1989 dwar il-Liġi Applikabbli għas-Suċċessjoni għall-Patrimonji tal-Persuni Deċeduti*, l-Art. 19(2).

regoli li jwasslu għall-identifikazzjoni tal-unità territorjali, li l-liġi tagħha hija applikabbli u, fin-nuqqas ta' tali regoli, li tiġi applikata skont l-Artikolu 45, subparagrafu *a)*, il-liġi tal-unità territorjali fejn l-adult kellu r-residenza abitwali tiegħu.

## Artikolu 47 (konflitti interpersonali, liġi applikabbli)

**158** Għall-kuntrarju tal-Artikoli 45 u 46, l-Artikolu 47, riprodott mill-Artikolu 49 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, jimmira l-Istati li għandhom konflitti interpersonali, jiġifieri dawk l-Istati li għandhom sistemi legali jew settijiet ta' regoli varji applikabbli għal kategoriji differenti ta' persuni. Il-Konvenzjonijiet tal-Aja kollha li jindirizzaw id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli, fejn ir-regoli tal-konflitt li jistabbilixxu jagħżlu Stat ta' dan it-tip, jiddiferixxu għar-regoli tal-konflitti interni ta' dak l-Istat. Ftit minnhom jieqfu hemm, mingħajr ma jagħtu soluzzjoni għall-każ fejn ma jeżistux tali regoli fl-Istat ikkonċernat[106]. Oħrajn jimlew dan il-vojt u jirreferu, fin-nuqqas ta' tali regoli, għal-liġi tal-eqreb konnessjoni[107]. L-Artikolu 47 ta' din il-Konvenzjoni jadotta din l-aħħar sistema. Fin-nuqqas ta' regoli fis-seħħ fl-Istat ikkonċernat li jidentifikaw il-liġi applikabbli, il-liġi tas-sistema jew is-sett ta' regoli li l-adult għandu l-eqreb konnessjoni magħhom japplikaw.

## Artikolu 48 (sostituzzjoni tal-Konvenzjoni tas-17 ta' Lulju 1905)

**159** Dan l-Artikolu jiddikjara s-sostituzzjoni, fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Kontraenti, tal-Konvenzjoni antika tas-17 ta' Lulju 1905, b'din il-Konvenzjoni[108]. Għall-kuntrarju tad-dispożizzjoni simili tal-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, ma jirriservax ir-rikonoxximent tal-miżuri meħuda qabel b'applikazzjoni tal-Konvenzjoni antika, li tidher li ma għadhiex tapplika.

Li kieku dak ma kienx il-każ, it-tranżizzjoni minn Konvenzjoni għall-oħra tista' twassal għal diffikultajiet simili għal dawk li ġew indikati għas-suċċessjoni tal-Konvenzjonijiet tal-1961 u tal-1996[109]. Jekk, pereżempju, ir-residenza abitwali tal-adult tinbidel minn Stat A għal Stat B, li t-tnejn kienu Partijiet tal-Konvenzjoni tal-1905 iżda li fi żmien il-bidla saru Partijiet tal-Konvenzjoni l-ġdida, din il-Konvenzjoni l-ġdida għandha loġikament tapplika fir-relazzjonijiet reċiproki tagħhom. Iżda jekk l-adult għandu n-nazzjonalità tal-Istat C, Parti għall-Konvenzjoni tal-1905 iżda mhux għall-Konvenzjoni l-ġdida, il-Konvenzjoni tal-1905 se tkompli torbot l-Istati A u B mal-Istat C li jista', billi jiddikjara l-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet tiegħu, jibblokka l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni l-ġdida fir-relazzjonijiet bejn l-Istati A u B[110].

106 Ara l-*Konvenzjoni tal-14 ta' Marzu 1978 dwar iċ-Ċelebrazzjoni u r-Rikonoxximent tal-Validità taż-Żwiġijiet*, l-Art. 20; il-*Konvenzjoni tal-25 ta' Ottubru tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili Internazzjonali tas-Sekwestru tal-Minuri*, l-Art. 32; il-*Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u Ieħor*, l-Art. 37;

107 il-*Konvenzjoni tat-2 ta' Ottubru 1973 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment*, l-Art. 16. il-*Konvenzjoni tal-1 ta' Awwissu 1989 dwar il-Liġi Applikabbli għas-Suċċessjoni għall-Patrimonji tal-Persuni Deċeduti*, l-Artikolu 20; qabbel il-*Konvenzjoni tal-14 ta' Marzu 1978 dwar il-Liġi Applikabbli għar-Reġim tal-Proprjetà Matrimonjali*, l-Art. 19.

108 Qabbel l-Art. 51 tal-*Konvenzjoni tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Koperazzjoni fir-Rigward tar- Responsabbilità tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tal-Minuri*.

109 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni tal-1996, Nru 169.

110 Il-Konvenzjoni tas-17 ta' Lulju 1905 tagħti ġurisdizzjoni prijoritarja lill-awtoritajiet tal-Istat nazzjonali li jiddikjaraw il-projbizzjoni tagħhom u jorganizzaw it-tutela (l-Artikolu 2). L-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali għandhom biss ġurisdizzjoni sussidjarja fil-każ li l-awtoritajiet nazzjonali jastjenu

## Artikolu 49 (konflitti ma' Konvenzjonijiet oħra)

**160** Dan l-Artikolu huwa riprodott mill-Artikolu 52 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, adottat għan-negozjati li kienu għaddejjin fl-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' dak li kellu jsir ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u fi kwistjonijiet ta' responsabilità tal-ġenituri għat-tfal taż-żewġ konjuġi[111]. Madankollu, huwa ħoloq dibattitu, fejn ċerti Stati beżgħu li ma ħallielhomx marġni wiesgħa biżżejjed għall-manuvrar li jippermettilhom, fi-futur, li jikkonkludu ftehimiet separati fis-suġġetti rregolati mill-Konvenzjoni. L-ispjegazzjonijiet mogħtija waqt id-dibattiti urew li kien għad hemm marġni wiesgħa għall-manuvrar.

Paragrafu 1

**161** Dan il-paragrafu, bħall-klawżoli ta' kompatibilità normali li jinstabu f'bosta konvenzjonijiet, jikkonċerna biss ftehimiet preċedenti li daħlu fihom l-Istati Kontraenti. Huwa jżomm l-applikazzjoni tagħhom, sakemm l-Istati Kontraenti għal tali ftehimiet jagħmu dikjarazzjoni għall-kuntrarju.

Paragrafu 2

**162** Dan il-paragrafu 2 jippermetti "Stat jew Stati Kontraenti li jikkonkludu ftehimiet li fihom, fir-rigward ta' adulti residenti abitwalment fi kwalunkwe Stat Kontraenti ma' tali ftehimiet, dispożizzjonijiet dwar kwistjonijiet irregolati minn din il-Konvenzjoni". Tali ftehimiet jistgħu jiġu konklużi bejn l-Istati Kontraenti jew bejn Stati Kontraenti u Stati terzi,[112] iżda l-ftehimiet imsemmija f'dan il-paragrafu huma dawk li jikkonċernaw "adulti abitwalment residenti fi Stat Kontraenti għal tali ftehimiet".

Din il-limitazzjoni dehret għad-delegazzjonijiet tal-Istati Nordiċi bħala eċċessiva, għaliex xtaqu jkunu jistgħu jikkonkludu ftehimiet separati bbażati mhux biss fuq ir-residenza abitwali iżda wkoll fuq in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-adult jew fuq l-eżistenza ta' proprjetà fl-Istati Kontraenti għal dawk il-ftehimiet. B'kunsiderazzjoni ta' dan, huma pproponew li l-paragrafu 2 jitħassar u li l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet konklużi jew li għandhom jiġu konklużi mill-Istati Kontraenti[113] jiġu rriservati fil-paragrafu 1, fuq l-istess livell mal-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni dwar is-Suċċessjonijiet. Ġie oġġezzjonat li din kienet prinċipalment konvenzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet (u mhux biss konvenzjoni dwar il-konflitti tal-liġijiet, bħall-Konvenzjoni dwar is-Suċċessjonijiet) u li għandu jsir sforz biex jiġi prevenut milli tiġi konkluża Konvenzjoni separata minn ċerti Stati Kontraenti tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti, li tadotta regoli ta' ġuriżdizzjoni li jistgħu jostakolaw l-operazzjoni tajba tagħha. Dan ikun il-każ jekk tali konvenzjoni separata kellu jkollha effett fuq adulti li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom lil hinn miċ-ċirku magħluq tal-Istati Kontraenti tagħha u Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja. Ingħatat ukoll bħala risposta li, għalkemm il-paragrafu 2 effettivament

(l-Artikolu 6), iżda l-projbizzjoni ddikjarata mill-awtoritajiet tar-residenza abitwali tista' titneħħa mill-awtoritajiet nazzjonali skont il-liġi tagħhom (l-Artikolu 11).

111 Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2001.

112 Il-possibilità tal-aħħar toriġina mill-fatt li l-paragrafu jikkontempla ftehim separat konkluż minn "Stat jew Stati Kontraenti". Jekk jiġi konkluż biss minn Stat Kontraenti wieħed, dan jista' jkun biss Stat terz.

113 Proposta rrifjutata bi 12-il vot kontra 7 b'5 astenzjonijiet, ara d-diskussjoni, il-Minuti Nru 10, Nri 1-40 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.290-293] u l-Minuti Nru 17, Nri 28-34 [ara l-Proċedimenti tal-SC b'karattru diplomatiku (1999), p.340-341]

involva limitazzjoni tal-ftehimiet ikkunsidrati għal adulti li għandhom residenza abitwali fi Stat kontraenti għalihom, il-paragrafu 3 ma jirrepetix din il-limitazzjoni u jħalli miftuħa l-possiblità ta' ftehimiet separati dwar adulti li mhux neċessarjament għandhom residenza abitwali fi Stat Kontraenti, bil-kundizzjoni, madankollu, li dawn il-ftehimiet ma jaffetwawx l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja.

Paragrafu 3

163 Dan il-paragrafu jindika li l-ftehimiet separati li għandhom jiġu konklużi minn Stat jew Stati Kontraenti "ma jaffettwawx, fir-relazzjoni ta' tali Stati ma' Stati Kontraenti oħra, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni". Fi kliem ieħor, il-libertà li jiġu konklużi ftehimiet separati hija kompluta, iżda l-Istati Kontraenti għal tali ftehimiet separati ma jistgħu fl-ebda każ jużaw dawn il-ftehimiet bħala argument biex jeħilsu mill-obbligi tagħhom lejn l-Istati Kontraenti l-oħra li mhumiex Parti mill-ftehimiet separati.

Il-firxa tal-paragrafu 3 tista' tiġi deskritta bl-għajnuna ta' bosta eżempji. Jekk teżisti, minħabba l-Konvenzjoni tal-Aja, bażi għal ġuriżdizzjoni favur l-awtorità ta' Stat Kontraenti ta' dik il-Konvenzjoni, iżda mhux tal-ftehim separat, l-Istati Kontraenti li huma wkoll Parti tal-ftehim separat għandhom jirrikonoxxu li l-miżuri meħuda minn dik l-awtorità fuq din il-bażi ta' ġuriżdizzjoni ttieħdu minn awtorità kompetenti, anke jekk il-ftehim separat eskluda tali bażi għal ġuriżdizzjoni. B'mod reċiproku, l-Istati Kontraenti li mhumiex Parti mill-ftehim separat ovvjament mhumiex se jkunu marbuta li jirrikonoxxu l-miżuri meħuda fl-Istati Kontraenti l-oħra li huma Parti minn tali ftehim fuq il-bażi ta' ġuriżdizzjoni prevista mill-ftehim separat iżda mhux mill-Konvenzjoni tal-Aja. Barra minn hekk, l-Istati Kontraenti li huma Parti mill-ftehim separat għandhom jirrispettaw l-obbligi ta' kooperazzjoni li l-Konvenzjoni tal-Aja timponi fuqhom.

164 Fl-interpretazzjoni li ddominat fid-diskussjonijiet tal-Kumitat Diplomatiku, ir-restrizzjonijiet fil-paragrafu 3 hawnhekk jikkonċernaw biss il-ftehimiet imsemmija fih, jiġifieri, dawk li mhumiex limitati għal adulti li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorji ta' wieħed mill-Istati Kontraenti għal dawn il-ftehimiet. Il-ftehimiet stabbiliti fil-paragrafu 2 għaldaqstant mhumiex affetwati minn dawn ir-restrizzjonijiet.

Paragrafu 4

165 Dan il-paragrafu jassimila mal-ftehimiet separati liġijiet uniformi bbażati fuq l-eżistenza, fost l-Istati kkonċernati, ta' rabtiet speċjali. Din id-dispożizzjoni hija ta' interess partikolari għall-Istati Nordiċi.

## Artikolu 50 (applikazzjoni temporanja tal-Konvenzjoni)

166 Dan l-Artikolu jirrepeti fl-ewwel żewġ paragrafi tiegħu ż-żewġ regoli tal-liġi tranżitorja prevista mill-Artikolu 53 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal dwar il-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet u r-rikonoxximent tal-miżuri. Huwa jsegwi loġikament mill-paragrafu 1 li r-regoli ta' ġuriżdizzjoni se japplikaw fi Stat biss mid-dħul tas-seħħ tal-Konvenzjoni f'dak l-Istat. Konsegwentement, il-miżuri meħuda minn Stat Kontraenti qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni f'dak l-Istat, b'applikazzjoni tar-regoli ta' ġuriżdizzjoni fis-seħħ qabel, mhux se jiġu invalidati mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni, anke jekk l-awtoritajiet li ħaduhom ma għadx għandhom ġuriżdizzjoni skont il-Konvenzjoni.

**167** Il-paragrafu 2 jillimita l-applikazzjoni temporali tal-Kapitolu IV (ir-rikonoxximent u l-infurzar) għal miżuri meħuda wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni, kemm fl-Istat ta' oriġini tal-miżuri kif ukoll fl-Istat rikjest. Madankollu, xejn ma jipprevjeni lill-Istat rikjest milli jirrikonoxxi, fuq il-bażi tal-liġi nazzjonali tiegħu, deċiżjonijiet meħudin qabel.

**168** Il-paragrafu 3 huwa ġdid. Sar neċessarju minħabba l-eżistenza ta' setgħat ta' rappreżentazzjoni mogħtija mill-adult (l-Artikolu 15). Il-Kumitat ried li s-setgħat ta' rappreżentazzjoni li l-adult kien ta qabel, jekk dan kien sar taħt kundizzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 15, jiġu rikonoxxuti f'kull Stat Kontraenti mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni fir-rigward ta' tali Stat. Fil-qosor, il-Konvenzjoni teħtieġ rikonoxximent għall-futur tal-eżistenza ta' setgħat mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni l-ġdida,[114] iżda ma teħtiġx rikonoxximent tal-atti li twettqu b'applikazzjoni ta' dawk is-setgħat qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni f'dak l-Istat.

## Artikolu 51 (lingwa tal-komunikazzjonijiet)

**169** Dan l-Artikolu, identiku għall-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u għall-Artikolu 24 tal-*Konvenzjoni tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili Internazzjonali tas-Sekwestru tal-Minuri*, jindirizza l-problemi tal-lingwa li biha l-komunikazzjonijiet bejn l-awtoritajiet għandhom jinkitbu jew jiġu tradotti fiha. Il-komunikazzjoni għandha tkun bil-lingwa oriġinali u għandha tiġi akkumpanjata minn traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat l-ieħor jew, jekk dan ma jkunx fattibbli, traduzzjoni għall-Franċiż jew l-Ingliż. Tista' ssir riżerva fir-rigward tal-użu tal-Ingliż jew tal-Franċiż.

## Artikolu 52 (monitoraġġ tal-Konvenzjoni)

**170** Dan l-Artikolu jirriproduċi l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal li hu stess jirriproduċi l-Artikolu 42 tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 1993 dwar l-Adozzjoni. Jittieħed biss benefiċċju mill-organizzazzjoni perjodika mill-Konferenza ta' laqgħat biex tiġi eżaminata l-operazzjoni prattika tal-Konvenzjoni u, fejn xieraq, isiru suġġerimenti biex titjieb.

# KAPITOLU VII – KLAWŻOLI FINALI

## Artikoli 53-55 (klawżoli finali)

**171** Dawn l-Artikoli, ippreparati mill-Uffiċju Permanenti (id-Dokument ta' Ħidma Nru 65) u adottati mingħajr diskussjoni twila, huma meħuda minn Konvenzjonijiet preċedenti, partikolarment il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal. Huma jindirizzaw il-firma, ir-ratifika jew l-approvazzjoni (l-Artikolu 53), l-adeżjoni (l-Artikolu 54), il-possibilità għall-Istati li għandhom żewġ unitajiet territorjali jew aktar fejn japplikaw sistemi legali differenti li jiddikjaraw l-unitajiet li l-Konvenzjoni tapplika għalihom (l-Artikolu 55), is-sistema tar-riżerva unika permessa mill-Konvenzjoni[115] u l-irtirar tagħha (l-Artikolu 56), id-dħul fis-seħħ

---

[114] Filwaqt li ma tobbligax ir-rikonoxximent ta' miżuri ta' protezzjoni meħuda qabel, ara l-Art. 50(1).

[115] Din ir-riżerva tikkonċerna l-lingwa tal-komunikazzjonijiet, ara n-Nru 169 hawn fuq, l-Art. 51. Is-setgħa li ssir riżerva fuq l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni fil-qasam mediku, aċċettata l-ewwel darba mill-Kumitat, ġiet eliminata wara li ntlaħaq ftehim dwar dawn il-kwistjonijiet.

tal-Konvenzjoni (l-Artikolu 57), id-denunzja (l-Artikolu 58), u fl-aħħar nett, in-notifika li d-depożitarju tal-Konvenzjoni se jkollu jagħmel lill-Istati Membri tal-Konferenza u lil dawk l-Istati li se jkunu ssieħbu mal-Konvenzjoni (l-Artikolu 59).

Il-Konvenzjoni tieħu żewġ innovazzjonijiet mill-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kif imqabbel mal-Konvenzjonijiet preċedenti. L-ewwel nett, skont l-Artikolu 53 u għall-kuntrarju tal-Konvenzjoni dwar l-Adozzjoni li wkoll tbiegħdet minn Konvenzjonijiet preċedenti, il-Konvenzjoni hija miftuħa biss għall-firma minn Stati Membri tal-Konferenza tat-2 ta' Ottubru 1999, u mhux minn dawk l-Istati li attendew bħala osservaturi jew li saru Membri wara din id-data. Dawn tal-aħħar jistgħu jissieħbu mal-Konvenzjoni billi jsegwu l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 54, jiġifieri, biss wara d-dħul fis-seħħ skont l-Artikolu 57(1). It-tieni nett, l-Artikolu 58 jistabbilixxi li d-denunzja tal-Konvenzjoni tista' tkun limitata għal ċerti unitajiet territorjali li l-Konvenzjoni tapplika għalihom.

Pariġi, 5 ta' Jannar 2000

DS-02-17-312-MT-N

**Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat**
**Il-Bureau Permanenti**
Churchillplein 6b
2517 JW L-Aja
In-Netherlands

+31 70 363 3303
+31 70 360 4867
secretariat@hcch.net
www.hcch.net

HCCH
HAGUE CONFERENCE ON PRIVATE INTERNATIONAL LAW
CONFÉRENCE DE LA HAYE DE DROIT INTERNATIONAL PRIVÉ

Il-Kummissjoni Ewropea

ISBN 978-92-79-66988-0

9 789279 669880

doi: 10.2838/743683